Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0009

Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2026 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom (10015/1/2025 – C10-0228/2025 – 2013/0072(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fl-ewwel qari (10015/1/2025 – C10-0228/2025),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2013[1],
- wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni (COM(2025)0630),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[2] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2013)0130),
- wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tat-13 ta' Ottubru 2025 skont l-Artikolu 74 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

---

1 ĠU C 327, 12.11.2013, p. 115.
2 ĠU C 93, 24.3.2017, p. 336.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A10-0001/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fit-tieni qari li tidher hawn taħt;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC2-COD(2013)0072

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-21 ta' Jannar 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[2],

---

1 ĠU C 327, 12.11.2023, p. 115.

2 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta’ Frar 2014 (ĠU C 93, 24/03/2017, p. 336) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tad-29 ta’ Settembru 2025 (ĠU C, C/2025/5782, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5782/oj). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta’ Jannar 2026.

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97[4] ikkontribwew b'mod sinifikanti għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru meta l-pjanijiet tal-ivvjaġġar tagħhom jiġu interrotti minħabba imbark miċħud, dewmien twil ta' titjiriet, kanċellazzjonijiet jew ġestjoni ħażina tal-bagalji.

(1a) Il-leġiżlatur tal-Unjoni jikkonferma l-għanijiet espressi fil-Premessi 1 u 4 għal leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tat-trasport bl-ajru biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-passiġġieri, biex jitqiesu bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-konsumatur b'mod ġenerali u biex jogħlew l-istandards ta' protezzjoni stabbiliti b'dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li jsir billi jissaħħu d-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, billi tittejjeb iċ-ċertezza legali kemm għall-passiġġieri tal-ajru kif ukoll għat-trasportaturi tal-ajru u billi jiġu kkodifikati d-deċiżjonijiet ewlenin tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni tagħha tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, kif ukoll billi jiġi żgurat li t-trasportaturi tal-ajru joperaw skont kundizzjonijiet armonizzati f'suq liberalizzat. Dan ifisser ukoll li jenħtieġ li l-istandards ta' protezzjoni stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 261/2004 bl-ebda mod ma jitnaqqsu fil-grad. Għaldaqstant, jenħtieġ li jitwettaq il-potenzjal sħiħ tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, kif protetti skont ir-Regolamenti (KE) Nru 261/2004 u (KE) Nru 2027/97, u jenħtieġ li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva, effiċjenti u

---

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/261/oj).

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 tad- 9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi bl-ajru fir-rigward tat-trasport ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom bl-ajru (ĠU L 285, 17.10.1997, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/2027/oj).

konsistenti ta' tali drittijiet madwar l-Unjoni, filwaqt li jitqiesu l-interessi tat-trasportaturi tal-ajru u jitkompla jinstab bilanċ bejn l-interessi tal-passiġġieri tal-ajru u dawk tat-trasportaturi tal-ajru. **[Em. 1]**

(2) Madankollu, għadd ta' nuqqasijiet, li ħarġu waqt l-implimentazzjoni tad-drittijiet skont ir-Regolamenti (KE) Nru 261/2004 u (KE) Nru 2027/97, xekklu l-potenzjal sħiħ ta’ dawk id-drittijiet fejn tidħol il-protezzjoni tal-passiġġieri. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva, effiċjenti u konsistenti tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru madwar l-Unjoni, hemm bżonn sensiela ta' aġġustamenti fil-qafas legali attwali. Dan saħqitu l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-27 ta’ Ottubru 2010 bit-titolu: “Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE: Inżarmaw l-ostakli għad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE” li ħabbar miżuri biex jiġu żgurati ġabra ta' drittijiet komuni partikolarment għall-passiġġieri tal-ajru u l-infurzar xieraq ta' dawn id-drittijiet.

(3) ~~L-Istudju~~***L-istudju*** dwar il-livell attwali ta’ protezzjoni tal-passiġġieri tal-ajru fl-UE kkummissjonat u ppubblikat mill-Kummissjoni fl-2020 (~~minn hawn 'il quddiem "l-Istudju"~~***l-istudju Steer***) ~~wera~~***isostni*** li l-prijorità ewlenija tal-passiġġieri hija li jingħataw assistenza f~~'~~’każ ta~~'~~’ tfixkil fil-vjaġġ u li jiġu offruti rotta alternattiva sabiex jaslu fid-destinazzjoni tagħhom malajr kemm jista~~'~~’ jkun. ~~L-Istudju wera~~***Għal dan l-għan, l-istudju Steer juri*** li l-ħlas ta~~'~~’ kumpens jiġi t-tielet ***mit-tliet għażliet ippruvduti*** f’termini tal-prijoritajiet tal-passiġġieri. ~~Min-naħa l-oħra, l-Istudju wera wkoll li l-kostijiet assoluti u relattivi mġarrba mit-trasportaturi tal-ajru bl-implimentazzjoni~~***Madankollu, minn dan l-istudju ma jistax jiġi dedott li l-ħlas ta’ kumpens jikklassifika f’livell baxx fil-prijoritajiet tal-passiġġieri, għal tliet raġunijiet. L-ewwel nett, id-disinn tal-mistoqsija diġà għandu bias sinifikanti, li jnaqqas l-eżiti possibbli, peress li t-tliet għażliet mogħtija lir-rispondenti ma humiex komparabbli fin-natura tagħhom. Filwaqt li tnejn mill-għażliet (l-assistenza u l-għoti ta’ rotta alternattiva) iwiegħdu serħan immedjat minn problema urġenti (tfixkil fit-titjiriet), it-tielet għażla (kumpens) hija inqas immedjata u inqas urġenti min-natura tagħha. Il-kumpens skont dan ir-Regolament ifittex li jagħti rimedju għad-dannu mġarrab bħala konsegwenza ta’ tfixkil, bi ħlas li jgħin lill-passiġġier fuq terminu ta’ żmien fit-tul, aktar milli jsolvi l-problema immedjata (permezz ta’ assistenza jew tal-għoti ta’ rotta alternattiva). Huwa naturali li r-rispondent medju jikklassifika fit-tielet post bħala l-inqas urġenti u immedjat mit-tliet għażliet (il-kumpens).***

Madankollu, ikun loġikament u statistikament invalidu li minn din il-klassifikazzjoni jiġi konkluż li għoti ta' kumpens ikun ta' importanza sinifikament aktar baxxa għall-passiġġier. It-tieni punt: id-disinn tal-mistoqsija tal-Istudju joħloq obbligu artifiċjali fuq ir-rispondent li jkollu jagħżel bejn tliet għażliet u jikklassifikahom, filwaqt li fir-realtà attwali tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ~~żdiedu b'mod sinifikanti mill-2011 li jistgħu jirriżultaw f'restrizzjoni fuq l-għadd ta' rotot operati jew fi tnaqqis fil-konnettività offruta mit-trasportaturi tal-ajru lill-passiġġieri fuq terminu ta' żmien fit-tul. Għaldaqstant~~***, dawk it-tliet għażliet jikkoeżistu mingħajr ma jeskludu lil xulxin bl-ebda mod. It-tielet punt: il-klassifikazzjoni tal-istudju Steer hija derivata mill-interazzjoni mal-konsumaturi u mal-organizzazzjonijiet tal-passiġġieri u minn riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, u mhijiex ibbażata fuq stħarriġ komprensiv dwar il-passiġġieri. Għalhekk, sabiex jiġi evitat il-bias tad-disinn tal-mistoqsija u tal-metodoloġija tal-istudju Steer, tajjeb li jiġu kkonsultati stħarriġiet rappreżentattivi ulterjuri dwar l-opinjonijiet tal-passiġġieri tal-ajru fir-rigward tal-għoti ta' kumpens skont dan ir-regolament. Stħarriġ statistiku[5] mwettaq mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) fl-2018 ta' 10 350 ċittadin magħżula b'mod aleatorju minn għaxar Stati Membri, wera d-"dritt għal kumpens f'każ ta' kanċellazzjonijiet jew passiġġieri li ma jitħallewx jitilgħu" fit-tieni post b'39,6 % minn għaxar għażliet li minnhom il-passiġġieri kellhom jagħżlu tliet drittijiet li "jqisu bħala l-aktar importanti", filwaqt li l-għażla ppreferuta, li kienet "id-dritt li jirċievu trasport alternattiv f'każ ta' dewmien twil, kanċellazzjonijiet jew passiġġieri li ma jitħallewx jitilgħu", kienet biss marġinalment ogħla, b'41,7 %.***

---

5 ***Ara l-paġna 25 ta' https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR18_30/SR_PASSENGER_RIGHTS_MT.pdf.***

Minħabba din id-differenza negliġibbli, jenħtieġ li ~~r-reviżjoni~~***ma tiġi dedotta l-ebda ordni reali ta' preferenza minn dawn iż-żewġ għażliet bi klassifikazzjoni tant fil-qrib. Fi stħarriġ tal-YouGov ikkummissjonat minn aġenzija ta' pretensjonijiet, li sar fir-rebbiegħa tal-2025, fost 3 059 ċittadin fil-Ġermanja, Spanja u d-Danimarka, 70 % tar-rispondenti insistew li tinżamm ir-regola attwali ta' kumpens, filwaqt li saħqu li l-passiġġieri jenħtieġ li ma jitilfux id-drittijiet minħabba ffrankar marġinali tal-ispejjeż, filwaqt li 14 % biss ippreferew iffrankar preżunt ta' EUR 1 fuq il-prezz tal-biljett. Anke l-assoċjazzjoni tal-industrija Airlines for Europe (A4E) tikkonkludi mill-istħarriġ YouGov tagħha stess, li jirrifletti l-fehmiet ta' aktar minn 6 000 konsumatur f'ħames Stati Membri, li "75 % tal-passiġġieri li taru f'dawn l-aħħar 12-il xahar jappoġġjaw iż-żamma tal-livelli ta' kumpens attwali"[6]. Din l-evidenza tappoġġja d-deċiżjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni fil-kuntest tar-reviżjoni*** tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ~~tiffoka b'mod partikolari fuq id-drittijiet~~***li ma jkun hemm tnaqqis fil-grad tal-ebda dritt eżistenti*** tal-passiġġieri ***għal kumpens, flimkien ma' drittijiet oħra ugwalment importanti*** għall-assistenza u l-għoti ta' rotta ~~ġdida, filwaqt li~~***alternattiva. Iż-żewġ kategoriji ta' drittijiet eżaminati fl-evidenza ta' hawn fuq, "kumpens" u "assistenza u għoti ta' rotta alternattiva", iridu*** jitqiesu ***bħala sħaħ u ma jridux jiġu opposti b'mod artifiċjali waħda kontra l-oħra.*** L-inċentivi ekonomiċi ~~għat-trasportaturi~~***tat-trasportaturi*** tal-ajru u ~~l-impatti~~***l-impatt*** fuq il-konnettività ***jistgħu jitqiesu bis-sħiħ, filwaqt li fl-istess ħin jiġu ppreservati d-drittijiet eżistenti tal-passiġġieri tal-ajru u livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur***. **[Em. 2]**

---

6 ***Ara l-Istqarrija għall-Istampa ta' A4E tal-14 ta' Ottubru 2025 https://a4e.eu/publications/new-data-confirms-that-eu-passenger-rights-reform-is-out-of-sync-with-passenger-priorities/***

(3a) F'konformità mal-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, studju indipendenti rieżaminat bejn il-pari tal-2023[7] jipprovdi evidenza robusta li r-Regolament fil-forma attwali tiegħu huwa effettiv fit-tnaqqis tal-ħinijiet medji tad-dewmien tat-titjiriet. Huwa sab li dan l-impatt huwa b'mod ċar ekonomikament importanti fid-daqs u huwa indipendenti mid-deċiżjonijiet tat-trasportaturi tal-ajru dwar it-tul skedat tat-titjira. Dan jikkonferma li statistikament, l-ipoteżi ta' ebda impatt tista' tiġi miċħuda b'mod qawwi ħafna. Huwa jinsisti li r-riżultati tiegħu japplikaw għal miżuri oħra ta' puntwalità tat-titjiriet (dewmien fil-wasla u s-sehem ta' "titjiriet fil-ħin"), u huwa robust għal speċifikazzjonijiet alternattivi. Barra minn hekk, sab li r-Regolament attwali huwa l-aktar effettiv fit-tnaqqis tad-dewmien fuq rotot fejn il-kompetizzjoni hija baxxa. Huwa jissottolinja li minn perspettiva ekonomika, l-iskema ta' kumpens skont ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tapplika l-prinċipju li r-responsabbiltà għandha tiġġarrab mill-parti li tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tipprevjeniha u timmaniġġjaha bl-inqas kost. It-trasportaturi tal-ajru, aktar milli l-passiġġieri, iżommu l-kontroll fuq il-puntwalità permezz ta' skedar, ippjanar tal-manutenzjoni, rotazzjonijiet tal-ekwipaġġ u tal-inġenji tal-ajru, u strateġiji ta' rkupru mit-tfixkil.

---

[7] ***Ara Gnutzmann u Spiewanowski fi: Transport Policy (Il-politika tat-trasport) 136 (2023) 155–168, ara: https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0967070X23000768***

Billi jorbot ir-responsabbiltà mad-dewmien tal-wasla fid-destinazzjoni finali, ir-Regolament jipprovdi l-inċentivi ekonomiċi meħtieġa għat-trasportaturi tal-ajru biex inaqqsu l-okkorrenza ta' dewmien twil u kanċellazzjonijiet. Is-sejbiet ta' dan l-istudju jappoġġjaw id-deċiżjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jżomm u jagħmel espliċitu l-limitu komuni ta' tliet sigħat għall-kumpens fil-każ ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil, il-livelli attwali ta' kumpens u l-limiti tad-distanza: filwaqt li jiġi żgurat li l-livell attwali ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri ma jitnaqqasx fil-grad, u jkun effettiv biex tiżdied il-konnettività u jinżammu l-inċentivi ekonomiċi għat-trasportaturi tal-ajru.
[Em. 3]

(4) Jenħtieġ li l-passiġġieri li jivvjaġġaw fuq titjira koperta minn Obbligi ta' Servizz Pubbliku, b'tariffa sħiħa jew imnaqqsa, ikunu soġġetti għall-istess drittijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 261/2004.

(5) ~~Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali għat-trasportaturi u l-passiġġieri tal-ajru, hemm bżonn definizzjoni tal-kunċett ta' "ċirkostanzi straordinarji", li tqis is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-549/07 (Friederike Wallentin-Hermann vs Alitalia – Linee Aeree Italiane SpA) ("is-sentenza fil-Kawża C-549/07")[8] dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004. Jenħtieġ li l-kunċett~~***Il-kunċett*** ta' "ċirkostanzi straordinarji" ~~jiġi ċċarat permezz ta' listi mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li jikkostitwixxu~~***kien soġġett għal ġurisprudenza abbundanti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Jenħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza akbar dwar x'jikkostitwixxi*** ċirkostanzi straordinarji ~~jew li ma jikkostitwux~~***biex id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru jkunu jistgħu jiġu infurzati b'mod effettiv u konsistenti. Fid-dawl tal-ġurisprudenza, jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn avvenimenti li l-oriġini tagħhom hija "interna" u dawk li l-oriġini tagħhom hija "esterna" għat-trasportatur tal-ajru li jopera. L-avvenimenti jenħtieġ li jitqiesu esterni meta jirriżultaw minn ċirkostanzi barra mill-kontroll tat-trasportatur tal-ajru u jirriżultaw minħabba avveniment naturali jew att ta' parti terza. Tali avvenimenti esterni jenħtieġ li jkunu ġeneralment ikkwalifikati bħala*** ċirkostanzi straordinarji. ***Avvenimenti li ma jissodisfawx dawn il-kriterji*** jenħtieġ li ~~l-Kummissjoni tirrieżamina l-lista ta'~~***jitqiesu interni u jenħtieġ li ma jiġux ikkwalifikati bħala*** ċirkostanzi straordinarji ~~kull tliet snin u tipproponi, kif xieraq, li l-Parlament~~***. Tali distinzjoni jenħtieġ li tiġi ċċarata aktar permezz ta' lista eżawrjenti ta' ċirkostanzi li huma identifikati b'mod ċar bħala li jistgħu jitqiesu bħala straordinarji.***

---

8 ~~Is-sentenza tal-Qorti (ir-Raba' Awla) tat-22 ta' Diċembru 2008, Friederike Wallentin-Hermann vs Alitalia – Linee Aeree Italiane SpA, il-Kawża C-549/07, ECLI:EU:C:2008:771.~~

Sabiex tiġi emendata l-lista ta' ċirkostanzi straordinarji, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' żidiet, meta jkun meħtieġ, ma' dik il-lista. Huwa importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[9]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ~~jaġġornaw dik il-lista~~***jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati***. **[Em. 4]**

---

9 ***Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).***

(5a) F'konformità mal-Konvenzjoni ta' Montreal, l-obbligi fuq it-trasportaturi tal-ajru li joperaw jenħtieġ li jkunu limitati jew eskluži f'każijiet li fihom avveniment ikun ġie kkawżat minn ċirkostanzi straordinarji li ma setgħux jiġu evitati anke kieku ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha. Il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet aktar dettall dwar it-tifsira u l-limiti tal-obbligu li jittieħdu "miżuri raġonevoli" fil-ġurisprudenza tagħha. **[Em. 5]**

~~(6) Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-549/07, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li problema teknika mhux mistennija ma kinitx tikkostitwixxi ċirkostanza straordinarja, ħlief meta l-problema teknika mhux mistennija oriġinat minn difett moħbi fil-manifattura żvelat mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru jew minn awtorità kompetenti, jew ħsara lill-inġenju tal-ajru kkawżata minn atti ta' sabotaġġ jew terroriżmu. Madankollu, fid-dawl tal-esperjenza miksuba u minħabba l-importanza prevalenti li jiġi żgurat li d-drittijiet mogħtija lill-passiġġieri skont dan ir-Regolament ma jkunux ta' detriment għas-sikurezza, jenħtieġ li f'ċerti kundizzjonijiet, kwistjonijiet tekniċi b'ċertu tagħmir jikkostitwixxu ċirkostanzi straordinarji.~~ **[Em. 6]**

~~(7) Fis-sentenza tagħha fil-Kawżi Magħquda C-156/22, C-157/22 u C-158/22 (TAP Portugal vs flightright GmbH u Myflyright GmbH)[10] dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li assenza mhux mistennija minħabba mard jew saħansitra mewt mhux mistennija, ftit qabel it-tluq ta' titjira, ta' membru tal-ekwipaġġ li l-preżenza tiegħu hija essenzjali għall-operat tat-titjira ma kinitx tikkostitwixxi ċirkostanza straordinarja. Madankollu, minkejja li t-trasportaturi tal-ajru għandhom id-dmir li jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżguraw is-sostituzzjoni tal-bdot, tal-kobdot jew tal-ekwipaġġ tal-kabina minimu meħtieġ, l-iżgurar tal-konformità ma' dak l-obbligu fil-prattika barra mill-bażijiet tas-servizz tat-trasportatur tal-ajru jeħtieġ żmien konsiderevoli u kostijiet finanzjarji għoljin. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi previst li l-mard jew il-mewt mhux mistennija ta' membru tal-ekwipaġġ li l-preżenza tiegħu hija essenzjali, pereżempju meta sseħħ fil-jum ta' qabel it-tluq tat-titjira, barra mill-bażijiet tas-servizz ta' trasportatur tal-ajru, jenħtieġ li jikkostitwixxi ċirkostanza straordinarja.~~ **[Em. 7]**

---

10 ~~Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-11 ta’ Mejju 2023, TAP Portugal vs flightright GmbH u Myflyright GmbH, il-Kawżi Magħquda C-156/22 sa C-158/22, ECLI:EU:C:2023:393.~~

~~(8) Fis-sentenzi tagħha fil-Kawżi C-28/20 (Airhelp Ltd vs Scandinavian Airlines System Denmark – Norway – Sweden)[11], C-195/17 (Helga Krüsemann u Others vs TUIfly GmbH)[12], C-613/20 (CS vs Eurowings GmbH)[13] u fid-digriet tagħha fil-Kawża C-287/20 (EL u CP vs Ryanair DAC)[14] dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-istrajkijiet tal-persunal tat-trasportatur tal-ajru ma jikkostitwux ċirkostanzi straordinarji. Madankollu, meta jseħħ strajk, ċerti talbiet mill-persunal tal-linji tal-ajru ma jaqgħux taħt il-kompetenza tat-trasportatur tal-ajru u ma jkunux fil-kontroll tiegħu, bħal bidliet fl-età tal-irtirar jew għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jistgħu jiġu indirizzati biss mill-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi previst li ċerti strajkijiet mill-persunal tal-linji tal-ajru jenħtieġ li jikkostitwixxu ċirkostanzi straordinarji.~~ **[Em. 8]**

---

11 ~~Is-sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tat-23 ta' Marzu 2021, Airhelp Ltd vs Scandinavian Airlines System Denmark – Norway – Sweden, il-Kawża C 28/20, ECLI:EU:C:2021:226.~~

12 ~~Is-sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tas-17 ta' April 2018, Helga Krüsemann et vs TUIfly GmbH, il-Kawża C-195/17, ECLI:EU:C:2018:258.~~

13 ~~Is-sentenza tal-Qorti (Id-Disa' Awla) tas-6 ta' Ottubru 2021, CS vs Eurowings GmbH, il-Kawża C-613/20, ECLI:EU:C:2021:820.~~

14 ~~Id-digriet tal-Qorti (It-Tmien Awla) tal-10 ta' Jannar 2022, EL u CP vs Ryanair DAC, il-Kawża C-287/20, ECLI:EU:C:2022:1.~~

(9) Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-173/07 (Emirates Airlines - Direktion für Deutschland vs Diether Schenkel)[15] dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-kunċett ta' "titjira" fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ma ġiex definit iżda l-Qorti tal-Ġustizzja interpretatu bħala li jikkonsisti essenzjalment minn operazzjoni ta' trasport bl-ajru, bħala "unità" ta' tali trasport, li ssir minn trasportatur tal-ajru li jiffissa l-itinerarju tagħha. Sabiex tiġi evitata l-inċertezza u fid-dawl tal-esperjenza miksuba, jenħtieġ li issa tingħata definizzjoni aktar ċara ta' "titjira", kif ukoll il-kunċetti assoċjati ta' "titjira ta' konnessjoni" u "vjaġġ".

(10) Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-537/17 (Claudia Wegener vs Royal Air Maroc SA)[16] dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li r-Regolament (KE) Nru 261/2004 kien japplika għal parti ta' kwalunkwe titjira li kienet parti minn vjaġġ wieħed, irrispettivament minn fejn seħħet it-titjira, inkluż titjiriet operati għalkollox barra mill-Unjoni. ***Abbażi ta' din is-sentenza u bl-għan li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi,*** meta l-punt tat-tluq inizjali jkun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplikaw it-Trattati, jew~~, meta t-trasportatur tal-ajru li jopera jkun trasportatur tal-ajru tal-Unjoni li jopera~~, meta d-destinazzjoni finali tal-vjaġġ tkun tinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplikaw it-Trattati, jenħtieġ li japplika dan ir-Regolament. **[Em. 9]**

---

15 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-10 ta' Lulju 2008, Emirates Airlines - Direktion für Deutschland vs Diether Schenkel, Kawża C-173/07, ECLI:EU:C:2008:400.

16 Is-sentenza tal-Qorti (It-Tmien Awla) tal-31 ta' Mejju 2018, Claudia Wegener vs Royal Air Maroc SA, il-Kawża C-537/17, ECLI:EU:C:2018:361.

(11) L-Istudju wera livelli differenti ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 261/2004 mit-trasportaturi tal-ajru, fejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni ġeneralment urew livell ogħla ta’ konformità mit-trasportaturi tal-ajru ta’ pajjiżi terzi. Għalhekk, jekk jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni u ta’ pajjiżi terzi u t-titjib tas-sostenibbiltà ekonomika tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni se jagħtu appoġġ lill-kompetittività tal-Unjoni u fl-aħħar mill-aħħar itejbu l-protezzjoni tal-passiġġieri b'mod ġenerali.

(11a) Fl-interess ta’ kompetizzjoni internazzjonali ġusta u sabiex jiġi żgurat li l-passiġġieri jkunu protetti minn qafas ta’ drittijiet uniformi u koerenti, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 261/2004 japplika għall-vjaġġi kollha fl-Unjoni, kif ukoll għall-vjaġġi kollha li jitilqu mill-Unjoni jew li jaslu fiha. **[Em. 10]**

~~(12) L-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jirrikonoxxi l-karatteristiċi speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari minħabba li huma remoti. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba bir-Regolament (KE) Nru 261/2004, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-konnettività territorjali għar-reġjuni ultraperiferiċi u tissaħħaħ il-koeżjoni mal-Unjoni kollha, li jkun għall-benefiċċju aħħari tal-passiġġieri. Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-vjaġġi bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u territorju ieħor ta' Stat Membru li għalih japplikaw it-Trattati, l-ammont ta' kumpens jenħtieġ li jiġi ddeterminat abbażi tad-distanza reali tal-vjaġġi.~~ **[Em. 11]**

(13) Il-biljetti jinħarġu jew jiġu awtorizzati minn trasportatur tal-ajru li jopera wara l-konklużjoni ta' kuntratt ta' trasport bl-ajru ma' passiġġier. Jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu jiġu identifikati permezz ta' numru uniku tal-biljett u jkun fihom referenza unika relatata ma' kuntratt ta' trasport bl-ajru uniku maħruġ waqt il-ħin tal-prenotazzjoni. Jenħtieġ li jkopru titjira waħda jew titjira ta' konnessjoni , mingħajr ma jitqiesu l-waqfiet intermedji għal finijiet tekniċi u operattivi. Jenħtieġ li jkun fihom diversi punti ta' informazzjoni rigward dik it-titjira jew dik it-titjira ta' konnessjoni bħad-data tat-titjira, l-ajruporti tat-tluq u tal-wasla, il-ħinijiet skedati tat-tluq u tal-wasla, l-isem u l-kunjom tal-passiġġier, in-numru tat-titjira u l-isem tat-trasportatur tal-ajru li jopera.

(14) Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-22/11 (Finnair Oyj vs Timy Lassooy)[17] dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-kunċett ta' "~~imbark miċħud" għandu~~***passiġġieri li ma jitħallewx jitilgħu" jeħtieġ li*** jiġi interpretat bħala relatat mhux biss ma' każijiet ~~ta' imbark miċħud~~***fejn il-passiġġieri ma jitħallewx jitilgħu*** minħabba eċċessi fil-prenotazzjoni, iżda anki ma' dawk ~~ta' imbark miċħud~~***fejn il-passiġġieri li ma jitħallewx jitilgħu*** għal raġunijiet oħra, bħal raġunijiet operattivi. Jenħtieġ li l-passiġġieri li jkunu ppreżentaw ruħhom għall-imbark u li ma jitħallewx jitilgħu jew li jkunu ġew infurmati minn qabel li, kontra r-rieda tagħhom, mhux ser jitħallew jitilgħu jiġu rimborżati ***u kkumpensati*** mingħajr dewmien żejjed. **[Em. 12]**

~~(15) Fl-istess ħin, hemm raġunijiet validi biex passiġġieri ma jitħallewx jitilgħu, bħal saħħa, sikurezza, sigurtà jew dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar inadegwata. It-trasportaturi tal-ajru għandhom ukoll raġunijiet validi biex jiċħdu l-imbark lill-passiġġieri li juru mġiba problematika li thedded is-sikurezza jew is-sigurtà ta' titjira, kif imsemmi fil-Konvenzjoni emendata dwar ir-Reati u Ċerti Atti Oħra Mwettqa abbord Inġenji tal-Ajru ffirmata f'Tokyo fl-14 ta' Settembru 1963. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li t-trasportatur tal-ajru li jopera jġorr l-oneru tal-prova.~~ **[Em. 13]**

---

17 Is-sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tal-4 ta' Ottubru 2012, Finnair Oyj vs Timy Lassooy, Kawża C-22/11, ECLI:EU:C:2012:604.

(16) Sabiex jittejbu l-livelli ta' protezzjoni, jenħtieġ li l-passiġġieri ma jiċċaħdux l-imbark fuq titjira ta' ritorn għar-raġuni li ma jkunux ħadu t-titjira ta' ħruġ koperta mill-istess kuntratt ta' trasport bl-ajru.

(17) Bħalissa, il-passiġġieri kultant jiġu imposti tariffi amministrattivi punittivi għall-korrezzjoni ta’ żbalji ta' ortografija fl-ismijiet tagħhom. Jenħtieġ li korrezzjonijiet raġonevoli ta' żbalji fil-prenotazzjoni, jew bidliet amministrattivi, jingħataw mingħajr ħlas sakemm il-korrezzjonijiet jew bidliet imfittxa ma jwasslux għal bidla fil-ħin tat-titjira, id-data, l-itinerarju jew il-passiġġier.

(18) Jenħtieġ li f’każ ta’ kanċellazzjoni, l-għażla bejn ir-riċevuta ta’ rimborż, l-issoktar tal-vjaġġ permezz tal-għoti ta’ rotta alternattiva jew l-ivvjaġġar ***aktar tard fl-istess jum jew f’*** f’data aktar tard tkun id-deċiżjoni tal-passiġġier u mhux tat-trasportatur tal-ajru. **[Em. 14]**

(18a) Meta passiġġier jikkanċella titjira, it-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jkunu obbligati li jħallsu lura, ex gratia, it-taxxi li jkunu tħallsu diġà. **[Em. 15]**

(19) Jenħtieġ li l-korpi ta' tmexxija tal-ajruporti fl-ajruporti ~~li jimmaniġġaw aktar minn ħames~~***b'volum annwali ta' traffiku tal-passiġġieri ta' mhux anqas minn erba'*** miljun ~~moviment ta' passiġġieri fis-sena~~***passiġġier għal mill-inqas 3 snin konsekuttivi***, u l-forniturі ta' servizzi essenzjali tal-ajruporti, b'mod partikolari t-trasportaturi tal-ajru u l-forniturі ta' groundhandling, ~~jikkooperaw biex~~***il-forniturі ta' servizzi tan-navigazzjoni u l-forniturі ta' assistenza għall-passiġġieri b'diżabbiltà u l-passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa, jenħtieġ li jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-utenti tal-ajruport sabiex*** itaffu kemm jista' jkun l-impatt ta' każijiet multipli ta' tfixkil fit-titjiriet fuq il-passiġġieri. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-korpi ta' tmexxija ~~tal-ajruporti jħejju~~***tal-ajruport jiżguraw koordinazzjoni adegwata permezz ta'*** pjanijiet ta' kontinġenza ***xierqa*** għal tali okkorrenzi u jaħdmu flimkien ***mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali*** fl-iżvilupp ta' tali pjanijiet. ~~Fl-ajruporti l-oħra kollha,~~***Dawn il-pjanijiet*** jenħtieġ li ~~l-korp ta' tmexxija tal-ajruport jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha biex jikkoordina u jagħmel arranġamenti mal-utenti tal-ajruport f'sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal numru konsiderevoli ta' passiġġieri jitħallew l-art u biex iżommu lill-passiġġieri li jitħallew l-art infurmati~~***jiġu vvalutati u, meta jkun meħtieġ, adattati mill-Korpi Nazzjonali għall-Infurzar***. **[Em. 16]**

(19a) It-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jistabbilixxu proċeduri u azzjoni koordinata sabiex jipprovdu informazzjoni adegwata lill-passiġġieri li jitħallew l-art. Dawk il-proċeduri jenħtieġ li jindikaw b'mod ċar min huwa responsabbli f'kull ajruport biex jorganizza l-għajnuna, l-assistenza, l-għoti ta' rotta alternattiva jew ir-rimborż u jenħtieġ li jistabbilixxu l-proċessi u l-kundizzjonijiet għall-forniment ta' dawk is-servizzi. **[Em. 17]**

(19b) Sabiex jassistu l-passiġġieri f'każ ta' tfixkil tat-titjiriet jew dewmien, ħsara jew telf ta' bagalji, it-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jistabbilixxu punti ta' kuntatt fl-ajruporti li minnhom il-persunal tagħhom jew partijiet terzi mqabbda minnhom jenħtieġ li jipprovdu l-passiġġieri l-informazzjoni meħtieġa rigward id-drittijiet tagħhom, inklużi l-proċeduri għall-ilmenti, u jassistuhom biex jieħdu azzjoni immedjata. **[Em. 18]**

(19c) Minħabba l-iskadenzi qosra għas-sottomissjoni ta' lmenti għal dewmien, ħsara jew telf tal-bagalji, jenħtieġ li jiġi stabbilit servizz speċjali għall-irkuprar tal-bagalji fl-ajruporti kollha fejn il-passiġġieri jkollhom il-possibilità li jissottomettu lment mal-wasla. Għal dan il-għan, it-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jipprovdu formola ta' lment bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE lill-passiġġieri. Din tista' tieħu wkoll il-forma tar-Rapport dwar l-Irregolarità fil-Proprjetà (PIR) komuni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-forma tal-formola għal talba standardizzata permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. **[Em. 19]**

(20) ~~Jenħtieġ li r-Regolament~~***L-objettiv tar-Regolament*** (KE) Nru 261/2004 ~~jinkludi espliċitament id-dritt għal kumpens~~***huwa li jsaħħaħ id-drittijiet tal-konsumaturi billi jiżgura livell għoli ta' protezzjoni*** għall-passiġġieri ~~li jesperjenzaw dewmien twil, f'~~***tal-ajru fis-suq intern, f'***konformità ~~mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja~~***mal-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.*** Fil-Kawżi Magħquda C-402/07 (Christopher Sturgeon, Gabriel Sturgeon u Alana Sturgeon vs Condor Flugdienst GmbH) u C-432/07 (Stefan Böck u Cornelia Lepuschitz vs Air France SA)[18] (***(***is-"sentenza fil-Kawżi Magħquda C-402/07 u C-432/07")***, il-Qorti tal-Ġustizzja rriflettiet dan l-objettiv billi rrikonoxxiet li l-passiġġieri li jesperjenzaw dewmien ta' tliet sigħat jew aktar f'titjira jsofru dannu fil-forma ta' telf irriversibbli ta' ħin li jrid jiġi kkumpensat minnufih u b'mod standardizzat.***

---

18 Is-sentenza tal-Qorti (Ir-Raba' Awla) tad-19 ta' Novembru 2009, Christopher Sturgeon, Gabriel Sturgeon u Alana Sturgeon vs Condor Flugdienst GmbH (C-402/07), u Stefan Böck u Cornelia Lepuschitz vs Air France SA (C-432/07), Kawżi Magħquda C-402/07 u C-432/07, ECLI:EU:C:2009:716.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, li bbażat ruħha fuq il-prinċipju ta' trattament ugwali, ikkonfermat li tali dewmien twil jikkawża dannu komparabbli ma' kanċellazzjoni u li differenza fit-trattament ma setgħetx tkun oġġettivament iġġustifikata. B'mod aktar speċifiku, il-Qorti qieset li, meta d-dewmien fil-wasla ta' titjira jkun ta' tliet sigħat jew aktar, il-passiġġieri kkonċernati għandhom dritt għal kumpens, bħall-passiġġieri li t-titjira inizjali tagħhom tkun ġiet ikkanċellata u li għalihom trasportatur tal-ajru ma jkunx jista' joffri rotta alternattiva skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(1)(c) (iii) ta' dan ir-regolament, jiġifieri fuq titjira li titlaq mhux aktar minn siegħa qabel il-ħin tat-tluq skedat u tasal fid-destinazzjoni finali tagħhom inqas minn sagħtejn wara l-ħin tal-wasla skedat. F'~~.~~ ~~F'~~konformità mal-prinċipju ta~~'~~' trattament ugwali, tali drittijiet ta' kumpens jenħtieġ li jestendu wkoll għall-passiġġieri li t-titjiriet tagħhom ma jkunux ġew ikkanċellati iżda li jsofru telf ta' ħin ekwivalenti minħabba li t-titjira tkun tressqet 'il quddiem qabel it-tluq u tkun soġġetta wkoll għal dewmien fil-wasla. Għaldaqstant, sabiex jinżammu salvagwardji robusti għall-passiġġieri f'konformità mal-Artikolu 38 tal-Karta, kif ukoll biex jiġu żgurati protezzjoni uniformi, ċertezza legali u infurzar effettiv fl-Istati Membri kollha ~~msemmi f'dik is-sentenza~~, jenħtieġ li ~~japplikaw l-istess regoli ta' rimborż, l-għoti ta' rotta alternattiva u kumpens~~***r-Regolament (KE) Nru 261/2004 jistabbilixxi b'mod espliċitu limitu komuni ta' tliet sigħat għall-kumpens meta l-passiġġieri jsofru telf irriversibbli ta' ħin li jkun ugwali għal tliet sigħat jew aktar fir-rigward tad-durata ppjanata oriġinarjament mit-trasportatur tal-ajru***. **[Em. 20]**

~~(21) Is-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-402/07 u C-432/07 irreferiet għal limitu ta' ħin ta' tliet sigħat biex jiskatta l-kumpens f'każijiet ta' dewmien. Madankollu, l-esperjenza miksuba minn wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 turi li ħafna dewmien ma jistax jiġi solvut fi żmien it-tliet sigħat imsemmija f'dik is-sentenza u li limitu qasir jista' jżid l-għadd ta' kanċellazzjonijiet ta' titjiriet fejn it-trasportaturi tal-ajru jnaqqsu l-effetti indiretti ta' titjiriet imdewma fuq it-titjiriet sussegwenti billi jikkanċellaw titjira waħda jew diversi titjiriet biex jippożizzjonaw l-inġenju tal-ajru mill-ġdid għal titjira li jmiss. Fil-biċċa l-kbira taċ-ċirkostanzi, il-passiġġier xorta jippreferi dewmien milli kanċellazzjoni minħabba li l-passiġġier ikollu aktar ċertezza dwar il-wasla tiegħu fid-destinazzjoni rilevanti mal-ewwel opportunità. Fuq ħafna rotot, il-frekwenza tat-titjiriet hija limitata, u f'każijiet ta' kanċellazzjoni, il-passiġġier ma jistax jingħata rotta alternattiva minnufih. Għalhekk, iż-żieda fil-limitu ta' ħin tippreżenta vantaġġ għall-passiġġier.~~ **[Em. 21]**

~~(22) Bl-għan li tinżamm il-konnettività, jenħtieġ li jiżdiedu l-limiti fejn, jekk jinqabżu, id-dewmien jagħti lok għal dritt għal kumpens, biex jittieħed kont tal-impatt finanzjarju u ta' kompetittività fuq is-settur. B'dan il-mod, ser ikun possibbli li jiġi evitat li jingħata inċentiv għal kwalunkwe żieda fil-frekwenza ta' kanċellazzjonijiet jew restrizzjonijiet fl-għadd ta' rotot operati jew tnaqqis fil-konnettività offruta lill-passiġġieri fuq terminu ta' żmien fit-tul. Sabiex jiġi żgurat li l-passiġġieri li jivvjaġġaw fl-Unjoni jiffaċċjaw kundizzjonijiet omoġenji għall-kumpens, jenħtieġ li l-limitu jkun l-istess għall-ivvjaġġar kollu fl-Unjoni.~~ **[Em. 22]**

(23) Il-kumpens standardizzat fir-Regolament (KE) Nru 261/2004 jservi biex jikkumpensa għal telf ta' ħin li huwa komuni għall-passiġġieri kollha. ~~L-ammonti ffissati fir-Regolament (KE) Nru 261/2004 jistgħu f'bosta każijiet imorru lil hinn mill-valur tad-dannu mġarrab mill-passiġġieri kif stabbilit minn studji ekonomiċi.~~ Għaldaqstant huwa xieraq li jiġu definiti ~~limiti differenti għall-kumpens~~***livelli ta' kumpens*** skont id-distanza tat-titjira mfixkla u d-dewmien fil-wasla. **[Em. 23]**

~~(24) F'konformità mal-isforzi tal-Unjoni biex tippromwovi mobbiltà b' impatt newtrali fuq il-klima u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent, huwa xieraq ukoll li jiġi żgurat li l-oqfsa regolatorji għad-drittijiet tal-passiġġieri tal-modi tat-trasport jikkonverġu sa fejn ikun possibbli u li l-kumpens previst bejn diversi modi tat-trasport jinġiebu fl-istess livell.~~ **[Em. 24]**

(24a) It-Tikketta tal-Emissjonijiet tat-Titjira stabbilita skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] hija għad-dispożizzjoni tal-fornituri tas-servizzi jekk ikunu jridu juru, b'format faċilment aċċessibbli fuq is-siti web tagħhom u fuq il-biljetti, informazzjoni preċiża u oġġettiva dwar l-impatt ambjentali tal-ivvjaġġar tagħhom b'mod komparabbli. **[Em. 25]**

---

[19] ***Ir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation) (ĠU L, 2023/2405, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2405/oj).***

(25) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 261/2004 jikkonferma espliċitament li t-tibdil fl-iskedi tat-titjiriet għandu impatt simili fuq il-passiġġieri bħall-kanċellazzjonijiet***, id-dewmien u l-fatt li passiġġieri ma jitħallewx jitilgħu*** ~~u d-dewmien~~ u għaldaqstant jenħtieġ li jirriżulta fl-istess drittijiet. **[Em. 26]**

(26) Jenħtieġ li l-passiġġieri li jitilfu titjira ta' konnessjoni li hija parti minn vjaġġ b'riżultat ta' tfixkil***, bidla fl-iskeda jew dewmien ta'*** ~~ta'~~ titjira preċedenti jiġu assistiti kif xieraq waqt li jkunu qed jistennew li jingħataw rotta alternattiva. F'każijiet bħal dawn, f'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali ***u mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-11/11 (Air France vs Folkerts)***[20], jenħtieġ li l-passiġġieri jkunu intitolati għal kumpens meta jaslu fid-destinazzjoni finali tat-titjira jew tat-trasport alternattiv tagħhom, fuq bażi simili għall-passiġġieri li jesperjenzaw tfixkil ta' titjiriet diretti ***fid-dawl tad-dewmien meta jaslu fid-destinazzjoni finali tal-vjaġġ tagħhom***. **[Em. 27]**

---

[20] ***Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja), 26 ta' Frar 2013. Air France vs Heinz-Gerke Folkerts u Luz-Tereza Folkerts, il-Kawża C-11/11, ECLI:EU:C:2013:106.***

(27) Fil-ħin tal-prenotazzjoni u qabel ix-xiri tal-biljetti, jenħtieġ li t-trasportaturi tal-ajru, jew, skont il-każ, l-intermedjarji jinfurmaw b'mod ċar lill-passiġġieri jekk il-pjanijiet tal-ivvjaġġar tagħhom ikunux koperti minn kuntratt ta' trasport bl-ajru wieħed u dwar id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 261/2004, b'mod partikolari fir-rigward ta' titjiriet ta' konnessjoni mitlufa.

(28) Sabiex titjieb il-protezzjoni tal-passiġġieri, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-passiġġieri li t-titjira tagħhom ittardjat jenħtieġ li jibbenefikaw mid-drittijiet għal assistenza u kumpens irrispettivament minn jekk dawn ikunux qed jistennew fit-terminal tal-ajruport jew jekk ikunux diġà bilqiegħda abbord l-ajruplan. Madankollu, minħabba li fil-każ tal-aħħar ma jkollhomx aċċess għas-servizzi disponibbli fit-terminal, jenħtieġ li d-drittijiet tagħhom jissaħħu fir-rigward tal-ħtiġijiet bażiċi u fir-rigward tad-dritt għal żbark. Id-dritt għal żbark jista' jkun limitat biss jekk ikun hemm raġunijiet relatati mas-sikurezza, l-immigrazzjoni, il-kontroll tat-traffiku tal-ajru jew is-sigurtà. Jekk trasportatur tal-ajru jkun wasal biex jiżbarka l-passiġġieri iżda jiġi infurmat mill-awtoritajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru li t-titjira hija awtorizzata li titlaq b’mod imminenti, jenħtieġ li jitħalla jirrifjuta li jiżbarka l-passiġġieri.

(29) Fejn passiġġier ikun għażel rotta alternattiva mal-ewwel opportunità, it-trasportatur tal-ajru ħafna drabi jagħmel l-għoti tar-rotta alternattiva kundizzjonali għad-disponibbiltà taꞌ postijiet fuq is-servizzi tiegħu stess, u bꞌhekk iċaħħad lill-passiġġieri tiegħu d-dritt li jagħżlu rotta alternattiva disponibbli aktar malajr minn servizzi alternattivi. Għalhekk, jenħtieġ li t-trasportatur jipproponi wkoll għażliet oħra għall-għoti taꞌ rotta alternattiva, inkluż lejn ajruport alternattiv, bꞌrotta differenti, fuq servizzi taꞌ trasportatur ieħor jew bꞌmodi oħra taꞌ trasport fejn dan jistaꞌ jħaffef ir-rotta alternattiva. Jenħtieġ li l-għoti taꞌ rotta alternattiva jkun soġġett għad-disponibbiltà taꞌ postijiet bilqiegħda~~. Jekk it-trasportatur tal-ajru ma jkunx offra rotta alternattiva u l-ħin ta' stennija akkumulat jitwal b'mill-inqas tliet sigħat, jenħtieġ li l-passiġġier ikollu d-dritt li jippjana r-rotta alternattiva tiegħu sabiex jilħaq id-destinazzjoni finali tiegħu mingħajr aktar dewmien~~. Jenħtieġ li dik ir-rotta alternattiva, soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet, tkun bi spejjeż tat-trasportatur tal-ajru u previst skont kundizzjonijiet tat-trasport komparabbli. **[Em. 28]**

(30) Jenħtieġ li, meta l-passiġġieri jingħataw rotta alternattiva, it-trasportaturi tal-ajru jippruvaw jiżguraw li l-passiġġieri jkunu jistgħu jivvjaġġaw bil-bagalji tagħhom, inkluż il-bagalji li għaddew u dawk li ma għaddewx miċ-check-in. Jenħtieġ li trasportatur tal-ajru jitħalla jipproċedi mod ieħor mill-passiġġier jekk ir-restrizzjonijiet fuq it-trasport tal-bagalji jistgħu jikkawżaw aktar dewmien lill-passiġġieri li jkunu qed jistennew l-għoti ta' rotta alternattiva, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tiegħu fir-rigward tal-bagalji tal-passiġġieri rregolata mir-Regolament (KE) Nru 2027/97 u mill-Konvenzjoni tal-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli Relatati mat-Trasportazzjoni Internazzjonali bl-Ajru, miftiehma f'Montreal fit-28 ta' Mejju 1999 ("il-Konvenzjoni ta' Montreal").

(31) Jekk il-kundizzjonijiet tat-trasport humiex komparabbli jista'' jiddependi minn għadd ta'' fatturi u miċ-ċirkostanzi partikolari. Fejn ikun possibbli u fejn ma jinvolvix aktar dewmien, jenħtieġ li l-passiġġieri ma jingħatawx servizzi ta'' trasport ta'' klassi aktar baxxa meta mqabbla ma'' dik fuq il-prenotazzjoni. Jenħtieġ li l-għoti ta'' rotta alternattiva jiġi offrut mingħajr ebda kost addizzjonali lill-passiġġier, anke jekk il-passiġġieri jingħataw rotta alternattiva ma'' trasportatur tal-ajru ieħor jew fuq mod ta'' trasport differenti jew fi klassi ogħla jew bi prezz ogħla minn dak imħallas għas-servizz oriġinali. Jenħtieġ li jsiru sforzi raġonevoli biex jiġu evitati konnessjonijiet addizzjonali. ~~Meta jintuża trasportatur tal-ajru ieħor jew mod alternattiv ta' trasport għall-għoti ta'~~ ***Il-persuni b'diżabbiltà jew il-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda titjira konnessa addizzjonali meta jingħataw*** rotta alternattiva, ***sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor mill-passiġġier.***

Jenħtieġ li l-ħin totali tal-ivvjaġġar ikun kemm jista' jkun viċin il-ħin tal-ivvjaġġar skedat tat-titjira oriġinali, ***filwaqt li jitqiesu l-għażliet disponibbli fl-ajruport fejn tkun seħħet l-interruzzjoni,*** fl-istess klassi ta' trasport jew f'waħda ogħla jekk ikun meħtieġ. Jekk ikunu disponibbli diversi titjiriet b'ħinijiet komparabbli, jenħtieġ li l-passiġġieri li jkollhom id-dritt għall-għoti ta' rotta alternattiva jaċċettaw l-offerta tal-għoti ta' rotta alternattiva magħmula mit-trasportatur tal-ajru, inkluż fuq dawk it-trasportaturi tal-ajru li jikkooperaw mat-trasportatur tal-ajru li jopera. Jekk ***it-trasportatur tal-ajru li jopera jipprovdi lill-passiġġier rotta alternattiva b'kundizzjonijiet tat-trasport komparabbli, il-passiġġier jenħtieġ li jaċċetta tali rotta alternattiva. Jekk it-trasportatur tal-ajru li jopera jipprovdi lill-passiġġier rotta alternattiva b'kundizzjonijiet tat-trasport li ma jkunux komparabbli, il-passiġġier jista' ma jaċċettax tali rotta alternattiva. Jenħtieġ li jinżamm id-dritt għall-għoti ta' rotta alternattiva, inkluż li wieħed jagħżel rotta alternattiva huwa stess. Jekk*** tkun ġiet ibbukkjata assistenza għal persuni b'diżabbiltà jew għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa għat-titjira oriġinali, jenħtieġ li tali assistenza tkun disponibbli wkoll fuq ir-rotta alternattiva f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21]. **[Em. 29]**

---

21 Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1107/oj).

(31a) Meta passiġġier ikun informa lit-trasportatur tal-ajru li jopera bl-għażla tiegħu li jkompli l-vjaġġ tiegħu, u jekk it-trasportatur tal-ajru li jopera ma jkunx offra rotta alternattiva fi żmien tliet sigħat, jenħtieġ li l-passiġġier ikollu d-dritt li jagħmel l-arranġamenti tiegħu stess għal rotta alternattiva b'kundizzjonijiet tat-trasport komparabbli sabiex jilħaq id-destinazzjoni finali tiegħu mingħajr aktar dewmien. Madankollu, jenħtieġ li l-passiġġier jibqa' intitolat għal rotta alternattiva mit-trasportatur tal-ajru li jopera sakemm il-passiġġier ikun informa lit-trasportatur tal-ajru li jopera bid-deċiżjoni tiegħu, li jagħmel l-arranġamenti tiegħu stess għal rotta alternattiva. Meta jagħmlu l-arranġamenti tagħhom stess għal rotta alternattiva, il-passiġġieri jenħtieġ li jillimitaw l-ispejjeż għal dawk li jkunu meħtieġa, raġonevoli u xierqa. **[Em. 30]**

(31b) L-assistenza tista' tiġi limitata jew irrifjutata jekk il-forniment tagħha jikkawża aktar dewmien minnu nnifsu għall-passiġġieri li jkunu qed jistennew titjira mdewma jew l-għoti ta' rotta alternattiva. Jekk titjira tiddewwem tard filgħaxija iżda tista' tkun mistennija li titlaq f'perjodu qasir ta' żmien u jekk id-dispaċċ tal-passiġġieri lejn il-lukandi u t-teħid lura tagħhom lejn l-ajruport f'nofs ta' lejl jista' jwassal għal dewmien ħafna itwal, it-trasportatur tal-ajru jenħtieġ li jitħalla jirrifjuta li jipprovdi akkomodazzjoni f'lukanda u trasferimenti korrispondenti. Bl-istess mod, jekk trasportatur tal-ajru jkun se jipprovdi ikel u xorb iżda jiġi infurmat li t-titjira hija lesta biex jitilgħu l-passiġġieri, jenħtieġ li jitħalla jirrifjuta li jipprovdi din l-assistenza. Minbarra dawn il-każijiet, din il-limitazzjoni jenħtieġ li tiġi applikata biss f'każijiet eċċezzjonali ħafna, peress li jenħtieġ li jsir kull sforz biex titnaqqas l-inkonvenjenza mġarrba mill-passiġġieri. **[Em. 31]**

(32) Jenħtieġ li t-trasportaturi tal-ajru joffru lill-passiġġieri assistenza mill-ħin tat-tluq skedat sat-tluq tat-titjira ~~jew tat-trasport alternattiv~~ tagħhom. It-trasportaturi tal-ajru bħalissa jiffaċċjaw responsabbiltà illimitata għall-akkomodazzjoni tal-passiġġieri tagħhom fil-każ ta' ***'*** ċirkostanzi straordinarji fejn id-dewmien jippersisti għal perjodu ta' ħin twil. ~~Din l-inċertezza marbuta man-nuqqas ta' kwalunkwe limitu prevedibbli fiż-żmien tista' tipperikola l-istabbiltà finanzjarja ta' trasportatur tal-ajru, bil-konsegwenza ta' effetti negattivi għall-passiġġieri fejn tidħol il-konnettività.~~ Għalhekk, jenħtieġ li trasportatur tal-ajru jkun jista' ***'*** jillimita l-provvista ta' ***'*** ***attenzjoni xierqa fir-rigward tat-tul ta'*** akkomodazzjoni ***u, f'każijiet li fihom il-passiġġieri jagħmlu l-arranġamenti għall-akkomodazzjoni huma stess, fir-rigward tal-kostijiet u tal-attenzjoni xierqa*** għal tlett iljieli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ippjanar ta' ***'*** kontinġenza u l-għoti rapidu ta' ***'*** rotta alternattiva jnaqqsu r-riskju li l-passiġġieri jibqgħu l-art għal perjodi twal. **[Em. 32]**

(33) Il-passiġġieri bi ħtiġijiet speċifiċi bħal persuni b' ***'*** diżabbiltà, persuni b' ***'*** mobbiltà mnaqqsa, tfal mhux akkumpanjati, trabi, nisa tqal u persuni li jeħtieġu assistenza medika speċifika bħal persuni b' ***'*** dijabete severa jew epilessija, jistgħu jkollhom bżonn attenzjoni speċifika mit-trasportatur tal-ajru li jopera. B' ***'*** mod partikolari, jista' ***'*** jkun aktar diffiċli li tiġi organizzata akkomodazzjoni meta jseħħ tfixkil fit-titjiriet. Għaldaqstant, jenħtieġ li ~~ma tapplika l-ebda~~***kwalunkwe*** limitazzjoni ~~għad-dritt għal~~***fuq id-dritt li tiġi pprovduta*** akkomodazzjoni fil-każijiet ta' ***'*** ċirkostanzi straordinarji ***bl-ebda mod tapplika*** għal dawn il-kategoriji ta' ***'*** passiġġieri ~~dment li jkunu infurmaw lit-trasportatur tal-ajru li jopera fi żmien debitu~~. **[Em. 33]**

(33a) Il-fornituri tas-servizzi jenħtieġ li jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jkollhom id-dritt, f'kull ħin, li jużaw, mingħajr ħlas, l-apparat respiratorju approvat għas-sikurezza fuq l-inġenji tal-ajru. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal lista ta' tagħmir tal-ossiġenu mediku approvat f'kooperazzjoni mal-industrija u mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tas-sikurezza. **[Em. 34]**

(34) Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 japplika wkoll għal passiġġieri li jkunu bbukkjaw il-vjaġġ bl-ajru tagħhom bħala parti minn pakkett tal-ivvjaġġar. Dan ir-Regolament emendatorju għandu l-għan li jkompli jtejjeb aktar il-koerenza bejn id-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] u r-Regolament (KE) Nru 261/2004. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-passiġġieri ***jkunu jistgħu jagħżlu skont liema minn dawk iż-żewġ atti legali se jintroduċu t-talbiet tagħhom u, meta jkun xieraq, jagħmlu talbiet skont iż-żewġ atti legali. Passiġġier li jkun ibbukkja t-trasport bl-ajru bħala parti minn pakkett jenħtieġ li jkun jista' jagħmel talbiet skont iż-żewġ atti legali meta, pereżempju, il-passiġġier ikun irċieva kumpens mit-trasportatur tal-ajru għal titjira mdewma, iżda jkun intitolat għal tnaqqis fil-prezz jew kumpens li għandu jingħata mill-organizzatur għal servizzi speċifiċi, bħal lejl f'lukanda, ikliet, eskursjoni jew avvenimenti oħra, mitlufa bħala konsegwenza tat-titjira mdewma.***

---

[22] Id-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE (ĠU L 326, 11.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2302/oj).

Madankollu, jenħtieġ li l-passiġġieri ma jitħallewx jakkumulaw drittijiet ~~korrispondenti, b'mod partikolari~~***sa fejn il-kumpens jew it-tnaqqis fil-prezz rilevanti mogħti*** skont iż-żewġ atti ~~legali~~***jissalvagwardja l-istess interess jew ikollu l-istess objettiv***. ***Jekk il-passiġġieri jressqu t-talba tagħhom lit-trasportatur tal-ajru, it-trasportatur tal-ajru jenħtieġ li jħallas l-ammont sħiħ tal-kumpens dovut skont ir-Regolament (KE) Nru 261/2004. Jekk il-passiġġieri jagħmlu talba skont id-Direttiva (UE) 2015/2302, il-kumpens imħallas mit-trasportatur tal-ajru jenħtieġ li jitnaqqas mill-pagamenti dovuti skont id-Direttiva (UE) 2015/2302 sa fejn id-drittijiet sottostanti jissalvagwardjaw l-istess interess jew għandhom l-istess objettiv.*** **[Em. 35]**

(35) Ir-raġunijiet għal-livell attwali ta' dewmien u titjiriet ikkanċellati fl-Unjoni ma jistgħux jiġu attribwiti biss lit-trasportaturi tal-ajru. Sabiex ikunu inċentivati l-atturi kollha fil-katina tal-avjazzjoni ħalli jfittxu soluzzjonijiet effiċjenti u f'waqthom, biex tonqos kemm jista' jkun l-inkonvenjenza li d-dewmien u l-kanċellazzjonijiet joħolqu lill-passiġġieri, jenħtieġ li d-dritt tat-trasportaturi tal-ajru li jfittxu rimedju minn kwalunkwe parti terza li tkun ikkontribwiet għall-avveniment li wassal għal obbligi ta' kumpens jew obbligi oħra ma jkunx ristrett bir-Regolament (KE) Nru 261/2004.

(36) ~~Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-502/18 (CS u Others vs České aerolinie a.s.)~~[23] ~~dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li, fil-każ ta' titjiriet ta' konnessjoni, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, kwalunkwe trasportatur tal-ajru li jopera li jkun ipparteċipa fil-prestazzjoni ta' mill-inqas waħda minn dawk it-titjiriet ta' konnessjoni għandu r-responsabbiltà li jikkumpensa lill-passiġġier skont dak ir-Regolament irrispettivament minn jekk it-titjira li dak it-trasportatur tal-ajru jkun opera tkunx ġiet imfixkla. Anki jekk ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 jipprevedi li t-trasportaturi li joperaw li jwettqu dmirijiet skontu jistgħu jitolbu kumpens mingħand kwalunkwe parti terza, l-Istudju wera effettività fqira tad-dritt ta' rimedju previst f'dak ir-Regolament. B'riżultat ta' dan, it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni jġorru piż finanzjarju sproporzjonat meta mqabbel ma' trasportaturi tal-ajru ta' pajjiżi terzi. Bil-ħsieb li terġa' tinkiseb il-kompetittività tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport intitolat "(the) Future of European competitiveness" ta' Settembru 2024 (ir-"rapport ta' Draghi"), u biex tinżamm, fuq medda twila ta' żmien, il-konnettività, jenħtieġ għaldaqstant li r-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tillimita r-responsabbiltà ta' trasportatur tal-ajru għat-titjiriet li jopera bħala trasportatur tal-ajru li jopera.~~ **[Em. 36]**

---

23 ~~Is-sentenza tal-Qorti (Id-Disa' Awla) tal-11 ta' Lulju 2019, CS u Oħrajn vs České aerolinie a.s., il-Kawża C-502/18, ECLI:EU:C:2019:604.~~

(37) Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] jeħtieġ li l-kuntrattur tat-trasport bl-ajru jinforma lill-passiġġier dwar l-identità tat-trasportatur tal-ajru li jopera u d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE[25] teħtieġ li l-bejjiegħ jew il-fornitur jagħtu informazzjoni lill-konsumatur dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Jenħtieġ li l-passiġġieri jiġu infurmati f'aktar dettall dwar id-drittijiet tagħhom fil-każ ta' tfixkil tat-titjira, u jenħtieġ li jiġu infurmati wkoll kif xieraq dwar x'ikkawża t-tfixkil, malli l-informazzjoni ssir disponibbli. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni tingħata wkoll ***mit-trasportatur tal-ajru*** meta l-passiġġier ikun xtara l-biljett mingħand intermedjarju stabbilit fl-Unjoni. Jenħtieġ li, mill-inqas, tali informazzjoni tiġi pprovduta mit-trasportatur tal-ajru jew l-intermedjarju f'format aċċessibbli u, fejn xieraq, permezz tal-hekk imsejħa notifiki "push" minn applikazzjonijiet mobbli jew permezz ta' mezzi diġitali oħra. **[Em. 37]**

---

24 Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tat-trasportatur tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/2111/oj).

25 Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1993/13/oj).

~~(38) Sabiex jiġi żgurat infurzar aħjar tad-drittijiet tal-passiġġieri, jenħtieġ li l-korpi nazzjonali tal-infurzar jimmonitoraw l-infurzar tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 u jiddeċiedu dwar sanzjonijiet xierqa biex jinċentivaw il-konformità ma' dak ir-Regolament.~~ **[Em. 38]**

(38a) Ir-Rapport Speċjali 15/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonkluda li l-korpi nazzjonali għall-infurzar ma għandhomx perspettiva ġenerali tajba tal-konformità tal-operaturi mad-drittijiet tal-passiġġieri. Il-Kummissjoni fl-evalwazzjonijiet tagħha kkonkludiet ukoll li l-approċċ ġenerali tal-korpi nazzjonali għall-infurzar għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti jvarja b'mod sinifikanti: filwaqt li xi korpi nazzjonali għall-infurzar għandhom it-tendenza li jkunu proattivi ħafna, oħrajn jidhru li jirreaġixxu biss għall-ilmenti li jirċievu. Sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet u jiġi żgurat infurzar aħjar tad-drittijiet tal-passiġġieri, il-mekkaniżmi ta' infurzar jenħtieġ li jissaħħu billi l-korpi nazzjonali għall-infurzar jingħataw l-indipendenza, jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' kooperazzjoni transfruntiera, tissaħħaħ is-setgħa tagħhom li jiksbu informazzjoni mingħand it-trasportaturi, u jiġi implimentat reġim ta' penali aktar effettiv. **[Em. 39]**

(39) Sabiex jiġi żgurat infurzar aħjar tad-drittijiet tal-passiġġieri, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess għall-mekkaniżmi għal soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti wara li dawk il-konsumaturi jkunu lmentaw jew ressqu talba mingħajr suċċess lit-trasportatur tal-ajru jew lill-intermedjarju. Jenħtieġ li ~~dawk il-mekkaniżmi jkunu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw jekk il-parteċipazzjoni~~***l-parteċipazzjoni*** tat-trasportaturi tal-ajru ~~jew~~***u*** tal-intermedjarji ~~għandhiex~~***fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim*** tkun obbligatorja ***u d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu vinkolanti***. **[Em. 40]**

(39a) Billi l-avjazzjoni kummerċjali hija suq integrat tal-Unjoni, il-miżuri li jiggarantixxu l-infurzar ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu aktar effettivi fil-livell tal-Unjoni, b'involviment akbar tal-Kummissjoni. B'mod speċifiku, il-Kummissjoni jenħtieġ li żżid is-sensibilizzazzjoni pubblika tal-konformità mit-trasportaturi tal-ajru mar-rekwiżiti tad-drittijiet tal-passiġġieri billi tippubblika lista ta' trasportaturi li sistematikament jonqsu milli jikkonformaw ma' dan ir-Regolament. **[Em. 41]**

(40) Meta l-passiġġieri jagħżlu li jiġu rimborżati minflok ma jingħataw rotta ġdida, jenħtieġ li jiġu rimborżati awtomatikament, fil-ħin, mingħajr obbligu li jressqu talba ddedikata.

(41) Jenħtieġ li l-passiġġieri jingħataw informazzjoni adegwata mit-trasportatur tal-ajru jew mill-intermedjarju dwar il-proċeduri rilevanti għat-tressiq ta' talbiet għal kumpens u lmenti lit-trasportaturi tal-ajru jew lill-intermedjarji u li jirċievu tweġiba f'waqtha mit-trasportaturi tal-ajru jew mill-intermedjarji. Fejn il-korp ta' tmexxija tal-ajruport jattiva l-pjan tiegħu ta' kontinġenza tal-ajruport, l-iskadenzi għat-tweġiba jistgħu jiġu estiżi.

(42) Jenħtieġ li l-passiġġieri, wara lmenti jew talbiet lit-trasportatur tal-ajru, jkollhom ukoll l-għażla li jressqu tilwim individwali lil korp jew korpi responsabbli għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti. Madankollu, peress li d-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal huwa dritt fundamentali rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li dawk il-miżuri la jipprevjenu u lanqas ixekklu l-aċċess tal-passiġġieri għall-qrati.

(43) Sabiex il-passiġġieri jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' talbiet, ilmenti u tilwim individwali, jenħtieġ li l-passiġġieri jkunu jistgħu jagħmlu applikazzjoni direttament u personalment lit-trasportaturi tal-ajru, lill-intermedjarji, jew lill-korpi rilevanti skont ir-Regolament (KE) Nru 261/2004, b'mod ċar u aċċessibbli.

(44) Filwaqt li titqies il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà[26], u sabiex jiġi żgurat li jingħata kumpens għall-ħsara lil tagħmir ta' mobbiltà, il-qerda jew it-telfa tiegħu jew il-korriment jew il-mewt ta' kelb tal-assistenza rikonoxxut li jkun ikopri l-kost sħiħ tas-sostituzzjoni tiegħu, jenħtieġ li t-trasportaturi tal-ajru joffru lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2006, l-opportunità li jagħmlu dikjarazzjoni ta' interess speċjali mingħajr ħlas, li skont il-Konvenzjoni ta' Montreal tippermettilhom ifittxu kumpens sħiħ ***għat-telf jew għall-ħsara***. ***It-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jinfurmaw lill-passiġġieri b'dik id-dikjarazzjoni u bid-drittijiet relatati kull meta jagħmlu prenotazzjoni tal-biljett.*** **[Em. 42]**

(45) Jenħtieġ li l-persuna b'diżabbiltà u l-persuna b'mobbiltà mnaqqsa tkun intitolata li tirċievi immedjatament sostituzzjoni temporanja tat-tagħmir ta' mobbiltà mingħand it-trasportaturi tal-ajru sabiex jissostitwixxi t-tagħmir li jkun għadda miċ-check-in fil-każ ta' telf, qerda jew dannu għat-tagħmir li jkun għadda miċ-check-in. Minħabba li l-klieb tal-assistenza rikonoxxuti ma jistgħux jiġu sostitwiti faċilment, jenħtieġ li jiġu pprovduti soluzzjonijiet temporanji oħra meta kelb tal-assistenza rikonoxxut jintilef, imut jew jindarab.

---

26 ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/48(1)/oj.

(46) ~~Mhuwiex dejjem ċar~~***Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 jenħtieġ li jiżgura l-objettiv tiegħu li jgħolli l-istandards tal-protezzjoni u tal-informazzjoni*** għall-passiġġieri ~~liema bagalji jistgħu jtellgħu fuq l-ajruplan, fejn jidħlu l-qisien, il-piż jew l-għadd ta' oġġetti permessi. Sabiex jiġi żgurat li l-passiġġieri jkunu jafu sew il-kwoti tal-bagalji inklużi fil-biljett~~***, isaħħaħ id-drittijiet*** tagħhom~~, kemm għall-bagalji li ma jgħaddux miċ-check-in kif ukoll dawk li jgħaddu, jenħtieġ~~ ***u jiżgura*** li t-trasportaturi tal-ajru ~~jindikaw biċ-ċar dawn il-kwoti waqt il-prenotazzjoni u fl-ajruport. Sabiex tiġi żgurata kumditàpersonali suffiċjenti matul l-ivvjaġġar tal-passiġġieri, u kif rikonoxxut mill-Qorti~~***joperaw skont kundizzjonijiet armonizzati, inklużi d-dimensjonijiet tal-bagalji tal-idejn. F'konformità mas-sentenza tal-Qorti*** tal-Ġustizzja ~~fis-sentenza tagħha fil-Kawża~~***fil-kawża*** C-487/12 (Vueling Airlines SA vs Instituto Galego de Consumo de la Xunta de Galicia ***Vueling***)[27], ***il-bagalji tal-idejn (jiġifieri bagalji li ma jgħaddux miċ-check-in)*** jenħtieġ li ~~l-passiġġieri jitħallew jieħdu oġġetti personali~~***jitqiesu bħala*** li jikkostitwixxu ***"***aspett meħtieġ ~~tat-trasport tagħhom fil-kabina mingħajr ħlas, dment li l-oġġetti personali jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli ta' sikurezza u sigurtà u jissodisfaw rekwiżiti raġonevoli f'termini ta' piż u qisien. L-oġġetti personali li jikkostitwixxu aspetti meħtieġa~~***"*** tat-trasport tal-passiġġieri ~~huma mifhuma bħala dawk l-oġġetti li huma essenzjali għat-tul tal-vjaġġ u jistgħu jinkludu passaporti u dokumenti oħra tal-ivvjaġġar~~***bil-kundizzjoni li tali bagalji jissodisfaw "rekwiżiti raġonevoli" f'termini tal-piż u d-dimensjonijiet tagħhom***~~, mediċini essenzjali, apparat personali u materjali tal-qari kif~~ ***u li l-ġarr tagħhom, għalhekk, jenħtieġ li ma jkunx soġġett għal ħlas addizzjonali. Jenħtieġ li l-linji tal-ajru jikkomunikaw*** ukoll ~~ikel u xorb xierqa għat-tul tat-titjira~~***id-dimensjonijiet tal-bagalji tal-kabina b'mod ċar lill-passiġġieri***. **[Em. 43]**

---

27 Is-sentenza tal-Qorti (Il-Ħames Awla) tat-18 ta' Settembru 2014, Vueling Airlines SA vs Instituto Galego de Consumo de la Xunta de Galicia, il-Kawża C-487/12, ECLI:EU:C:2014:2232.

(46a) Jenħtieġ li tiġi pprovduta ċarezza akbar meta oġġett personali jew bagalja tal-idejn jintesew abbord jew jintilfu fil-kabina tal-inġenju tal-ajru sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament ta' talbiet bħal dawn, u jiġi żgurat proċess simplifikat u jiġi pprevenut kwalunkwe piż addizzjonali jew komunikazzjoni ħażina għall-passiġġieri. **[Em. 44]**

~~(47) Jenħtieġ li l-passiġġieri jiġu infurmati waqt il-prenotazzjoni, f'format ċar u aċċessibbli, dwar il-qisien u l-piż massimi tal-bagalji li jistgħu jġibu magħhom fil-kabina. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-libertà tal-ipprezzar, jenħtieġ li t-trasportaturi tal-ajru jiddefinixxu politika raġonevoli f'termini ta' dimensjonijiet ta' bagalji tal-idejn li tippermetti lill-passiġġieri jġorru bagalja tal-idejn fil-kabina, dment li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' sikurezza u sigurtà applikabbli. Minħabba d-diversità tal-politiki tat-trasportaturi tal-ajru, huwa xieraq li fir-rieżami tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28], jenħtieġ li tiġi vvalutata l-fattibbiltà li jiġu stabbiliti regoli minimi uniformi għall-bagalji tal-idejn.~~ **[Em. 45]**

---

28 ~~Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1008/oj).~~

(48) L-istrumenti mużikali jistgħu jkunu taʾ valur monetarju, artistiku u storiku enormi. Barra minn hekk, l-istrumenti mużikali huma l-għodod tas-sengħa tal-mużiċisti li jużawhom regolarment biex jipprattikaw u jagħtu prestazzjonijiet fuqhom u ma jistgħux jiġu sostitwiti faċilment. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-passiġġieri jkunu intitolati li jġorru l-strumenti mużikali fil-kabina taħt ir-responsabbiltà tagħhom, dment li dawk l-istrumenti jirrispettaw ir-regoli dwar il-kapaċità, is-sikurezza u s-sigurtà u l-politika dwar il-kwota massima taʾ bagalji tat-trasportatur tal-ajru. ***Sabiex il-passiġġieri kkonċernati jkunu jistgħu jivvalutaw jekk l-istrument mużikali tagħhom jistax jiġi maħżun fil-kabina, it-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jinformawhom dwar id-daqs tal-faċilitajiet tal-ħżin.*** Meta r-rekwiżiti taʾ kapaċità, sikurezza u sigurtà jiġu ssodisfati, jenħtieġ li t-trasportatur tal-ajru jagħmel ħiltu biex jippermetti lill-passiġġieri jġorru strumenti mużikali fuq siġġijiet addizzjonali, dment li t-tariffi korrispondenti jkunu tħallsu. Fejn dan ma jkunx possibbli, jenħtieġ li l-istrumenti mużikali, fejn possibbli, jinġarru fil-kundizzjonijiet xierqa fil-kompartiment tal-merkanzija tal-inġenju tal-ajru. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2027/97 jiġi emendat skont dan. **[Em. 46]**

(49) Minħabba l-iskadenzi qosra għat-tressiq ta' lmenti għad-drittijiet u l-obbligi koperti mir-Regolament (KE) Nru 2027/97, jenħtieġ li t-trasportaturi tal-ajru jipprovdu lill-passiġġieri l-possibbiltà li jressqu lment billi jipprovduhom b’formola għall-ilmenti f'formats li huma aċċessibbli għall-passiġġieri b'diżabbiltà u għall-persuni li ma jużawx għodod diġitali. Jenħtieġ li t-trasportaturi tal-ajru, tal-inqas, jagħmlu l-formoli għall-ilmenti disponibbli fuq l-applikazzjonijiet mobbli tat-trasportaturi tal-ajru u fuq is-siti web tagħhom. Jenħtieġ li dik il-formola għall-ilmenti tippermetti lill-passiġġier iressaq minnufih ilment dwar bagalji li saritilhom ħsara, waslu tard jew intilfu.

(50) L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2027/97 sar obsolet għaliex il-kwistjonijiet tal-assigurazzjoni issa huma rregolati mir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29]. Għalhekk jenħtieġ li dan jitħassar.

---

29 Ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/785/oj).

~~(51) Huwa meħtieġ li l-limiti monetarji msemmijin fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2027/97 jiġu emendati regolarment mit-trasportaturi tal-ajru sabiex iqisu l-iżviluppi ekonomiċi, kif rieżaminati mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) skont l-Artikolu 24(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal.~~ **[Em. 47]**

(52) Ir-rapport ta' Draghi enfasizza r-rwol kritiku tat-trasport għall-kompetittività tal-Unjoni. Iddeskriva ukoll ir-riskju tad-devjazzjoni tan-negozju, li jirriżulta minn regolamenti asimmetriċi, mill-hubs tat-trasport fl-Unjoni għall-hubs fil-viċinat tal-Unjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 japplika għal passiġġieri li jitilqu minn ajruport f'pajjiż terz lejn ajruport li jkun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplikaw it-Trattati, biss jekk it-trasportatur tal-ajru li jopera jkun trasportatur tal-ajru tal-Unjoni. ~~Fi żmien tliet snin mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' reviżjoni tal-kamp ta'~~***Dawn is-sejbiet jappoġġjaw id-deċiżjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jirrevedi l-kamp ta'*** applikazzjoni ta'~~ dak~~***' dan*** ir-Regolament bil-ħsieb li ~~tkompli ttejjeb~~***jkompli jtejjeb*** il-livell tal-protezzjoni tal-passiġġieri u l-kundizzjonijiet ekwi bejn ~~l-Unjoni u t-trasportaturi tal-ajru~~***it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni u dawk*** ta' pajjiżi terzi. **[Em. 48]**

(53) ~~Jenħtieġ li jiġi vvalutat mekkaniżmu għas-salvagwardja~~***Il-protezzjoni finanzjarja*** tal-passiġġieri fil-każ ta'~~ insolvenza ta'~~***’ falliment tal-linja tal-ajru hija element essenzjali ta’ reġim effettiv tad-drittijiet tal-passiġġieri. Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-passiġġieri tal-ajru fil-każ ta’ kanċellazzjonijiet ta’ titjiriet minħabba l-insolvenza ta’*** trasportatur tal-ajru ~~fil-kuntest ta' reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008~~***jew is-sospensjoni tal-operazzjonijiet ta’ trasportatur tal-ajru minħabba r-revoka tal-liċenzja operattiva tiegħu, it-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jkunu obbligati li jagħtu prova suffiċjenti li r-rimborż jew it-titjira tar-ritorn tal-passiġġieri huma żgurati***. **[Em. 49]**

(53a) Jenħtieġ li l-ħolqien ta’ fond ta’ garanzija jew ta’ skema ta’ assigurazzjoni obbligatorja pereżempju jippermetti lit-trasportaturi tal-ajru jiżguraw ir-rimborż jew ir-ritorn tal-passiġġieri meta t-titjiriet tagħhom jiġu kkanċellati minħabba l-insolvenza ta’ trasportatur tal-ajru jew is-sospensjoni tal-operazzjonijiet tiegħu minħabba r-revoka tal-liċenzja operattiva tiegħu. **[Em. 50]**

~~(54) Greenland hija soġġetta għal kundizzjonijiet meteoroloġiċi partikolarment ħorox, u hija kkaratterizzata minn densità tal-popolazzjoni baxxa ħafna u l-bogħod tal-postijiet popolati tagħha. Biex tiġi żgurata l-konnettività u biex tinżamm id-disponibbiltà tat-titjiriet ġo Greenland, jenħtieġ li t-titjiriet ġo Greenland ma jkunux koperti mill-obbligi dwar il-kumpens, inkluż meta dawk it-titjiriet ikunu titjiriet ta' konnessjoni li jaslu fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplikaw it-Trattati, jew jitilqu minnu.~~ **[Em. 51]**

~~(55) Jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 261/2004 jkun mingħajr preġudizzju għall-istatus tal-istmu ta' Ġibiltà li fih jinsab l-ajruport ta' Ġibiltà u s-sovranità fuqu u l-pożizzjoni legali tar-Renju ta' Spanja f'dak ir-rigward. B'kont meħud taċ-ċirkostanzi attwali u sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali, jenħtieġ li jiġi speċifikat li r-regoli fir-Regolament (KE) Nru 261/2004 japplikaw għall-ajruport ta' Ġibiltà biss meta, wara soluzzjoni tat-tilwima bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit, ir-Renju ta' Spanja jkun f'pożizzjoni li jeżerċita kontroll effettiv fuq l-ajruport ta' Ġibiltà u li jiżgura l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 261/2004 għal dak l-ajruport u tkun ġiet ippubblikata notifika tas-soluzzjoni tat-tilwima f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.~~ **[Em. 52]**

(55a) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-konsumatur, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, il-projbizzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust. **[Em. 53]**

(55b) Sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-passiġġieri tal-ajru lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni, tali drittijiet jenħtieġ li jiġu indirizzati fi ftehimiet bilaterali u internazzjonali. **[Em. 54]**

(55c) Faċilitajiet speċifiċi għall-passiġġieri b'diżabbiltà severa li jkunu jirrikjedu faċilitajiet sanitarji u ta' tibdil (l-hekk imsejħa "postijiet ta' tibdil'') jenħtieġ li jiġu pprovduti mingħajr ħlas lill-passiġġieri fl-ajruporti kollha tal-Unjoni b'volum annwali ta' traffiku tal-passiġġieri ta' aktar minn miljun passiġġier fis-sena. **[Em. 55]**

(56) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru b'mod ġust u bbilanċjat, l-iżgurar tal-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni tal-Unjoni u ż-żamma tal-konnettività għall-passiġġieri għal terminu ta' żmien fit-tul, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 1
Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi, taħt il-kundizzjonijiet speċifikati hawnhekk, drittijiet minimi għal passiġġieri tal-ajru f'każ li:

(a) ma jitħallewx jitilgħu;

(b) it-titjira tagħhom tiġi kkanċellata, ittardjata jew skedata mill-ġdid;

(c) jitilfu titjira ta' konnessjoni;

(d) jitqiegħdu fi klassi ogħla jew aktar baxxa.;’

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (b) sa (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

‘(b) "trasportatur tal-ajru li jopera" tfisser trasportatur tal-ajru li jagħmel, jew bi ħsiebu jagħmel, titjira taħt kuntratt ta' trasport bl-ajru ma' passiġġier jew f'isem persuna oħra, ġuridika jew fiżika, li jkollha kuntratt ma' dak il-passiġġier, inkluż trasportatur tal-ajru li juża l-inġenju tal-ajru ta' trasportatur tal-ajru ieħor, bl-ekwipaġġ ta' dak it-trasportatur tal-ajru l-ieħor jew mingħajru, għall-prestazzjoni tat-titjiriet tiegħu;

(c) "trasportatur tal-ajru tal-Unjoni" tfisser trasportatur tal-ajru b'liċenzja operattiva valida mogħtija minn Stat Membru skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*];

(ca) “korp ta’ tmexxija tal-ajruport” tfisser korp li, flimkien ma’ attivitajiet oħra jew mingħajrhom, skont il-każ, għandu bħala l-objettiv tiegħu skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew il-kuntratti nazzjonali l-amministrazzjoni u t-tmexxija tal-infrastrutturi tal-ajruport jew tan-network ta’ ajruporti u l-koordinazzjoni u l-kontroll tal-attivitajiet tal-operaturi differenti li jinsabu fl-ajruporti jew fin-network ta’ ajruporti kkonċernati f’konformità mas-setgħat tiegħu; **[Em. 56]**

(d) "organizzatur" tfisser persuna skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (8), tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(e) "pakkett" tfisser kombinazzjoni ta' servizzi tal-ivvjaġġar kif definit fl-Artikolu 3, punt (2), tad-Direttiva (UE) 2015/2302;";

(f) "biljett" tfisser evidenza valida, irrispettivament mill-forma tagħha, ta' kuntratt ta' trasport bl-ajru;

(fa) "kost tal-biljett tal-ajru" tfisser il-prezz finali li għandu jitħallas fi tmiem il-proċess tal-prenotazzjoni li jinkludi n-noll tal-ajru u t-taxxi, l-imposti, l-imposti addizzjonali u t-tariffi kollha applikabbli mħallsa għas-servizzi kollha fakultattivi u mhux fakultattivi inklużi fil-biljett, esklużi t-tariffi tal-intermedjazzjoni, irrispettivament minn jekk dawk is-supplimenti u t-tariffi jkunux tħallsu flimkien mat-tariffi għas-servizz tat-trasport jew separatament fi stadju aktar tard; **[Em. 57]**

(fb) "prenotazzjoni'' tfisser il-fatt li passiġġier għandu biljett, jew prova oħra, li turi li l-prenotazzjoni ġiet aċċettata u rreġistrata mit-trasportatur tal-ajru jew l-organizzatur; **[Em. 58]**

_____

* Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1008/oj).

** Id-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE (ĠU L 326, 11.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2302/oj).;’

~~(b) il-punt (g) jitħassar;~~ **[Em. 59]**

(c) il-punti (h) sa (l) huma sostitwiti b'dan li ġej:

‘(h) "destinazzjoni finali" tfisser id-destinazzjoni tat-titjira jew tal-aħħar titjira ta' konnessjoni ta' vjaġġ;

(i) ~~"~~**“**persuna b~~'~~’diżabbiltà~~" u "~~**” u “**persuna b~~'~~’mobbiltà mnaqqsa~~"~~**”** jfissru kwalunkwe persuna ~~li jkollha insuffiċjenza fiżika, mentali, intellettwali jew sensorja permanenti jew temporanja li, flimkien ma' diversi ostakli, tista' xxekkel l-użu sħiħ u effettiv tat-trasport mill-persuna fuq bażi ugwali ma' passiġġieri oħra jew~~ li l-mobbiltà tagħha meta tuża t-trasport tkun imnaqqsa minħabba ~~l-età~~***kwalunkwe diżabbiltà fiżika (sensorjali jew lokomotorja, permanenti jew temporanja), diżabbiltà jew insuffiċjenza intellettwali, jew kwalunkwe kawża oħra ta’ diżabbiltà, jew età, u li s-sitwazzjoni tagħha teħtieġ attenzjoni xierqa u l-adattament għall-ħtiġijiet partikolari tagħha tas-servizz disponibbli għall-passiġġieri kollha***; **[Em. 60]**

(j) ~~"imbark miċħud"~~***“passiġġieri li ma jitħallewx jitilgħu”*** tfisser ċaħda milli passiġġieri jinġarru fuq titjira, minkejja li jkunu ppreżentaw ruħhom ~~għall-imbark~~***biex jitilgħu*** skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1), jew meta jkunu ġew infurmati minn qabel li mhux ser jitħallew jitilgħu kontra r-rieda tagħhom~~, ħlief fejn ikun hemm bażi raġonevoli biex ma jitħallewx jitilgħu, bħal saħħa, sikurezza, sigurtà jew dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar mhux adegwata;~~**. [Em. 61]**

(k) "voluntier" tfisser passiġġier li jkun ippreżenta ruħu għall-imbark skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1) u li jwieġeb b'mod pożittiv għas-sejħa għal passiġġieri tat-trasportatur tal-ajru li huma lesti li ma jitilgħux fuq l-inġenju tal-ajru għat-titjira tagħhom bi skambju għal benefiċċji;

(l) "kanċellazzjoni" tfisser in-nuqqas ta' operazzjoni ta' titjira li qabel kienet ippjanata u li għaliha kien inħareġ kuntratt ta' trasport bl-ajru, u tinkludi sitwazzjonijiet fejn:

(i) l-inġenju tal-ajru jkun telaq iżda li, għal kwalunkwe raġuni, ikun jew iddevja lejn ajruport differenti mill-ajruport tal-wasla indikat fil-biljett, jew reġa' lura lejn l-ajruport tat-tluq, u ma setax jibqa' sejjer sal-ajruport tal-wasla indikat fuq il-biljett, ~~ħlief jekk l-ajruport tal-wasla effettiv u l-ajruport tal-wasla indikat fil-biljett jaqdu l-istess belt jew reġjun u t-trasportatur tal-ajru jkun ipprovda trasport lill-passiġġier għall-ajruport tal-wasla indikat fil-biljett, jew~~***jew*** **[Em. 62]**

(ii) passiġġier ikun inħariġlu biljett għal titjira u l-ħin tat-tluq indikat fuq il-biljett tal-passiġġier ikun tmexxa 'l quddiem b'aktar minn siegħa~~, ħlief jekk ma jkunx hemm bidla fil-ħinijiet taċ-check-in u tal-imbark, jew sakemm il-passiġġier ma jkunx ħa t-titjira li tkun ġiet skedata mill-ġdid;;~~**.'** **[Em. 63]**

(d) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

‘(m) "pajjiż terz" tfisser kwalunkwe pajjiż jew parti minn territorju ta' Stat Membru li għalih ma japplikawx it-Trattati;

(n) "dewmien fit-tluq" tfisser id-differenza fil-ħin bejn il-ħin tat-tluq indikat fuq il-biljett tal-passiġġier u l-ħin tat-tluq effettiv tat-titjira;

(o) "***“***dewmien fil-wasla"***”*** tfisser id-differenza fil-ħin bejn il-ħin tal-wasla indikat fuq il-biljett tal-passiġġier u l-ħin tal-wasla effettiv tat-titjira; ***titjira li fiha l-inġenju tal-ajru jkun telaq iżda kien sussegwentement imġiegħel jirritorna lejn l-ajruport tat-tluq u telaq mill-ġdid aktar tard hija kkunsidrata li kellha dewmien fil-wasla;*** **[Em. 64]**

(p) "***“***klassi tat-trasport"***”*** tfisser parti mill-kabina tal-passiġġieri tal-inġenju tal-ajru kkaratterizzata minn ***kodiċi speċifiku indikat fil-kuntratt tat-trasport bl-ajru jew kombinazzjoni ta’*** siġġijiet differenti, konfigurazzjoni differenti tas-siġġijiet ~~jew kwalunkwe differenza~~***u differenzi*** oħra fis-servizz***, bħal catering speċifiku,*** ipprovdut lill-passiġġieri meta mqabbel ma' partijiet oħra tal-kabina; **[Em. 65]**

(q) "“kuntratt ta'” trasport bl-ajru"” tfisser kuntratt ta'” ġarr konkluż bejn trasportatur tal-ajru jew l-aġent awtorizzat tiegħu u passiġġier ***jew passiġġieri***, għall-provvista ta'” titjira waħda jew aktar; **[Em. 66]**

~~(r)~~ ~~"ċirkostanzi straordinarji" tfisser ċirkostanzi li minħabba n-natura jew l-oriġini tagħhom mhumiex ineranti fl-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat u mhumiex fil-kontroll effettiv tiegħu,, bħaċ-ċirkostanzi fil-lista mhux eżawrjenti ta’ ċirkostanzi straordinarji stabbilita fil-punt 1 tal-Anness, iżda teskludi ċ-ċirkostanzi fil-lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi stabbilita fil-punt 2 tal-Anness;~~ **[Em. 67]**

(s) "titjira" tfisser operazzjoni tat-trasport bl-ajru magħmula minn inġenju tal-ajru wieħed bejn żewġ ajruporti kif speċifikat fuq il-biljett permezz ta' itinerarju determinat minn qabel, skeda u numru ta' identifikazzjoni wieħed, irrispettivament minn jekk hemmx waqfiet intermedji esklussivament għal skopijiet tekniċi u operazzjonali;

(t) "“titjira ta' konnessjoni"” tfisser titjira ***skont kuntratt ta' trasport wieħed jew referenza ta' prenotazzjoni waħda, jew it-tnejn li huma,*** li, bħala parti minn vjaġġ, tkun intenzjonata li tippermetti lill-passiġġier jitlaq mill-punt ta' tluq inizjali u li jasal f'punt ta' trasferiment sabiex jaqbad titjira oħra, jew tkun intenzjonata li tippermetti lill-passiġġier jitlaq minn punt ta' trasferiment sabiex il-passiġġier ikun jista' jilħaq punt ta' trasferiment ieħor jew id-destinazzjoni finali tal-passiġġier; **[Em. 68]**

(u) "waqfien waqt ir-rotta" tfisser interruzzjoni intenzjonata ta' vjaġġ taħt kuntratt ta' trasport bl-ajru wieħed għal perjodu ta' ħin li jaqbeż dak meħtieġ għal tranżitu dirett minn jew, meta jkun hemm bidla minn titjira għal oħra, għal perjodu li normalment jestendi sal-ħin tat-tluq tat-titjira ta' konnessjoni li jmiss u li, f'każijiet eċċezzjonali, jinkludi soġġorn ta' lejl;

(v) "vjaġġ" tfisser titjira jew titjiriet konnessi li jittrasportaw lill-passiġġier mill-punt tat-tluq inizjali sad-destinazzjoni finali tal-passiġġier skont kuntratt ta' trasport bl-ajru wieħed, fejn it-titjiriet ta’ ħruġ u ta’ ritorn ikunu vjaġġi separati;

(w) "ħin tat-tluq" tfisser il-ħin meta l-inġenju tal-ajru jitlaq mill-post tat-tluq, jew billi jiġi mbuttat lura jew bil-muturi tiegħu stess (il-ħin off-block);

(x) "ħin tal-wasla" tfisser il-ħin meta l-inġenju tal-ajru jilħaq il-post tal-wasla u l-brejkijiet tal-parking tiegħu jkunu attivati (il-ħin on-block);

(y) "dewmien fuq it-tarmak" tfisser perjodu ta’ ħin li jaqbeż 30 minuta li matulu l-inġenju tal-ajru jibqa' fuq l-art bejn l-għeluq tal-bibien tal-inġenju tal-ajru u l-ħin tal-qtugħ mill-art tal-inġenju tal-ajru, fit-tluq, jew perjodu ta’ ħin li jaqbeż 30 minuta bejn l-inżul l-art tal-inġenju tal-ajru u l-ftuħ tal-bibien tal-inġenju tal-ajru, mal-wasla;

(z) "lejl" tfisser il-perjodu bejn nofsillejl u s-06:00;

(za) "wild" tfisser persuna taħt l-età ta' 14-il sena fid-data tat-tluq tat-titjira jew tal-ewwel titjira ta' konnessjoni skont kuntratt ta' trasport bl-ajru;

(zaa) "tifel/tifla mhux akkumpanjat(a)" tfisser tfal li jivvjaġġaw mingħajr gwardjan adult responsabbli u meta t-trasportatur tal-ajru jkun aċċetta r-responsabbiltà li jieħu ħsiebhom f'konformità mar-regoli pubblikati tiegħu; **[Em. 69]**

(zb) "tarbija" tfisser persuna taħt l-età ta' sentejn fid-data tat-tluq tat-titjira jew tal-ewwel titjira ta' konnessjoni skont kuntratt ta' trasport bl-ajru;

(zc) "mezz durabbli" tfisser kwalunkwe strument li jippermetti lill-passiġġier jaħżen informazzjoni b'mod li tkun aċċessibbli għal referenza futura, għal perjodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni u li jippermetti r-riproduzzjoni mingħajr bidliet tal-informazzjoni maħżuna;

(zd) "format aċċessibbli" tfisser format li jagħti lill-persuna b'diżabbiltà jew lill-persuna b'mobbiltà mnaqqsa aċċess għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti, inkluż billi jingħata lil dik il-persuna aċċess b'mod fattibbli u komdu daqs persuna mingħajr insuffiċjenza jew diżabbiltà, u li jissodisfa r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà definiti f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli, b’mod partikolari d-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

(ze) "tfixkil" tfisser imbark miċħud, kanċellazzjoni, dewmien fit-tluq, dewmien fil-wasla jew dewmien fuq it-tarmac;

(zf) "punt tat-tluq inizjali" tfisser il-punt tat-tluq tat-titjira jew tal-ewwel titjira ta' konnessjoni ta' vjaġġ."

(zfa) "oġġett personali" tfisser bagalja li ma għaddietx miċ-check-in, u li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' sigurtà u sikurezza, u jew b'dimensjonijiet massimi ta' 40x30x15cm jew bil-kundizzjoni li toqgħod taħt is-siġġu ta' quddiem is-siġġu li fuqu jkun bilqiegħda l-passiġġier. **[Em. 70]**

(zfb) "bagalja tal-idejn" tfisser bagalja li ma għaddietx miċ-check-in li mhix oġġett personali u li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' sigurtà u sikurezza. **[Em. 71]**

---

* Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/882/oj).;'

(3) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

‘Artikolu 3
Kamp ta’ applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) għal passiġġieri li jitilqu minn ajruport li jinsab fit-territorju ta’ Stat Membru li għalih japplikaw it-Trattati;

(b) għal passiġġieri li jitilqu minn ajruport li jinsab f’pajjiż terz lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta’ Stat Membru li għalih japplikaw it-Trattati, sakemm ma jkunux irċevew benefiċċji ***ekwivalenti*** jew kumpens u ngħataw assistenza f’dak il-pajjiż terz~~, jekk it-trasportatur tal-ajru li jopera tat-titjira kkonċernata jkun trasportatur tal-ajru tal-Unjoni~~. **[Em. 72]**

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika bil-kundizzjoni li l-passiġġieri:

(a) ikollhom biljett għat-titjira kkonċernata; jew

(b) ikunu ġew ittrasferiti minn trasportatur tal-ajru jew intermedjarju mit-titjira li kellhom biljett għaliha għal titjira oħra, tkun xi tkun ir-raġuni.

~~3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-passiġġieri li jivvjaġġaw mingħajr ħlas jew bi prezz imnaqqas li ma jkunx disponibbli direttament jew indirettament, għall-pubbliku. Madankollu, għandu japplika għall-passiġġieri li jkollhom biljetti maħruġa taħt programm ta' min itir ta' spiss jew programm kummerċjali ieħor minn trasportatur tal-ajru jew intermedjarju.~~ **[Em. 73]**

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(2), il-punt (d), dan ir-Regolament għandu japplika biss għal passiġġieri ttrasportati b'inġenji tal-ajru bil-ġwienaħ fissi u bil-magni.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jkun responsabbli biex iwettaq l-obbligi skont dan ir-Regolament.

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-passiġġieri ttrasportati f’konformità mat-termini tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (3), tad-Direttiva (UE) 2015/2302, sakemm dak il-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar ma jiġix terminat jew l-eżekuzzjoni tiegħu ma tkunx affettwata għal raġunijiet differenti minn tfixkil ta’ dik it-titjira.

~~7. L-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament ma għandux japplika jekk it-tfixkil iseħħ fuq titjira ta' konnessjoni li titlaq minn ajruport fi Greenland u tasal fih.~~ **[Em. 74]**

~~8. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni legali tar-Renju ta' Spanja fir-rigward tat-territorju ta' Ġibiltà, kif ukoll l-istmu u l-ajruport mibni fuqu.~~ **[Em. 75]**

~~Għandu japplika għall-ajruport ta' Ġibiltà meta, wara soluzzjoni tat-tilwima tiegħu mar-Renju Unit, ir-Renju ta' Spanja jkun f'pożizzjoni li jeżerċita kontroll effettiv fuq dak l-ajruport u li jiżgura l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal dak l-ajruport. Ir-Renju ta' Spanja għandu jinnotifika lill-Kummissjoni meta jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet u l-Kummissjoni għandha tippubblika notifika rigward is-soluzzjoni tat-tilwima f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dan ir-Regolament għandu japplika għal dak l-ajruport mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dik in-notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.;"~~ **[Em. 76]**

(4) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 4

Imbark miċħud

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-passiġġieri li, wara li lestew check-in online jew check-in fl-ajruport, jippreżentaw ruħhom mal-gate għall-imbark kif stipulat u fil-ħin indikat minn qabel u bil-miktub (inkluż b'mezzi elettroniċi) mit-trasportatur tal-ajru li jopera, jew l-intermedjarju, jew, jekk l-ebda ħin tal-imbark ma jkun indikat, mhux aktar tard minn 45 minuta qabel il-ħin tat-tluq indikat fuq il-biljett tal-passiġġier. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-passiġġieri li ma jippreżentawx ruħhom għall-imbark meta jkunu ġew infurmati minn qabel li mhux ser jitħallew jitilgħu kontra r-rieda tagħhom."

2. Meta trasportatur tal-ajru li jopera jistenna b'mod raġonevoli li ~~jiċħad l-imbark fuq titjira~~***ma jħallix lill-passiġġieri jitilgħu***, għandu jinforma minnufih lill-passiġġieri kkonċernati. It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu, fl-istess ħin, jispeċifika lill-passiġġieri kkonċernati d-drittijiet speċifiċi tagħhom skont dan ir-Regolament li japplikaw għall-każ, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għal rimborż ~~jew~~**,** għall-għoti ta' rotta alternattiva ~~skont l-Artikolu 8~~***u għall-kumpens*** u tad-dritt għall-assistenza skont ~~l-Artikolu 9~~***dan ir-Regolament***. **[Em. 77]**

It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jagħmel sejħa għal voluntiera taħt kundizzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma bejn kull voluntier u t-trasportatur tal-ajru li jopera. ***It-trasportatur tal-ajru għandu jinforma lill-voluntiera dwar id-drittijiet tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament.*** ~~Dan~~ Il-ftehim ma' kull voluntier rigward il-benefiċċji għandu biss jissostitwixxi d-dritt tal-voluntier għal kumpens kif stipulat fl-Artikolu 7(1) f'każ li l-voluntier japprovah b'mod espliċitu permezz ta' dokument iffirmat jew kwalunkwe mezz diġitali fuq mezz durabbli. Fin-nuqqas ta' approvazzjoni bħal din, il-voluntier għandu~~, mingħajr dewmien żejjed u sa mhux aktar tard minn sebat ijiem kalendarji minn meta jiċċaħħad l-imbark,~~ ***immedjatament*** jiġi kkumpensat mit-trasportatur tal-ajru li jopera li jiċħad l-imbark f'konformità mal-Artikolu 7(1). **[Em. 78]**

3. Jekk l-għadd ta' voluntiera ma jkunx suffiċjenti biex il-bqija tal-passiġġieri li jkollhom biljett ikunu jistgħu jitilgħu abbord it-titjira, il-trasportatur tal-ajru li jopera jista' mbagħad jiċħad l-imbark tal-passiġġieri, kontra l-volontà tagħhom, bl-eċċezzjoni tal-passiġġieri msemmija fl-Artikolu 11.

4. It-trasportatur tal-ajru li jopera li jiċħad l-imbark għandu jispeċifika minnufih lill-passiġġieri kkonċernati l-informazzjoni dwar it-trattament tal-ilmenti skont l-Artikoli 15a u 16a.

   It-trasportatur tal-ajru li jopera li ~~jiċħad l-imbark~~***ma jħallix lill-passiġġieri jitilgħu*** għandu, mingħajr dewmien żejjed, joffri lill-passiġġieri kkonċernati, b'mod ċar, l-għażla bejn ir-rimborż u l-għoti ta' rotta alternattiva f'konformità mal-Artikolu 8. B'deroga mill-Artikolu 8(1), il-punt (a), meta l-passiġġieri li ~~ġew miċħuda l-imbark ikunu~~***ma jkunux tħallew jitilgħu jkunu*** intitolati għal rimborż, dan għandu jingħata ~~mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn sebat ijiem kalendarji minn meta jiċċaħħad l-imbark~~***immedjatament***. **[Em. 79]**

It-trasportatur tal-ajru li jopera li jiċħad l-imbark għandu joffri lill-passiġġieri kkonċernati assistenza f'konformità mal-Artikolu 9. B'deroga mill-Artikolu 9(1), il-punt (a), għandhom jingħataw ikel u xorb minnufih.

It-trasportatur tal-ajru li jopera li ~~jiċħad l-imbark~~***ma jħallix*** lill-passiġġieri ***jitilgħu*** kontra r-rieda tagħhom għandu jikkumpensa ***immedjatament*** lill-passiġġieri kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 7(1)~~, mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn sebat ijiem kalendarji minn meta jiċċaħħad l-imbark~~. **[Em. 80]**

~~5. Il-paragrafi 3 u 4 għandhom japplikaw ukoll għal titjiriet ta' ritorn meta l-passiġġier jiċċaħħad l-imbark fuq il-bażi li l-passiġġier ma jkunx ħa titjira ta' ħruġ koperta mill-istess kuntratt ta' trasport tal-ajru.~~ **[Em. 81]**

5a. Passiġġier ma għandux jiċċaħħad milli jitħalla jitla' għall-vjaġġ ta' ritorn, inkluż vjaġġ li jikkonsisti f'titjiriet multipli, minħabba li l-passiġġier ma jkunx ħa t-titjira ta' ħruġ ta' biljett bir-ritorn jew ma jkunx ħallas imposta addizzjonali għal dan l-iskop. Jekk il-passiġġieri ma jitħallewx jitilgħu kontra r-rieda tagħhom għal din ir-raġuni, għandu japplika dan l-Artikolu. Barra minn hekk, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jikkumpensa minnufih lill-passiġġieri kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 7 u għandu jassistihom f'konformità mal-Artikoli 8 u 9. **[Em. 82]**

~~6. Meta l-passiġġier, jew intermedjarju, jitlob il-korrezzjoni ta' żball ortografiku fil-kunjom jew fl-isem/ismijiet ta' passiġġier wieħed jew diversi passiġġieri jew fil-każ ta' bidla amministrattiva f'dawk l-ismijiet, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jikkoreġi jew jibdel dan mill-anqas darba sa 48 siegħa qabel it-tluq mingħajr ebda imposta addizzjonali għall-passiġġier jew l-intermedjarju.;”~~
[Em. 83]

(5) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

‘Artikolu 5
Kanċellazzjoni

1. Fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, it-trasportatur tal-ajru li jopera t-titjira kkanċellata għandu jinforma minnufih lill-passiġġieri kkonċernati. Fl-istess ħin, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jispeċifika lill-passiġġieri kkonċernati d-drittijiet speċifiċi tagħhom skont dan ir-Regolament li japplikaw għall-każ, b'mod partikolari fir-rigward tal-għoti ta' rimborż jew ta’ rotta alternattiva skont l-Artikolu 8 u l-assistenza skont l-Artikolu 9, kif ukoll l-informazzjoni dwar il-proċess biex jintalab kumpens definit fl-Artikolu 7 u dwar it-trattament tal-ilmenti skont l-Artikoli 15a u 16a.

It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu ~~jispeċifika~~***jinforma*** lill-passiġġieri kkonċernati~~, mingħajr dewmien żejjed, ir-raġunijiet~~ ***b'mezzi elettroniċi bir-raġunijiet*** għall-kanċellazzjoni~~. Il-passiġġieri għandhom ikunu intitolati, fuq talba, jirċievu bil-miktub ir-raġunijiet għall-kanċellazzjoni. It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jipprovdi tali informazzjoni b'mod ċar fi żmien sebat ijiem kalendarji minn meta titressaq it-talba~~ ***malli din l-informazzjoni ssir disponibbli, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 30 minuta wara l-ħin tat-tluq skedat***. **[Em. 84]**

2. It-trasportatur tal-ajru li jopera t-titjira kkanċellata għandu, mingħajr dewmien żejjed, joffri lill-passiġġieri kkonċernati, b'mod ċar, l-għażla bejn rimborż u l-għoti ta' rotta alternattiva f'konformità mal-Artikolu 8.

3. It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu joffri lill-passiġġieri kkonċernati assistenza f'konformità mal-Artikolu 9.

4. Il-passiġġieri għandu jkollhom id-dritt li jirċievu kumpens mingħand it-trasportatur tal-ajru li jopera t-titjira kkanċellata f'konformità mal-Artikoli 7(1) u 7(3) meta jagħżlu rimborż f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (a) jew l-għoti ta' rotta alternattiva f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (c), ~~jew~~***u/jew***, meta jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom b'dewmien fil-wasla li jaqbeż ~~il-limiti stabbiliti~~***il-limitu stabbilit*** fl-Artikolu 7(2) wara li jagħżlu l-għoti ta' rotta alternattiva f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (b). Għal dak l-għan, it-trasportatur tal-ajru għandu sistematikament jipprovdi lill-passiġġier formola mimlija minn qabel f'format aċċessibbli u fuq mezz durabbli ***f'konformità mal-Artikolu 16aa tar-Regolament [2023/0437(COD)] dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri fl-Unjoni***. It-trasportatur tal-ajru għandu jipprovdi tweġiba sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 7(5). **[Em. 85]**

5. Trasportatur tal-ajru li jopera ma għandux ikun obbligat iħallas kumpens f'konformità mal-Artikolu 7 jekk ikun jista' juri li l-kanċellazzjoni tkun ġiet ikkawżata minn ċirkostanzi straordinarji u li l-kanċellazzjoni ma setgħetx tiġi evitata anki li kieku t-trasportatur tal-ajru kien ħa l-miżuri raġonevoli kollha. Tali ċirkostanzi straordinarji jistgħu jiġu invokati biss sa fejn jaffettwaw it-titjira kkonċernata jew ~~mill-inqas waħda mit-tliet titjiriet~~***it-titjira*** preċedenti ~~fis-sekwenza ta' rotazzjoni ppjanata li tiġi~~ operata mill-istess inġenju tal-ajru, u dment li jkun hemm rabta kawżali diretta bejn l-okkorrenza ta' dik iċ-ċirkostanza u l-kanċellazzjoni tat-titjira. L-oneru tal-prova rigward l-eżistenza ta' dik ir-rabta kawżali diretta għandu jkun ir-responsabbiltà tat-trasportatur tal-ajru li jopera. ***Meta ma tiġix ipprovduta prova tal-eżistenza ta' ċirkostanzi straordinarji mit-trasportatur tal-ajru f'forma bil-miktub, il-kumpens imsemmi fl-Artikolu 7 għandu jitħallas mit-trasportatur tal-ajru.*** **[Em. 86]**

6. Id-dritt li wieħed jirċievi assistenza skont il-paragrafu 3 u kumpens skont il-paragrafu 4 ma għandux japplika jekk il-passiġġier ikun ġie infurmat bil-kanċellazzjoni mill-inqas 14-il jum kalendarju qabel id-data tat-tluq indikata fuq il-biljett tal-passiġġier. L-oneru tal-provi fir-rigward tal-kwistjonijiet dwar jekk u meta l-passiġġier ikunx ġie infurmat bil-kanċellazzjoni tat-titjira għandu jkun ir-responsabbiltà tat-trasportatur tal-ajru li jopera.;

6a. F'każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira minħabba insolvenza, falliment jew sospensjoni jew waqfien tal-attivitajiet ta' trasportatur tal-ajru, il-passiġġieri li jibqgħu l-art għandhom ikunu intitolati għal rimborż, għal titjira lura lejn il-punt tat-tluq jew għal rotta differenti, u li jingħataw attenzjoni xierqa, kif previst fl-Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-Regolament. Bl-istess mod, il-passiġġieri tal-ajru li jkunu għadhom ma bdewx il-vjaġġ tagħhom għandhom ikunu intitolati għal rimborż. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jagħtu prova li jkunu ħadu l-miżuri kollha meħtieġa, pereżempju s-sottoskrizzjoni għal assigurazzjoni jew il-ħolqien ta' fondi ta' garanzija, sabiex jipprovdu attenzjoni xierqa, rimborż jew rotta differenti għall-passiġġieri li jkunu baqgħu l-art fejn applikabbli. Dawn id-drittijiet għandhom japplikaw għall-passiġġieri kkonċernati kollha, irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom, il-post tat-tluq jew il-post fejn inbiegħ il-biljett.": **[Em. 87]**

(6) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 6
Dewmien

1. Meta trasportatur tal-ajru li jopera jistenna li titjira ser tittardja, dan għandu jinforma lill-passiġġieri kkonċernati immedjatament, meta possibbli, iżda mhux aktar tard mill-ħin tat-tluq indikat fuq il-biljett tal-passiġġier. Sa fejn ikun possibbli, il-passiġġieri għandhom jirċievu aġġornamenti regolari f'ħin reali. Fl-istess ħin, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jinforma lill-passiġġieri kkonċernati dwar id-drittijiet speċifiċi tagħhom skont dan ir-Regolament li japplikaw għall-każ, b'mod partikolari fir-rigward tal-assistenza skont l-Artikolu 9, l-informazzjoni dwar il-proċess biex jintalab kumpens definit fl-Artikolu 7 u dwar it-trattament tal-ilmenti skont l-Artikoli 15a u 16a.

It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu***, malli din l-informazzjoni ssir disponibbli, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 30 minuta wara l-ħin tat-tluq skedat,*** jispeċifika~~, mingħajr dewmien żejjed,~~ lill-passiġġieri kkonċernati r-raġunijiet għad-dewmien tat-titjira. Il-passiġġieri huma intitolati jirċievu bil-miktub, fuq talba, ir-raġunijiet għad-dewmien fil-wasla. It-trasportatur tal-ajru li jopera t-titjira mdewma għandu ~~jipprovdi tali informazzjoni b'mod ċar~~***jibgħat lill-passiġġieri l-formola komuni mimlija minn qabel*** fi żmien ~~sebat ijiem kalendarji minn meta titressaq it-talba~~***48 siegħa wara t-tfixkil fil-vjaġġ għall-fini ta' rimborż u kumpens f'konformità mal-Artikolu 6c***.
[Em. 88]

2. It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu joffri assistenza lill-passiġġieri kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 9.

3. Meta d-dewmien jilħaq ~~il-limiti stabbiliti~~***il-limitu stabbilit*** fl-Artikolu 7(2) ikkalkulat mill-ħin tat-tluq indikat fuq il-biljett tal-passiġġier, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu, mingħajr dewmien żejjed, joffri lill-passiġġieri kkonċernati l-għażla bejn ir-rimboż u l-għoti ta' rotta alternattiva f'konformità mal-Artikolu 8. **[Em. 89]**

3a. Il-passiġġieri għandu jkollhom id-dritt għal kumpens mit-trasportatur li jopera f'konformità mal-Artikolu 7 meta jitilqu mhux aktar minn siegħa qabel il-ħin tat-tluq skedat u jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom b'dewmien ta' sagħtejn jew aktar wara l-ħin tal-wasla skedat, dment li l-ħin totali mitluf mill-passiġġier qabel it-tluq u wara d-dewmien fil-wasla jkun daqs jew jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 7(2). **[Em. 90]**

4. Il-passiġġieri għandu jkollhom id-dritt li jirċievu~~, fuq talba,~~ kumpens mingħand it-trasportatur tal-ajru li jopera t-titjira mdewma f'konformità mal-Artikoli 7(1) u 7(3), meta jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom b'dewmien fil-wasla li jaqbeż ~~il-limiti stabbiliti~~***il-limitu stabbilit*** fl-Artikolu 7(2). ***Għal dak l-għan, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu, sistematikament fi żmien 48 siegħa wara d-dewmien, jipprovdi lill-passiġġier formola mimlija minn qabel f'konformità mal-Artikolu 16aa tar-Regolament [2023/0437(COD)] dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri fl-Unjoni].*** **[Em. 91]**

Il-passiġġieri għandu jkollhom id-dritt li jirċievu~~, fuq talba,~~ kumpens mingħand it-trasportatur tal-ajru li jopera t-titjira mdewma f'konformità mal-Artikoli 7(1) u 7(3) meta jagħżlu rimborż f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (a) jew l-għoti ta' rotta alternattiva f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (c), jew, meta jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom b'dewmien fil-wasla li jaqbeż ~~il-limiti stabbiliti~~***il-limitu stabbilit*** fl-Artikolu 7(2) wara li jagħżlu l-għoti ta' rotta alternattiva f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (b). **[Em. 92]**

5. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll jekk il-ħin tat-tluq indikat fuq il-biljett tal-passiġġier ikun ġie pospost mit-trasportatur tal-ajru li jopera.

Id-dritt li wieħed jirċievi assistenza skont il-paragrafu 2 u kumpens skont il-paragrafu 4 ma għandux japplika jekk il-passiġġier ikun ġie infurmat b'tali bidla mill-inqas 14-il jum kalendarju qabel il-ħin tat-tluq indikat fuq il-biljett tal-passiġġier. L-oneru tal-provi fir-rigward tal-kwistjonijiet dwar jekk u meta l-passiġġier ikunx ġie infurmat bil-bidla fil-ħin għandu jkun ir-responsabbiltà tat-trasportatur tal-ajru li jopera.

6. Trasportatur tal-ajru li jopera ma għandux ikun obbligat iħallas kumpens f'konformità mal-Artikolu 7 jekk ikun jista' juri li d-dewmien fil-wasla kien ġie kkawżat minn ċirkostanzi straordinarji u li d-dewmien ma setax jiġi evitat anki li kieku t-trasportatur tal-ajru kien ħa l-miżuri raġonevoli kollha. Tali ċirkostanzi straordinarji jistgħu jiġu invokati biss sa fejn jaffettwaw it-titjira kkonċernata jew mill-inqas ~~waħda mit-tliet titjiriet~~***it-titjira*** preċedenti ~~fis-sekwenza ta' rotazzjoni ppjanata li tkun~~ operata mill-istess inġenju tal-ajru u dment li jkun hemm rabta kawżali diretta bejn l-okkorrenza ta' dik iċ-ċirkostanza u d-dewmien fit-tluq tat-titjira sussegwenti. L-oneru tal-prova rigward l-eżistenza ta' dik ir-rabta kawżali diretta għandu jkun ir-responsabbiltà tat-trasportatur tal-ajru li jopera.~~;~~ ***Meta ma tiġix ipprovduta prova tal-eżistenza ta' ċirkostanzi straordinarji mit-trasportatur tal-ajru f'forma bil-miktub, il-kumpens imsemmi fl-Artikolu 7 għandu jitħallas mit-trasportatur tal-ajru. Dan ta' hawn fuq ma jeżonerax lit-trasportaturi tal-ajru mill-obbligu li jagħtu assistenza lill-passiġġieri f'konformità mal-Artikolu 9.";*** **[Em. 93]**

(7) jiżdiedu l-Artikoli li ġejjin:

‘Artikolu 6a
Dewmien fuq it-tarmak

1. Fil-każ ta' dewmien fuq it-tarmak, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu, sa fejn ikun possibbli, jipprovdi lill-passiġġieri b'aġġornamenti regolari u f'ħin reali.

2. Soġġett għal restrizzjonijiet ta' sikurezza jew sigurtà, meta jkun hemm dewmien fuq it-tarmak, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jiżgura tisħin jew tkessiħ adegwat tal-kabina tal-passiġġieri, aċċess bla ħlas għall-faċilitajiet sanitarji abbord u għandu jiżgura li l-passiġġieri msemmija fl-Artikolu 11 jirċievu l-attenzjoni meħtieġa. Ħlief jekk dan iżid id-dewmien fuq it-tarmak jew sakemm ma jistax jiġi rikonċiljat mar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ajru jew is-sigurtà tal-ajru, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jipprovdi ilma tax-xorb bla ħlas abbord.

3. Fejn dewmien fuq it-tarmak jilħaq ~~tliet sigħat f'~~***sagħtejn f'***ajruport ***bi traffiku ta' passiġġieri kummerċjali*** li jinsab f'territorju ta' Stat Membru li t-Trattati japplikaw għalih, l-inġenju tal-ajru għandu jipproċedi lejn il-gate jew punt ieħor ta' żbark adatt fejn il-passiġġieri għandhom jitħallew jinżlu. Dewmien fuq it-tarmak jista' jittawwal aktar minn dak il-massimu ta' ħin f'każ biss li jkun hemm raġunijiet relatati mas-sikurezza, l-immigrazzjoni, il-kontroll tat-traffiku tal-ajru jew is-sigurtà għalfejn l-inġenju tal-ajru ma jkunx jista' jitlaq mill-pożizzjoni tiegħu fuq it-tarmak. **[Em. 94]**

4. Il-passiġġieri żbarkati f'konformità mal-paragrafu 3 għandhom ikunu intitolati għad-drittijiet previsti taħt l-Artikolu 6 u, fejn applikabbli, l-Artikolu 11, b'kont meħud tad-dewmien fuq it-tarmak u l-ħin tat-tluq indikati fuq il-biljett tal-passiġġier.

Artikolu 6b

Telfien ta' titjira ta' konnessjoni matul vjaġġi mwettqa taħt kuntratt ta' trasport bl-ajru wieħed

1. Meta passiġġier jitlef titjira ta' konnessjoni matul vjaġġ b'riżultat ta' tfixkil fuq it-titjira preċedenti, it-trasportatur tal-ajru li jopera t-titjira preċedenti għandu jkun responsabbli biex jagħti rotta alternattiva lill-passiġġier f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (b), u assistenza f'konformità mal-Artikolu 9.

2. Meta t-trasportatur tal-ajru li jopera ma jkunx jista' jagħti rotta alternattiva lill-passiġġier fil-perjodu ta’ ħin ddefinit fl-Artikolu 7(2), il-punti (a) u (b), ikkalkolata mill-ħin tat-tluq indikat fuq il-biljett tal-passiġġier tat-titjira ta' konnessjoni li tkun intilfet, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu, mingħajr dewmien żejjed, joffri lill-passiġġieri kkonċernati, b'mod ċar, l-għażla bejn rimborż u l-għoti ta' rotta alternattiva f'konformità mal-Artikolu 8.

3. Il-passiġġieri għandu jkollhom ukoll dritt li jirċievu~~, fuq talba,~~ kumpens mingħand it-trasportatur tal-ajru li jopera t-titjira mfixkla f'konformità mal-Artikoli 7(1) u 7(3), jekk jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom b'dewmien fil-wasla li jaqbeż ~~il-limiti stabbiliti~~***il-limitu stabbilit*** fl-Artikolu 7(2). **[Em. 95]**

Il-passiġġieri għandu jkollhom id-dritt li jirċievu~~, fuq talba,~~ kumpens mit-trasportatur tal-ajru li jopera t-titjira mfixkla f'konformità mal-Artikoli 7(1) u 7(3) meta jagħżlu rimborż f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (a) jew l-għoti ta' rotta alternattiva f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (c), jew, meta jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom b'dewmien fil-wasla li jaqbeż ~~il-limiti stabbiliti~~***il-limitu stabbilit*** fl-Artikolu 7(2) wara li jagħżlu l-għoti ta' rotta alternattiva f'konformità mal-Artikolu 8(1), il-punt (b). **[Em. 96]**

Meta japplikaw il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu, sistematikament fi żmien 48 siegħa wara t-titjira ta' konnessjoni mitlufa, jipprovdi lill-passiġġier formola mimlija minn qabel f'konformità mal-Artikolu 16aa tar-Regolament [2023/0437(COD)] dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri fl-Unjoni]. **[Em. 97]**

4. ~~Meta passiġġier jippjana u jagħmel waqfien waqt ir-rotta, l-ajruport fejn isir il-waqfien waqt ir-rotta għandu jitqies bħala d-destinazzjoni finali tal-passiġġier.;~~ **[Em. 98]**

Artikolu 6c
Ċirkostanzi straordinarji

1. Ċirkostanzi straordinarji għandhom jitqiesu li huma avvenimenti li, min-natura jew l-oriġini tagħhom, mhumiex marbuta mal-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat u huma barra mill-kontroll reali tat-trasportatur tal-ajru. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, iċ-ċirkostanzi straordinarji huma limitati għaċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Anness;

2. ***Meta passiġġier ikollu dritt għal kumpens mit-trasportatur tal-ajru f'konformità mal-Artikoli 4, 5 u 6, it-trasportatur tal-ajru għandu jibgħat lill-passiġġier bil-miktub, fi żmien 48 siegħa, l-informazzjoni dwar il-preżenza jew in-nuqqas ta' ċirkostanzi straordinarji u jipprovdi aċċess għal formola komuni mimlija minn qabel f'konformità mal-[Artikolu 16aa tar-Regolament [2023/...] dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri fl-Unjoni].***

3. ***Meta jseħħ avveniment mhux tas-soltu barra mill-kontroll ta' Stat Membru wieħed jew aktar, li jkollu impatt kbir fuq l-ivvjaġġar bl-ajru b'konsegwenzi mhux favorevoli kbar għas-settur tal-avjazzjoni u li mhuwiex kopert mill-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 16h sabiex temenda l-lista eżawrjenti stabbilita f'dak l-Anness billi żżid iċ-ċirkostanza straordinarja rilevanti, dment li dan ikun strettament meħtieġ sabiex ikun hemm rispons għal tali avveniment mhux tas-soltu.";*** **[Em. 99]**

(8) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 7
Dritt għal kumpens

1. Fil-każ ta' tfixkil, għandhom japplikaw l-ammonti ta' kumpens li ġejjin skont il-kundizzjonijiet definiti fl-Artikoli 4, 5, 6 jew 6a u f'dan l-Artikolu:

(a) EUR 300 għall-vjaġġi ~~intra-Unjoni~~ kollha ~~u għal vjaġġi ta' 3 500~~***ta’ 1 500*** kilometru jew inqas; **[Em. 100]**

(b) EUR ~~500~~***400*** għall-vjaġġi ***kollha ta’ bejn 1 500 km u*** ~~ta' aktar minn~~ 3 500 ~~kilometru.~~***km;*** **[Em. 101]**

(ba) EUR 600 għall-vjaġġi kollha ta’ aktar minn 3 500 km; **[Em. 102]**

~~B'deroga mill-punt (a), għall-vjaġġi bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u territorju ieħor ta' Stat Membru li għalih japplikaw it-Trattati, l-ammonti tal-kumpens għandhom jiġu ddeterminati abbażi tad-distanza reali tal-vjaġġi.~~ **[Em. 103]**

1a. Kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jaġġusta awtomatikament l-ammonti ta' kumpens imsemmija f'dan il-paragrafu għar-rata tal-inflazzjoni ġenerali kkombinata tat-tliet snin preċedenti abbażi tal-Indiċi Ewropew tal-Prezzijiet għall-Konsumatur ippubblikat mill-Eurostat skont ir-Regolament (UE) 2016/792[1a].
[Em. 104]

2. Fil-każ ta' dewmien fil-wasla wara l-għoti ta' rotta alternattiva b'riżultat ta' kanċellazzjoni skont l-Artikolu 5, dewmien fil-wasla skont l-Artikolu 6 jew dewmien fil-wasla wara t-telfien ta' titjira ta' konnessjoni skont l-Artikolu 6b, għandu jkun hemm id-dritt għal kumpens għal dewmien fil-wasla***, jew wara telf ta' ħin skont l-Artikolu 6, il-paragrafu 3a, ta' tliet sigħat jew*** ~~ta'~~ aktar***, irrispettivament mid-distanza tal-vjaġġ.*** ~~minn~~
[Em. 105]

~~(a) erba' sigħat għall-vjaġġi intra-Unjoni kollha u għall-vjaġġi ta' 3 500 kilometru jew inqas;~~ **[Em. 106]**

~~(b) sitt sigħat għall-vjaġġi ta' aktar minn 3 500 kilometru.~~ **[Em. 107]**

3. Sabiex jiġu ddeterminati d-distanzi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-bażi tal-kalkolu għandha tkun id-distanza bejn il-punt inizjali tat-tluq u d-destinazzjoni finali. Fil-każ ta' titjira ta' konnessjoni, għandhom jitqiesu biss il-punt inizjali tat-tluq u l-ajruport tad-destinazzjoni finali. Dawk id-distanzi għandhom jitkejlu bil-metodu tar-rotta ortodromika."

4. Meta l-passiġġieri jkunu għażlu li jkomplu l-vjaġġ ***tagħhom*** skont l-Artikolu 8(1), ~~il-punt (b)~~***il-punti (a), (b) jew (c)***, u jkun hemm tfixkil ulterjuri waqt ir-rotta alternattiva li tingħata, ~~il-passiġġier jista' jkollu dritt~~***id-dritt tal-passiġġier*** għal kumpens ~~darba biss~~***għandu jkun rispettat*** matul ~~il-vjaġġ lejn~~***ir-rotta alternattiva għal punt inizjali tat-tluq jew*** id-destinazzjoni finali ***tagħhom***. **[Em. 108]**

4a. Il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitħallas permezz ta' trasferiment bankarju elettroniku fil-kont indikat mill-passiġġier li jissottometti t-talba. It-trasportatur tal-ajru li jopera u l-passiġġier li jissottometti t-talba jistgħu jaqblu, fuq mezz durabbli, li l-kumpens jitħallas biss permezz ta' karta ta' kreditu jew flus kontanti. **[Em. 109]**

4b. L-oneru tal-prova biex jiġi stabbilit meta u kif il-passiġġier aċċetta l-ftehim dwar il-forma ta' ħlas ta' kumpens stabbilit fil-paragrafu 4a ta' dan l-Artikolu għandu jkun tat-trasportatur tal-ajru li jopera. **[Em. 110]**

5. It-talbiet għal kumpens skont dan l-Artikolu għandhom jitressqu mill-passiġġier ***bl-użu tal-formola komuni mimlija minn qabel mibgħuta mit-trasportatur tal-ajru li jopera*** fi żmien ~~sitt xhur mid-data effettiva tat-tluq indikata fuq il-biljett tal-passiġġier~~***sena mid-data li fiha tkun twettqet jew kienet skedata li titwettaq it-titjira***. Fi żmien ~~14-il jum kalendarju~~***7 ijiem tax-xogħol*** mit-tressiq tat-talba, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jħallas il-kumpens jew jagħti ġustifikazzjoni lill-passiġġier għaliex ikun naqas milli jħallas il-kumpens, f'konformità mal-Artikolu 5(5) jew l-Artikolu 6(6) ***u l-Artikolu 6(c)***, inkluż, jekk applikabbli, spjegazzjoni ċara u sostanzjata dwar ċirkostanzi straordinarji. ~~Meta l-korp ta' tmexxija tal-ajruport jattiva l-pjan ta' kontinġenza tiegħu, dik l-iskadenza tista' tiġi estiża għal 30 jum kalendarju.~~ **[Em. 111]**

Meta t-trasportatur tal-ajru li jopera ma jħallasx il-kumpens mitlub, il-passiġġier jista' jressaq ilment f'konformità mal-Artikolu 16a.

6. ~~Il-kumpens għandu jitħallas fi flus kontanti jew, jekk ikun hemm qbil mill-passiġġier f'dokument iffirmat jew kwalunkwe mezz diġitali fuq mezz durabbli, b'mezzi oħra.;~~ **[Em. 112]**

---

* ***Ir-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 11).";***

(9) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 8
Dritt għal rimborż jew rotta alternattiva

1. Fil-każ ta' tfixkil, ~~il-passiġġieri għandhom jiġu offruti~~***it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu***, mingħajr ~~ħlas, l-għażla bejn l-opzjonijiet li ġejjin~~***ebda kunsiderazzjoni ulterjuri u*** skont il-kundizzjonijiet ~~definiti~~***stabbiliti*** fl-Artikoli 4, 5, 6, jew 6b u f'dan l-Artikolu***, joffri lill-passiġġieri għażla bejn l-għażliet li ġejjin, li għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas***: **[Em. 113]**

(a) rimborż awtomatiku ***wara t-tlestija permezz tal-formola komuni mimlija minn qabel*** fi żmien ~~14-il jum kalendarju mid-data tat-tluq~~***sebat ijiem tax-xogħol mit-talba tal-passiġġier*** tat-titjira mfixkla indikata fuq il-biljett tal-passiġġier, ~~fi flus kontanti~~***biss bi trasferiment bankarju elettroniku***, ***rimborż fil-karta ta' kreditu*** jew~~, jekk maqbul~~ ***ordni bankarja fil-kont indikat*** mill-passiġġier ~~f'dokument iffirmat jew fi kwalunkwe mezz diġitali ieħor fuq mezz durabbli, b'mezzi oħra~~***awtorizzat***, tal-kost sħiħ tal-biljetti, għall-parti jew il-partijiet tal-vjaġġ jew tal-vjaġġi mhux magħmula, u għall-parti jew il-partijiet tal-vjaġġ jew tal-vjaġġi diġà magħmula jekk it-titjira ma tkunx għadha qed isservi skop b'rabta mal-pjanijiet tal-vjaġġ oriġinali tal-passiġġier, flimkien ma', fejn rilevanti, titjira ta' ritorn għall-punt tat-tluq inizjali, mal-ewwel opportunità wara l-ħin tat-tluq indikat fuq il-biljett tal-passiġġier jew, bi qbil mal-passiġġier, qabel dak il-ħin. **[Em. 114]**

(b) kontinwazzjoni tal-vjaġġ tal-passiġġier ***b'kundizzjonijiet tat-trasport komparabbli,*** billi tingħatalu rotta alternattiva lejn id-destinazzjoni finali tiegħu mal-ewwel opportunità wara l-ħin tat-tluq indikat fuq il-biljett tal-passiġġier jew, bi qbil mal-passiġġier, qabel dak il-ħin; jew **[Em. 115]**

(c) rotta alternattiva***, b'kundizzjonijiet tat-trasport komparabbli,*** lejn id-destinazzjoni finali tal-passiġġier f'data aktar tard għall-konvenjenza tal-passiġġier, soġġett għad-disponibbiltà ta' postijiet bilqiegħda. **[Em. 116]**

It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jipprovdi l-informazzjoni lill-passiġġieri skont dan l-Artikolu b'mod ċar u mhux ambigwu b'mezzi elettroniċi, u fuq talba tal-passiġġier b'mezzi oħra, bħal f'forma stampata. **[Em. 117]**

~~Meta l-korp ta' tmexxija tal-ajruport jattiva l-pjan ta' kontinġenza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 10a, l-iskadenza msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu tista' tiġi estiża għal 30 jum kalendarju.~~ **[Em. 118]**

2. Sabiex il-passiġġier jilħaq id-destinazzjoni tiegħu kif ~~determinat~~***iddeterminat*** skont il-paragrafu 1 mal-ewwel opportunità ***u b'ħin tal-ivvjaġġar totali kemm jista' jkun qrib il-ħin tal-ivvjaġġar totali skedat tat-titjira oriġinali***, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu, soġġett għad-disponibbiltà u dment li dawn ikunu taħt kundizzjonijiet komparabbli ta' trasport kif stabbilit fil-kuntratt ta' trasport bl-ajru, joffri mill-inqas waħda mill-għażliet alternattivi li ġejjin għall-kunsiderazzjoni u l-qbil tal-passiġġier f'dokument iffirmat jew fi kwalunkwe mezz diġitali ieħor fuq mezz durabbli: **[Em. 119]**

(a) titjira jew titjiriet ta’ konnessjoni, li jsegwu l-istess rotta kif stabbilit fil-kuntratt tat-trasport bl-ajru;

(b) rotta differenti~~, inkluż lejn jew minn alternattiva~~ ***bejn l-istess*** ajruporti ~~għall-ajruport~~ ***tat-tluq u tal-wasla kif*** iddikjarat fil-kuntratt tat-trasport bl-ajru~~, f’liema każ, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jħallas l-ispiża tat-trasferiment tal-passiġġier mill-ajruport iddikjarat fil-kuntratt tat-trasport bl-ajru għall-ajruport alternattiv jew għall-ajruport iddikjarat fil-kuntratt tat-trasport bl-ajru mill-ajruport alternattiv~~;
[Em. 120]

(ba) rotta alternattiva lejn l-ajruporti alternattivi għall-ajruporti ddikjarati fil-kuntratt tat-trasport bl-ajru, jew minnhom, f’liema każ, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jħallas il-kost tat-trasferiment tal-passiġġier bejn l-ajruport iddikjarat fil-kuntratt tat-trasport bl-ajru u l-ajruport alternattiv; **[Em. 121]**

(c) l-użu ta' servizzi operati minn trasportatur tal-ajru ieħor; jew

(d) fejn xieraq għad-distanza tal-vjaġġ, l-użu ta' mezz ieħor ta' trasport.

Fil-każ ta' ridirezzjonar tar-rotta permezz ta' mod ieħor ta' trasport jew ma' trasportatur tal-ajru ieħor, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jibqa' responsabbli għall-informazzjoni, l-assistenza u r-ridirezzjonar tar-rotta biss sat-tluq ta' dak is-servizz ta' ridirezzjonar tar-rotta. It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jibqa' responsabbli għall-kumpens għad-dewmien fil-wasla fid-destinazzjoni finali f'konformità mal-Artikolu 7. It-trasportatur li jopera s-servizz tal-għoti ta' rotta alternattiva għandu jkun responsabbli għad-drittijiet l-oħra kollha marbuta ma' dak is-servizz f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri għal dak il-mod ta' trasport.
[Em. 122]

3. Meta passiġġier ikun informa lit-trasportatur tal-ajru li jopera bl-għażla tiegħu li jkompli l-vjaġġ tiegħu f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b) u l-paragrafu 4, u jekk it-trasportatur tal-ajru li jopera ma jkunx offra fi żmien tliet sigħat rotta alternattiva, ***b'kundizzjonijiet tat-trasport komparabbli,*** il-passiġġier jista' jagħmel l-arranġamenti tiegħu stess għal rotta alternattiva f'konformità mal-paragrafu 2. ***Jekk il-passiġġier jagħżel li jagħmel l-arranġamenti għal rotta alternattiva tiegħu stess, il-passiġġier għandu jinforma lit-trasportatur tal-ajru li jopera b'dan. Il-passiġġier għandu d-dritt li jirrifjuta l-għażliet ta' għoti ta' rotta alternattiva jekk dawk l-għażliet ta' għoti ta' rotta alternattiva ma jkunux b'kundizzjonijiet ta' trasport komparabbli, u, f'każ bħal dan, għandu jżomm id-drittijiet tiegħu għall-assistenza f'konformità mal-Artikolu 9 waqt li jistenna l-għoti ta' rotta alternattiva.*** **[Em. 123]**

Fil-każ ta' kanċellazzjoni, l-ewwel subparagrafu għandu japplika mill-ħin tat-tluq indikat fuq il-biljett tal-passiġġier.

Meta jagħmlu l-arranġamenti tagħhom stess għal rotta alternattiva, il-passiġġieri għandhom jillimitaw l-ispejjeż għal dawk li huma meħtieġa, raġonevoli u xierqa. It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jirrimborża l-ispejjeż li ma jaqbżux 400 % tal-kost sħiħ tal-biljett jew tal-biljetti mġarrba mill-passiġġier fi żmien ~~14-il jum kalendarju~~***sebat ijiem ta' xogħol*** mis-sottomissjoni tat-talba. ~~Meta l-korp ta' tmexxija tal-ajruport jattiva l-pjan ta' kontinġenza tiegħu, dik l-iskadenza tista' tiġi estiża għal 30 jum kalendarju.~~ **[Em. 124]**

4. Passiġġier jista' jagħżel bejn rimborż f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt(a), jew rotta alternattiva f'data aktar tard f'konformità mal-paragrafu 1,il-punt (c), sa meta l-passiġġier ikun aċċetta rotta alternattiva mal-ewwel opportunità offruta mit-trasportatur tal-ajru li jopera f'konformità mal-paragrafu1, il-punt (b) jew sa meta l-passiġġier ikun iddeċieda li hu stess jieħu rotta alternattiva f'konformità mal-paragrafu 3.

Il-passiġġier għandu jinforma lit-trasportatur tal-ajru li jopera bl-għażla tiegħu.;

4a. It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jipprovdi l-informazzjoni lill-passiġġieri skont dan l-Artikolu b'mod ċar u mhux ambigwu b'mezzi elettroniċi, u fuq talba tal-passiġġier b'mezzi oħra, bħal f'format stampat. L-oneru tal-prova rigward l-għażla tal-passiġġieri għandu jkun ir-responsabbiltà tat-trasportatur tal-ajru li jopera. Għal dak l-għan, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jiżgura wkoll li l-għażla magħmula mill-passiġġier skont dan l-Artikolu tiġi kkonfermata permezz ta' dokument iffirmat jew kwalunkwe mezz diġitali fuq mezz li jservi għal żmien twil."
[Em. 125]

(10) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 9
Dritt għall-assistenza

1. ~~Fil-każ ta' tfixkil u soġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 4, 5, 6, 6a u 6b u f'dan l-Artikolu, u meta l-ħin ta' stennija għat-titjira tagħhom jew għat-trasport alternattiv jiġi estiż b'mill-inqas sagħtejn~~***Fejn issir referenza għal dan l-artikolu***, il-passiġġieri għandhom jiġu offruti, mingħajr ħlas, dan li ġej:
[Em. 126]

(a) ikel u xorb kull sagħtejn ta' ħin ta' stennija;

(b) ikla wara tliet sigħat u mbagħad kull ħames sigħat ta' ħin ta' stennija b'massimu ta' tliet ikliet kuljum;

(c) ~~messaġġi testwali (text messages),~~ aċċess għall-internet u żewġ telefonati. **[Em. 127]**

It-trasportatur tal-ajru li jopera jista' jillimita jew jirrifjuta l-assistenza pprovduta skont l-ewwel subparagrafu jekk l-għoti tagħha toħloq iżjed dewmien għat-tluq tat-titjira ttardjata jew għar-rotta alternattiva, inkluż it-tluq tat-trasportazzjoni alternattiva.

2. Barra minn hekk, fejn ikun meħtieġ soġġorn ta' lejl wieħed jew aktar waqt l-istennija għat-titjira jew trasport alternattiv, il-passiġġieri għandhom jingħataw mingħajr ħlas, dan li ġej:

(a) akkomodazzjoni f'lukanda;

(b) trasport mill-ajruport għall-akkomodazzjoni f’lukanda u r-ritorn.

3. It-trasportatur tal-ajru li jopera jista' juża vawċers biex jissodisfa l-obbligi tiegħu skont il-paragrafu 1, il-punti (a) (b) u l-paragrafu 2. Il-vawċers ipprovduti f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom ikunu jistgħu jintużaw fil-ħwienet kollha li jipprovdu ikel u xorb fl-ajruport fejn il-passiġġieri kkonċernati ~~jitħallew~~***jibqgħu*** l-art, abbord it-titjira tagħhom, u, kif xieraq, fl-akkomodazzjoni prevista skont il-paragrafu 2, il-punt (a). ***Vawċer ipprovdut f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (a) jista' jinħareġ biss jekk it-trasportatur tal-ajru li jopera jkun ipprenota minn qabel kamra għall-passiġġier ikkonċernat.*** **[Em. 128]**

4. Fejn it-trasportatur tal-ajru li jopera ma jissodisfax l-obbligi tiegħu skont il-paragrafi 1, 2 u 3, il-passiġġieri kkonċernati jistgħu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom stess. It-trasportatur tal-ajru li jopera t-titjira mfixkla għandu jirrimborża l-ispejjeż imġarrba mill-passiġġieri fi żmien 14-il jum kalendarju mis-sottomissjoni tat-talba għal rimborż, sa fejn dawk l-ispejjeż ikunu meħtieġa, raġonevoli u proporzjonati għat-tul ta' stennija u għall-ispejjeż ***tal-akkomodazzjoni, ta'*** ~~ta'~~ xorb u ikliet fil-post tal-ajruport jew fil-post tal-akkomodazzjoni fejn il-passiġġieri jitħallew l-art. ***F'każ li t-trasportatur tal-ajru jonqos milli jipprovdi akkomodazzjoni f'lukanda fi żmien tliet sigħat, il-passiġġier għandu jkollu d-dritt li jirranġa l-akkomodazzjoni tiegħu stess u jiġi rimborżat mit-trasportatur tal-ajru mal-preżentazzjoni tal-irċevuta korrispondenti, fi żmien sebat ijiem tax-xogħol.*** Meta l-korp ta' tmexxija tal-ajruport jattiva l-pjan ta' kontinġenza tiegħu, dik l-iskadenza tista' tiġi estiża għal ~~30~~ ***[...]*** jum kalendarju. ***L-ammont rimborżabbli għandu jkun sa limitu massimu għal lukanda msemmi f'indiċi ppubblikat mill-Kummissjoni li jirrifletti l-prezzijiet fl-Istati Membri f'konformità mad-data tal-Eurostat immultiplikat b'koeffiċjent ta' 2, sabiex jitqiesu d-disponibbiltà limitata u l-ipprezzar f'perjodu tal-akbar domanda u biex it-trasportaturi tal-ajru li joperaw jiġu inċentivati jipprovdu akkomodazzjoni fi żmien l-iskadenza ta' tliet sigħat. Meta l-limitu mmultiplikat bil-koeffiċjent ma jkunx biżżejjed biex jippermetti lill-passiġġier ikkonċernat isib akkomodazzjoni xierqa, id-dritt li l-passiġġier isib arranġament ta' akkomodazzjoni huwa stess ma għandux jeħles lit-trasportatur tal-ajru li jopera mill-obbligu tiegħu li jipprovdi akkomodazzjoni.*** **[Em. 129]**

5. Fl-ajruporti kollha tal-Unjoni ***bi traffiku ta' passiġġieri kummerċjali***, il-korp ta' tmexxija tal-ajruport għandu jistabbilixxi arranġamenti biex jiżgura li l-ilma tax-xorb u l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar għall-apparat elettroniku jkunu jistgħu jsiru disponibbli, mingħajr ħlas, irrispettivament mill-ħin tal-jum, it-titjira jew it-terminal. **[Em. 130]**

6. Jekk it-tfixkil ikun ikkawżat minn ċirkostanzi straordinarji u t-tfixkil ma setax jiġi evitat lanqas li kieku t-trasportatur tal-ajru kien ħa l-miżuri raġonevoli kollha, it-trasportatur tal-ajru jista' jillimita l-akkomodazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (a) għal massimu ta' tlett iljieli.

7. Meta passiġġier jagħżel rimborż skont l-Artikolu 8(1), il-punt (a), waqt li jkun fl-ajruport tat-tluq tal-vjaġġ tiegħu, jew jagħżel rotta alternattiva f'data aktar tard skont l-Artikolu 8(1), il-punt (c), il-passiġġier ma għandu jkollu l-ebda dritt ieħor fir-rigward ta' assistenza skont il-paragrafi 1 u 2 b'rabta mat-titjira rilevanti.;"

(11) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 10
Titjib u tnaqqis fil-grad

1. Jekk trasportatur tal-ajru li jopera jpoġġi passiġġier fi klassi ta’ trasport ogħla minn dik għal liema nxtara l-biljett, ma għandu jitlob l-ebda ħlas supplimentari.

2. Jekk trasportatur tal-ajru li jopera jpoġġi passiġġier fi klassi ta~~.~~’ trasport aktar baxxa minn dik għal liema nxtara l-biljett, dan għandu, fi żmien ~~14-il jum kalendarju~~***sebat ijiem tax-xogħol*** tat-tnaqqis fil-grad, bil-mezzi previsti fl-Artikolu 7(6), ~~jikkumpensa lill-passiġġieri b'tal-anqas l-ekwivalenti għal~~***jirrimborża***: **[Em. 131]**

   (a) ~~40~~***30*** % tal-prezz tat-titjira ~~għal titjiriet ta' 3500~~***għat-titjiriet kollha ta’ 1 500*** kilometru jew inqas~~;~~***,*** jew **[Em. 132]**

   (b) ~~75~~***50*** % tal-prezz ~~tat-titjira għal titjiriet ta'~~***tal-biljett tal-ajru għat-titjiriet intra-Unjoni kollha ta’*** aktar minn ~~3500~~***1 500*** kilometru~~.~~ ***u għat-titjiriet l-oħrajn kollha bejn 1 500 u 3 500 kilometru, jew*** **[Em. 133]**

(ba) 75 % tal-prezz tat-titjira għat-titjiriet kollha li ma jaqgħux taħt (a) jew (b), inkluż titjiriet bejn it-territorju Ewropew tal-Istati Membri u r-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi. **[Em. 134]**

3. Fejn il-prezz tat-titjira ma jkunx indikat fuq il-biljett, il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-proporzjon rilevanti tad-distanza tat-titjira meta mqabbel mad-distanza totali koperta mill-kuntratt ta' trasport bl-ajru, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 7(3).

4. Il-prezz tat-titjira msemmi f’dan l-Artikolu jeskludi t-taxxi u l-imposti indikati fuq il-biljett, sakemm la r-rekwiżit li jitħallsu dawk it-taxxi u l-imposti u lanqas l-ammont tagħhom ma jiddependi mill-klassi tat-trasport li għaliha jkun inxtara dak il-biljett.

5. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal ~~vantaġġi inklużi f'tariffa ogħla fl-istess klassi ta' trasport~~***servizzi anċillari,*** bħal postijiet bilqiegħda speċifiċi jew catering***, li huma indipendenti mill-klassi tat-trasport u mibjugħa separatament***.”; **[Em. 135]**

(12) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

‘Artikolu 10a
Pjanijiet ta' kontinġenza tal-ajruport

1. F’ajruport tal-Unjoni ~~li għandu traffiku~~***b’volum*** annwali ta’ ~~passiġġieri~~ ***traffiku tal-passiġġieri ta’*** ~~l fuq minn 5~~ ***mhux inqas minn 4*** miljun passiġġier ***għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi***, il-korp ta’ tmexxija tal-ajruport għandu jiżgura li l-operazzjonijiet tal-korp ta’ tmexxija tal-ajruport u tal-forniturі tas-servizzi essenzjali tal-ajruport, b’mod partikolari t-trasportaturi tal-ajru u l-forniturі tas-servizzi ta’ groundhandling, ikunu koordinati permezz ta’ pjan ta’ kontinġenza xieraq minħabba l-possibbiltà ta’ sitwazzjonijiet ta’ kanċellazzjonijiet multipli, ta’ dewmien tat-titjiriet multipli, jew it-tnejn li huma, li jirriżultaw f’numru konsiderevoli ta’ passiġġieri li jitħallew l-art fl-ajruport. Il-pjan ta’ kontinġenza għandu jsir sabiex ikun żgurat li tingħata informazzjoni adegwata lill-passiġġieri li jinqabdu x’imkien u għandu jkun fih arranġamenti sabiex jitnaqqas il-ħin li għandhom jistennew u l-iskumditàtagħhom. **[Em. 136]**

2. Il-pjanijiet ta' kontinġenza tal-ajruport għandhom iqisu l-bżonnijiet partikolari u individwali tal-passiġġieri msemmija fl-Artikolu 11.

3. Il-pjan ta' kontinġenza għandu jsir b'mod partikolari bil-parteċipazzjoni tal-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport imsemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE*, tal-fornituri tas-servizzi tal-groundhandling, u ta' fornituri oħra ta' servizzi essenzjali tal-ajruport***, inklużi fornituri ta' assistenza speċjali għall-passiġġieri b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa***. Il-pjan ta' ***kontinġenza għandu, meta jkun xieraq, jiġi stabbilit bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet rilevanti. Il-pjan ta'*** kontinġenza għandu wkoll ikun fih id-data ta' kuntatt tal-persuna jew persuni maħtura mit-trasportaturi tal-ajru parteċipanti fil-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport sabiex jirrappreżentahom fuq il-post fil-każ ta' kanċellazzjonijiet multipli, ta' dewmien tat-tiṭjiriet multipli, jew it-tnejn li huma. It-trasportatur tal-ajru għandu jiżgura* li kwalunkwe persuna maħtura jkollha l-mezzi meħtieġa għall-assistenza lill-passiġġieri f'konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament fil-każ ta' tfixkil. **[Em. 137]**

4. Il-korp ta' tmexxija tal-ajruport għandu jikkomunika l-pjan ta' kontinġenza lill-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport imsemmi fid-Direttiva 96/67/KE u, fuq talba, lill-korp nazzjonali għall-infurzar ~~fdat bl-infurzar ta' dan ir-Regolament~~***maħtur*** skont l-Artikolu ~~16(1)~~***16. Il-korp nazzjonali għall-infurzar għandu jimmonitorja l-konformità tal-korp ta' tmexxija tal-ajruport mar-rekwiżiti*** ta' dan ~~ir-Regolament~~***l-Artikolu***. **[Em. 138]**

5. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ajruport mhux kopert mill-paragrafu 1, li jinsab fit-territorju tiegħu, għandu jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4.

6. F'ajruporti tal-Unjoni bi traffiku ta' passiġġieri annwali taħt il-limitu stabbilit fil-paragrafu 1 jew mhux koperti minn deċiżjoni ta' Stat Membru taħt il-paragrafu 5, il-korp ta' tmexxija tal-ajruport għandu jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha biex jikkoordina l-utenti tal-ajruport u biex jagħmel arranġamenti mal-utenti tal-ajruport biex jinforma lill-passiġġieri li jitħallew l-art fil-każ ta' kanċellazzjonijiet multipli, ta' dewmien ta' titjiriet multipli, jew it-tnejn li jwasslu għal għadd konsiderevoli ta' passiġġieri li jitħallew l-art fl-ajruport.

---

* Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/EC tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1996/67/oj).”

(13) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 11
Passiġġieri bi bżonnijiet speċifiċi

-1. Id-drittijiet ta’ persuni b’diżabbiltà u persuni b’mobbiltà mnaqqsa stabbiliti skont dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li jgawdu skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006. **[Em. 139]**

1. L-informazzjoni kollha pprovduta lill-passiġġieri skont dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta f'format aċċessibbli.

2. Dan l-Artikolu għandu japplika għal persuni b'diżabbiltà, persuni b'mobbiltà mnaqqsa, trabi, tfal mhux akkumpanjati u nisa tqal, dment li t-trasportatur tal-ajru li jopera jkun ġie nnotifikat bil-bżonnijiet partikolari tagħhom għall-assistenza mhux aktar tard minn meta jitħabbar it-tfixkil. Għandu japplika wkoll għal persuni li jeħtieġu assistenza medika speċifika sakemm it-trasportatur tal-ajru li jopera jkun ġie nnotifikat bil-bżonnijiet tagħhom għal assistenza medika speċifika mhux aktar tard miċ-check-in. It-trasportaturi tal-ajru li joperaw jistgħu jitolbu prova ta' dawk il-bżonnijiet.

Tali notifika għandha titqies li tkopri l-vjaġġi kollha taħt kuntratt ta' trasport bl-ajru.

3. ~~Sa mhux aktar tard miċ-check-in, u soġġett għad-disponibbiltà ta' post bilqiegħda,~~ Kwalunkwe persuna li takkumpanja l-persuni msemmija fil-paragrafu 2 jew li tkun qed takkumpanja wild***, skont l-istess kuntratt ta' trasport bl-ajru,*** għandha tiġi offruta ***mit-trasportatur tal-ajru***, mingħajr ħlas, il-possibbiltà li titqiegħed bilqiegħda fuq siġġu ħdejn dik il-persuna jew wild. ***Meta ma jkunux disponibbli siġġijiet maġenb xulxin, it-trasportatur tal-ajru għandu jagħmel ħiltu biex jassisti lill-persuna/i li jakkumpanjawhom biex isibu siġġijiet maġenb xulxin.*** **[Em. 140]**

4. Waqt ~~l-imbark~~***li l-passiġġieri jitilgħu***, it-trasportaturi tal-ajru li joperaw għandhom jagħtu prijorità lill-persuni msemmija fil-paragrafu 2 u lil kwalunkwe persuna jew kelb ta' assistenza rikonoxxut li jakkumpanjahom***, kif ukoll lit-tfal fi pramm jew pushchair mal-persuna li takkumpanjahom***. **[Em. 141]**

4a. It-trasportaturi tal-ajru li joperaw għandhom jiżguraw, mingħajr ħlas addizzjonali, li t-trabi u t-tfal li jeħtieġu pramm jew pushchair jistgħu jiġu ttrasportati fi pramm jew pushchair sal-post minn fejn jitilgħu l-passiġġieri jew sal-bieb tal-inġenju tal-ajru, u li pramm jew pushchair tkun disponibbli għalihom fil-bieb tal-inġenju tal-ajru, sakemm ma jkunx hemm restrizzjonijiet ta' sikurezza, sigurtà, kapaċità jew operazzjonali. **[Em. 142]**

4b. Meta l-ajruport ma jissodisfax l-obbligi tiegħu skont l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 u, b'riżultat ta' dan, il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jew il-minorenni mhux akkumpanjati jitilfu t-titjira tagħhom, it-trasportatur tal-ajru għandu jkun responsabbli mill-kumpens ta' dawk il-passiġġieri f'konformità mal-Artikoli 7, 8 u 9 ta' dan ir-Regolament, kif ukoll joffrilhom rotta differenti u assistenza. Sa ... [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-arranġamenti dettaljati għall-applikazzjoni tar-responsabbiltajiet rispettivi tat-trasportatur tal-ajru u tal-korp ta' amministrazzjoni tal-ajruport u l-mezzi ta' rimedju, permezz ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 16bd ta' dan ir-Regolament. Dan l-att ta' implimentazzjoni ma għandux jikkomprommetti r-responsabbiltajiet tat-trasportatur tal-ajru b'rabta mal-kumpens kif ukoll mar-responsabbiltà li joffri rotta differenti u assistenza lill-passiġġieri skont dan il-paragrafu. **[Em. 143]**

5. Meta japplika r-rotta alternattiva u l-assistenza f'konformità mal-Artikoli 8 u 9, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jagħti attenzjoni partikolari għall-bżonnijiet tal-persuni msemmija fil-paragrafu 2. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jipprovdu din ir-rotta alternattiva u l-assistenza lil dawk il-persuni, inkluż lil kwalunkwe persuna jew kelb tal-assistenza rikonoxxut li jakkumpanjawhom, malajr kemm jista' jkun.

6. L-Artikolu 9(6) ma għandux japplika għal passiġġier imsemmi fil-paragrafu 2, jew għal kwalunkwe persuna jew kelb ta' assistenza rikonoxxut li jakkumpanjah.;”

(13a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 11a
Dritt għal oġġett personali u bagalja tal-idejn

1. Il-passiġġieri għandu dejjem ikollhom id-dritt li jġorru abbord oġġett personali wieħed, bħal basket żgħir, basket tal-idejn, backpack jew basket ta’ laptop dment li jkun jista’ jiġi stivat b’mod sikur taħt is-siġġu ta’ quddiem il-passiġġier. It-trasportaturi tal-ajru ma għandhomx jitolbu lill-passiġġier xi suppliment jew tariffa addizzjonali minbarra l-prezz tal-biljett tat-titjira għal dan l-oġġett personali. Huwa obbligatorju li t-trasportaturi jagħtu informazzjoni ċara, trasparenti, u faċilment aċċessibbli dwar ir-rekwiżiti tal-piż u tad-dimensjoni tal-oġġett personali fil-ħin tal-prenotazzjoni u wara li titlesta l-prenotazzjoni, u jiżguraw li l-passiġġieri jkunu infurmati għalkollox qabel il-vjaġġ tagħhom.

2. ***Il-passiġġieri għandu dejjem ikollhom id-dritt li jġorru abbord bagalja tal-idejn waħda. Il-bagalja tal-idejn ma għandhiex tkun soġġetta għal ħlas addizzjonali fuq il-prezz tal-biljett tat-titjira jekk ikollha dimensjonijiet massimi ta' 100 cm (is-somma tat-tul, il-wisa' u l-għoli) u piż massimu ta' 7 kilogrammi. It-trasportaturi tal-ajru jistgħu japplikaw dispożizzjonijiet differenti f'każ ta' bagalja tal-idejn addizzjonali jew akbar.***

   Il-bagalja tal-idejn tista' tinħażen jew fil-kabina tal-inġenju tal-ajru (bħala bagalja tal-kabina) jew fl-istiva tal-inġenju tal-ajru. It-trasportatur jista' biss jirrifjuta li l-bagalja tal-idejn tittella' abbord minħabba raġunijiet ta' sigurtà marbuta mal-piż jew id-daqs tal-bagalja tal-idejn b'rabta mal-karatteristiċi tal-inġenju tal-ajru.

   It-trasportaturi tal-ajru għandhom jagħtu informazzjoni ċara, trasparenti, u faċilment aċċessibbli dwar ir-rekwiżiti tal-piż u tad-dimensjoni tal-bagalja tal-idejn fil-ħin tal-prenotazzjoni u wara li titlesta l-prenotazzjoni, filwaqt li jiżguraw li l-passiġġieri jkunu infurmati bis-sħiħ qabel il-vjaġġ tagħhom.

3. Fil-każ li oġġett personali jew bagalja tal-idejn titħalla fil-kabina tal-inġenju tal-ajru, it-trasportaturi tal-ajru li joperaw u li jikkuntrattaw għandhom jistabbilixxu minn qabel liema parti hija responsabbli biex tittratta kwalunkwe talba sussegwenti. It-trasportatur tal-ajru responsabbli nominat għandu jinforma awtomatikament lill-passiġġieri, meta l-prenotazzjoni tkun lesta, dwar il-proċedura biex jiġu rkuprati oġġetti personali jew bagalji tal-idejn minsija. Din l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata b'mod ċar u komprensiv u għandha tinkludi dettalji ta' kuntatt elettroniċi, formoli applikabbli, u kwalunkwe dettall pertinenti ieħor meħtieġ għall-passiġġier biex jibda talba.";
[Em. 144]

(13b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 11aa
Dritt għat-trasferiment ta' biljett f'każ ta' mewt tal-passiġġier ikkonċernat jew ta' qraba tiegħu

1. ***Trasferiment ta' biljett lil persuna oħra għandu jkun permess f'każ ta' mewt tal-passiġġier ikkonċernat jew tal-qraba tiegħu. Il-passiġġier ikkonċernat mit-telf jew il-persuna li tieħu ħsieb l-affarijiet tal-passiġġier li jkun miet jistgħu jitolbu t-trasferiment tal-biljett fuq preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni ta' sostenn xierqa fuq mezz li jservi għal żmien twil.***

2. ***It-trasportaturi tal-ajru, l-operaturi jew l-intermedjarji għandhom ikunu obbligati jipproċessaw tali talbiet taħt kundizzjonijiet trasparenti u ġusti.***

3. ***Fejn tali talba tiġi pprovduta mill-inqas 72 siegħa qabel it-titjira u mal-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni ta' sostenn xierqa fuq mezz li jservi għal żmien twil, din għandha fil-każijiet kollha titqies raġonevoli u ma għandha tkun soġġetta għall-ebda imposta addizzjonali.***

4. Meta tali talba tiġi pprovduta fit-72 siegħa qabel it-tluq tat-titjira u mal-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni ta' sostenn xierqa fuq mezz li jservi għal żmien twil, it-trasportatur tal-ajru jew l-intermedjarju għandu jinforma lit-trasferent dwar kwalunkwe imposta possibbli li tista' tiġġarrab. Dawn l-imposti jridu jkunu raġonevoli u ma jridux jaqbżu l-ispiża reali mġarrba mit-trasportatur jew mill-intermedjarju għat-trasferiment tal-biljett."; **[Em. 145]**

(13c) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 11b
Check-in

1. Il-passiġġieri għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu check-in online jew fl-ajruport mingħajr ma jġarrbu imposti addizzjonali. Għal dan l-għan, it-trasportaturi tal-ajru jistgħu jipprovdu stazzjonijiet taċ-check-in self-service fl-ajruport biex jiffaċilitaw il-proċess taċ-check-in.

2. Il-passiġġieri għandu jkollhom id-dritt li jagħżlu, fid-diskrezzjoni tagħhom, li jużaw karta tal-imbarkazzjoni f'format stampat jew f'format diġitali."; **[Em. 146]**

(14) l-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 12
Drittijiet ulterjuri;

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-drittijiet tal-passiġġieri mogħtija skont atti legali oħra inkluż id-Direttiva (UE) 2015/2302, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Artikolu.

   Il-kumpens mogħti skont l-Artikolu 7 jew l-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament għandu jitnaqqas mill-kumpens jew mit-tnaqqis tal-prezz mogħti skont atti legali oħra bħad-Direttiva (UE) 2015/2302, jekk id-drittijiet li għalihom huwa mogħti l-kumpens jew it-tnaqqis tal-prezz jissalvagwardjaw l-istess interess jew ikollhom l-istess objettiv. Bl-istess mod, il-kumpens jew it-tnaqqis tal-prezz mogħti skont atti legali oħrajn bħad-Direttiva (UE) 2015/2302 għandu jitnaqqas mill-kumpens mogħti skont l-Artikolu 7 jew l-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament, jekk id-drittijiet li għalihom ingħata il-kumpens jew it-tnaqqis tal-prezz jissalvagwardjaw l-istess interess jew għandhom l-istess objettiv.

Minkejja d-dritt ta' organizzatur ta' pakkett tal-ivvjaġġar li jfittex rimedju jew rifużjonijiet f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2015/2302, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament, u b'deroga mill-Artikolu 8(1), il-punt (a), jekk it-titjira tkun parti minn kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (3) tad-Direttiva (UE) 2015/2302, il-passiġġieri ma għandu jkollhom l-ebda dritt għal rimborż skont dan ir-Regolament sa fejn dritt korrispondenti jirriżulta mid-Direttiva (UE) 2015/2302.

2. Mingħajr preġudizzju għal prinċipji u regoli rilevanti tal-liġi nazzjonali, inkluż il-ġurisprudenza, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-voluntieri skont il-kundizzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 4(2).

3. Meta jkun diġà tħallas kumpens jew rimborż lill-passiġġier skont il-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz, l-ammont ta' tali kumpens jew rimborż għandu jitnaqqas mill-ammont ta' kumpens jew rimborż mogħti skont dan ir-Regolament.;”

(14a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 12a
Korrezzjoni tal-iżbalji ortografiċi

1. It-trasportatur tal-ajru li jopera għandu, malli jirċievi talba mressqa mhux aktar tard minn 48 siegħa qabel il-ħin tat-tluq skedat, jikkoreġi l-iżbalji ortografiċi f'isem passiġġier jew jaġġorna isem il-passiġġier fil-każ ta' bidla amministrattiva. Tali korrezzjoni jew aġġornament għandhom isiru mingħajr ħlas tal-inqas darba.

2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 tista' titressaq minn:

(a) passiġġier b'rabta ma' isem dak il-passiġġier jew isem kwalunkwe passiġġier li l-biljett tiegħu jagħmel parti mill-istess kuntratt ta' trasport bl-ajru tal-biljett tal-passiġġier li jressaq it-talba;

(b) intermedjarju b'rabta ma' isem il-passiġġier li fir-rigward tiegħu l-intermedjarju jkun għamel il-prenotazzjoni.

Kwalunkwe korrezzjoni jew aġġornament li jsir skont il-paragrafu 1 ma jistax jikkostitwixxi trasferiment ta' biljett mingħand il-passiġġier għal persuna oħra."; **[Em. 147]**

(15) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 13
Dritt għal rimedju

F'każijiet fejn trasportatur tal-ajru li jopera jħallas kumpens jew jissodisfa l-obbligi l-oħra tiegħu skont dan ir-Regolament, l-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament jew tal-liġi nazzjonali ma tista' tiġi interpretata li tirrestrinġi d-dritt tiegħu li jfittex kumpens minn xi persuna, inkluż partijiet terzi, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali applikabbli.~~;~~ ***B'mod partikolari, dan ir-Regolament ma għandu bl-ebda mod jirrestrinġi d-dritt tat-trasportatur tal-ajru li jopera biex ifittex kumpens jew li jirkupra l-kostijiet tiegħu minn ajruport jew minn parti terza oħra li magħha t-trasportatur tal-ajru li jopera għandu kuntratt.';*** **[Em. 148]**

(16) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 14
Obbligi li l-passiġġieri jiġu informati

1. It-trasportatur tal-ajru li jopera ~~għandu jinkludi~~***u l-intermedjarju għandhom jinkludu*** fuq is-sit web u l-applikazzjoni ~~għall-apparati~~ mobbli ~~tiegħu~~***tagħhom b’mod ċar, aċċessibbli u mhux ambigwu*** avviż ta’ informazzjoni li jispeċifika d-drittijiet skont dan ir-Regolament, ~~inkluż~~***inkluża informazzjoni dwar*** il-proċess tat-trattament tal-ilmenti. ***Sabiex jikkonforma ma’ dan ir-rekwiżit, it-trasportatur tal-ajru li jopera jista’ juża sommarju tad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament imħejji u magħmul disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.*** **[Em. 149]**

2. Meta joffru biljetti għal titjira jew titjiriet ta’ konnessjoni u qabel ix-xiri ***ta’ tali titjiriet***, it-trasportaturi tal-ajru u l-intermedjarji għandhom jinfurmaw lill-passiġġier dwar dan li ġej:

(a) it-tip ta' biljett jew biljetti li qed jiġu offruti, b'mod partikolari jekk il-biljett jew il-biljetti humiex koperti minn kuntratt ta' trasport bl-ajru wieħed jew kombinazzjoni ta' kuntratti ta' trasport bl-ajru separati;

(b) id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġier, tat-trasportatur tal-ajru li jopera u tal-intermedjarju skont dan ir-Regolament, kif mehmużin mal-kuntratt ta' trasport bl-ajru, inkluż informazzjoni dwar il-proċess ta' rimborż;

(ba) dwar is-servizzi ewlenin tal-ivvjaġġar u ħlasijiet addizzjonali fakultattivi

(c) l-iskadenza u l-proċedura li biha passiġġier jista' jitlob bidla fl-isem kif speċifikat fl-Artikolu 4(6), mingħajr ebda imposta addizzjonali; u

(d) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tat-trasport bl-ajru.

~~Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżit ta' informazzjoni stabbilit fil-punt (b), tal-ewwel subparagrafu, it-trasportatur tal-ajru u l-intermedjarju jistgħu jużaw sommarju tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament imħejji u magħmul disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.~~ **[Em. 150]**

~~3.~~ ~~Intermedjarju jew trasportatur tal-ajru li jbigħ biljetti koperti minn kombinazzjoni ta' kuntratti ta' trasport bl-ajru għandu jinforma lill-passiġġier qabel ix-xiri, li l-biljetti huma koperti minn kuntratti ta' trasport bl-ajru separati u li d-drittijiet skont l-Artikoli 7, 8 u 9 relatati mal-kumpens, ir-rimborż, ma' rotta alternattiva jew assistenza fil-każ ta' titjiriet sussegwenti mitlufin ma japplikawx skont il-kuntratt ta' trasport bl-ajru separat. Tali informazzjoni għandha tingħata b'mod ċar meta jinbiegħu l-biljetti.~~

~~It-trasportaturi tal-ajru u l-intermedjarji għandhom jipprovdu l-informazzjoni skont dan il-paragrafu bil-lingwa tal-kuntratt ta' trasport bl-ajru u lingwa li tintuża internazzjonalment fuq mezz durabbli.~~ **[Em. 151]**

4. Il-korp ta' tmexxija tal-ajruport ***u t-trasportatur tal-ajru li jopera*** għandu jiżgura li fil-bankijiet taċ-check-in (inkluż il-magni taċ-check-in fejn wieħed jinqeda waħdu)***, fuq is-sit web u fil-post fejn jitilgħu l-passiġġeri*** ~~u fil-gate tal-imbarkazzjoni~~, jintwera b'***mod li jkun viżibbli b'***mod ċar ~~it-test~~***għall-passiġġieri t-test*** li ġej: "Jekk ~~tiġi miċħud l-imbarkazzjoni~~***ma titħalliex titla'*** jew jekk it-titjira tiegħek ~~tiġi~~***hija*** kkanċellata jew ~~tittardja għal tal-inqas~~***mdewma għal mill-inqas*** sagħtejn ***fit-tluq, jew għal aktar minn 3 sigħat fil-wasla fid-destinazzjoni finali tiegħek***, staqsi ~~fil-bank~~***fil-post*** taċ-check-in jew ~~fil-gate tal-imbarkazzjoni~~***fil-post fejn jitilgħu l-passiġġieri*** għall-avviż ~~ta' informazzjoni~~***tal-informazzjoni*** li jiddikjara d-drittijiet tiegħek, ~~b'mod partikolari dwar ir-rimborż jew~~***partikolarment fir-rigward tar-rimborż u*** l-għoti ta' rotta alternattiva, l-assistenza u ~~l-kumpens~~***kumpens*** possibbli". Dak it-test għandu jintwera ~~tal-anqas~~***tal-inqas*** bil-lingwa jew lingwi tal-post tal-ajruport u b'lingwa li tintuża internazzjonalment. ***Il-korp ta' tmexxija tal-ajruport u t-trasportatur tal-ajru li jopera għandhom jiżguraw ukoll li fil-bankijiet taċ-check-in, ħdejn it-test, jintwera kodiċi QR jew kwalunkwe mezz tekniku ieħor biex tiġi aċċessata l-applikazzjoni mobbli tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri li jkun fiha sommarju ta' dan ir-Regolament.*** Għal dak l-għan, il-korpi ta' tmexxija tal-ajruporti għandhom jikkooperaw mat-trasportaturi tal-ajru li joperaw. **[Em. 152]**

4a. Fil-ħin tal-prenotazzjoni, it-trasportaturi tal-ajru li joperaw għandhom jipprovdu informazzjoni lill-passiġġieri dwar il-proċessi tat-trattament tal-ilmenti u l-limiti ta' żmien rilevanti kif definit fl-Artikolu 15aa. L-informazzjoni dwar it-trattament tal-ilmenti għandha tkun aċċessibbli wkoll fuq is-siti web tat-trasportaturi tal-ajru u tal-intermedjarji u għandha tiġi kkomunikata fl-email li tinnotifika lill-passiġġieri dwar kwalunkwe event li jista' jwassal għad-drittijiet minquxa f'dan ir-Regolament. **[Em. 153]**

4b. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jistabbilixxu, f'kull ajruport fejn joperaw, punti ta' kuntatt li fihom għandhom jiżguraw il-preżenza ta' persunal ta' kuntatt jew parti terza kkummissjonati mit-trasportatur tal-ajru kkonċernat, li għandhom jipprovdu lill-passiġġieri bl-informazzjoni meħtieġa rigward id-drittijiet tagħhom, inkluż dwar il-proċeduri tal-ilmenti, sabiex jassistuhom u jieħdu azzjoni immedjata f'każ li t-titjiriet jiġu kkanċellati jew jiddewmu, il-passiġġieri ma jitħallewx jitilgħu jew il-bagalji jintilfu jew idumu biex jaslu. Matul is-sigħat operattivi tat-trasportaturi tal-ajru u sa ma jiżbarka l-aħħar passiġġier mill-aħħar ajruplan u għat-tul ta' żmien li jista' jkun raġonevolment mistenni li jitlestew il-formalitajiet tal-passaporti u tad-dwana, tiġi rkuprata kwalunkwe bagalja rreġistrata u l-passiġġieri jaslu fil-punt ta' kuntatt dežinjat b'pass mhux mgħaġġel, dawk il-punti ta' kuntatt għandhom ikunu disponibbli għall-fini li lill-passiġġieri jassistuhom rigward, fost affarijiet oħra, ir-rimborż, l-offerta ta' rotta oħra, il-prenotazzjoni mill-ġdid u billi jaċċettaw li jressqu l-ilmenti tagħhom. **[Em. 154]**

4c. It-trasportatur tal-ajru li jopera jipprovdi lill-passiġġieri informazzjoni li tinqara faċilment u trasparenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri u kuntatti għall-għajnuna u assistenza dwar biljetti elettroniċi u verżjonijiet elettroniċi u stampati ta' karta ta' imbark. **[Em. 155]**

4d. Fil-każ ta' kwalunkwe tfixkil fl-ivvjaġġar li jwassal għad-drittijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu, mill-aktar fis possibbli, jinforma bis-sħiħ lill-passiġġieri affettwati u jipprovdihom b'avviż li jistabbilixxi r-regoli għar-rimborż, l-offerta ta' rotta oħra, il-kumpens u l-assistenza f'konformità ma' dan ir-Regolament, inkluża informazzjoni dwar limitazzjonijiet possibbli skont l-Artikolu 9(4), meta rilevanti, it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jibgħat ukoll lill-passiġġier il-formola komuni mimlija minn qabel skont l-Artikolu 15a. Il-passiġġier għandu jingħata wkoll f'forma bil-miktub id-dettalji ta' kuntatt tal-korp nazzjonali għall-infurzar jew ta' korp ieħor innominat skont l-Artikolu 16. **[Em. 156]**

4e. It-trasportaturi tal-ajru u l-intermedjarji, meta rilevanti, għandhom jipprovdu l-informazzjoni skont dan l-Artikolu bil-lingwa tal-kuntratt tat-trasport bl-ajru u b'lingwa li tintuża internazzjonalment fuq mezz li jservi għal żmien twil. **[Em. 157]**

4f. L-informazzjoni għall-passiġġieri, u l-korrispondenza magħhom, skont dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi, fejn ikun teknikament possibbli. Meta l-informazzjoni tiġi pprovduta b'tali mezzi, it-trasportaturi tal-ajru u l-intermedjarji għandhom jiżguraw li kwalunkwe korrispondenza bil-miktub, inklużi d-data u l-ħin ta' tali korrispondenza, tista' tinżamm għal referenza ulterjuri. L-oneru tal-provi li jikkonċerna l-kwistjonijiet dwar jekk u meta jkunu taw l-informazzjoni meħtieġa lill-passiġġieri għandu jkun tat-trasportaturi tal-ajru u l-intermedjarji. Il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni għandhom jippermettu lill-passiġġier jikkuntattja lit-trasportaturi tal-ajru u lill-intermedjarji malajr, mingħajr ħlas u jippermettulu jikkomunika b'mod effettiv. **[Em. 158]**

4g. Fir-rigward ta' persuni għomja u persuni b'insuffiċjenza fil-vista, persuni b'diżabbiltajiet konjittivi jew intellettwali, u persuni b'mobbiltà mnaqqsa, dan l-Artikolu għandu jiġi applikat bl-użu tal-mezzi alternattivi u aċċessibbli xierqa.
[Em. 159]

4h. Il-korp ta' tmexxija tal-ajruport għandu jiżgura li l-informazzjoni ġenerali dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tintwera b'mod ċar u viżibbli fiż-żoni tal-passiġġieri tal-ajruport. Abbażi tal-informazzjoni riċevuta, għandu jiżgura wkoll li l-passiġġieri preżenti fl-ajruport ikunu infurmati dwar il-kawżi fil-każijiet ta' dewmien u tfixkil tat-titjiriet, bħall-kanċellazzjoni tat-titjira tagħhom, u d-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' dak id-dewmien u t-tfixkil, u dwar id-drittijiet tagħhom fil-każ li l-linja tal-ajru twaqqaf l-operazzjonijiet meta mhux mistenni, bħal pereżempju fil-każ ta' insolvenza jew revoka tal-liċenzja operattiva tagħha.
[Em. 160]

4i. Fil-każ ta' kanċellazzjoni jew dewmien fit-tluq, il-passiġġieri għandhom jiġu infurmati mit-trasportatur tal-ajru li jopera dwar is-sitwazzjoni, inkluża l-kawża tat-tfixkil, malli din l-informazzjoni ssir disponibbli u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 30 minuta wara l-ħin tat-tluq skedat, u dwar il-ħin tat-tluq stmat, dment li t-trasportatur tal-ajru jkun irċieva d-dettalji ta' kuntatt tal-passiġġier f'konformità ma' [*ir-Regolament dwar l-Infurzar] fil-każ li l-biljett ikun inxtara mingħand intermedjarju.* [Em. 161]

***4j. It-trasportaturi tal-ajru u l-intermedjarji għandhom jipprovdu assistenza telefonika aċċessibbli u effettiva għall-passiġġieri kollha ladarba tiġi bbukkjata titjira; dan is-servizz ta' assistenza telefonika għandu jagħti informazzjoni u proposti alternattivi f'każ ta' tfixkil ta' titjira u fl-ebda ċirkostanza ma għandu jiswa aktar minn telefonata lokali.* [Em. 162]**

4k. Kwalunkwe komunikazzjoni elettronika lill-passiġġier li tinnotifikah dwar kanċellazzjoni, dewmien fit-tul, jew bidla fl-iskeda għandha tgħid b'mod prominenti li l-passiġġier jista' jkun intitolat għal kumpens u/jew assistenza fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.'; **[Em. 163]**

(17) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

'Artikolu 15a
Ilment lit-trasportatur tal-ajru jew lill-intermedjarju

1. Kull trasportatur tal-ajru u ~~kull~~ intermedjarju għandu jistabbilixxi mekkaniżmu tat-trattament tal-ilmenti għad-drittijiet u l-obbligi koperti minn dan ir-Regolament fl-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tiegħu. ~~Huma għandhom jagħmlu d-dettalji ta' kuntatt tagħhom disponibbli bil-lingwa tal-kuntratt ta' trasport bl-ajru u lingwa li tintuża internazzjonalment. Id-dettalji dwar il-proċedura tat-trattament tal-ilmenti għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku, inkluż f'format aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Huma għandhom jinfurmaw ukoll lill-passiġġieri b'mod ċar bid-dettalji ta' kuntatt tal-korp jew korpi maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 16 u dwar il-korp jew il-korpi responsabbli għas-soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim skont l-Artikolu 16ac u, fejn rilevanti, ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom. Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli bil-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri li fihom ikunu qed joperaw it-trasportatur tal-ajru u l-intermedjarju.~~ **[Em. 164]**

2. ~~Meta l-passiġġieri jippreżentaw ilment bl-użu tal-mekkaniżmu msemmi~~***Il-passiġġieri jistgħu jressqu lment lil kwalunkwe trasportatur tal-ajru jew intermedjarju fir-rigward tal-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tiegħu permezz tal-mekkaniżmi msemmija*** fil-paragrafu 1~~, dak l-ilment~~***. Tali lment*** għandu ~~jiġi ppreżentat~~***jitressaq*** fi żmien ~~sitt xhur mit-tfixkil ikkonċernat. Fi żmien 30 jum kalendarju mis-sottomissjoni tal-ilment, it-trasportatur tal-ajru, jew l-intermedjarju, li lilu jkun indirizzat l-ilment għandu jew jipprovdi tweġiba motivata jew, f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati, jinforma lill-passiġġier li l-passiġġier ser jirċievi tweġiba finali fi żmien perjodu ta' inqas minn xahrejn mid-data tas-sottomissjoni tal-ilment. It-tweġiba għandu jkun fiha wkoll, f'każ fejn it-tilwima ma setgħetx tiġi solvuta, id-dettalji ta' kuntatt rilevanti tal-korp jew korpi maħtura skont l-Artikolu 16 jew tal-korp jew korpi responsabbli għas-soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim taħt l-Artikolu 16a, inkluż l-indirizz postali, is-sit web u l-indirizz tal-posta elettronika ta' tali korp jew korpi~~***sena mid-data li fiha t-titjira tkun telqet jew kienet skedata li titlaq***. **[Em. 165]**

2a. Meta t-trasportatur tal-ajru jinvoka ċirkostanzi straordinarji, għandu jinforma lill-passiġġier fit-tweġiba tiegħu biċ-ċirkostanzi speċifiċi responsabbli għall-kanċellazzjoni jew id-dewmien. It-trasportatur tal-ajru għandu juri wkoll li jkun ħa l-miżuri raġonevoli kollha biex jevita l-kanċellazzjoni jew id-dewmien. **[Em. 166]**

2b. L-oneru tal-provi rigward il-forniment tal-informazzjoni meħtieġa lill-passiġġieri għandu jaqa' fuq it-trasportatur tal-ajru u l-intermedjarju. **[Em. 167]**

3. ~~Is-sottomissjoni ta' lmenti mill-passiġġieri li jużaw il-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li jissottomettu tilwim għal soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim f'konformità mal-Artikolu 16a, jew li jfittxu rimedju permezz ta' proċedimenti tal-qorti, soġġett għal perjodi ta' limitazzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali~~***Fi żmien sebat ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi l-ilment, id-destinatarju għandu jikkonferma lill-passiġġier li rċieva l-ilment. Fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-ilment, id-destinatarju għandu jagħti tweġiba motivata lill-passiġġier. Meta d-destinatarju ma jipprovdix tali tweġiba f'dak il-perjodu ta' xahrejn, huwa għandu jitqies li jkun aċċetta t-talbiet tal-passiġġier***. **[Em. 168]**

3a. Flimkien mat-tweġiba motivata, id-destinatarju għandu jinforma wkoll lill-passiġġier b'mod ċar bid-dettalji ta' kuntatt tal-korp jew tal-korpi nnominati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 16 u tal-korp jew tal-korpi responsabbli għas-soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim skont l-Artikolu 16a u, meta rilevanti, ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom. **[Em. 169]**

3b. Meta t-trasportatur tal-ajru jinvoka ċirkostanzi straordinarji, fit-tweġiba tiegħu għandu jgħarraf lill-passiġġier dwar iċ-ċirkostanzi speċifiċi li wasslu għall-kanċellazzjoni jew għad-dewmien. It-trasportatur tal-ajru għandu juri wkoll li jkun ħa l-miżuri raġonevoli kollha biex jevita l-kanċellazzjoni jew id-dewmien. **[Em. 170]**

3c. L-oneru tal-provi rigward il-forniment tal-informazzjoni meħtieġa lill-passiġġieri għandu jkun tat-trasportatur tal-ajru u tal-intermedjarju.'; **[Em. 171]**

(18) L-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 16

In-nomina ta’ korpi nazzjonali għall-infurzar **[Em. 172]**

1. Kull Stat Membru għandu ~~jaħtar korp nazzjonali għall-infurzar~~***jinnomina korp*** jew korpi ~~nazzjonali għall-infurzar~~ responsabbli għall-infurzar ~~ta'~~ ***tal-obbligi stabbiliti f’*** dan ir-Regolament ~~fir-rigward ta' vjaġġi lejn u minn ajruporti fit-territorju tiegħu. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-korp jew korpi li jkunu nħatru f'konformità ma' dan il-paragrafu.~~ **[Em. 173]**

2. ~~Il-korp nazzjonali għall-infurzar~~***Kull korp*** għandu ~~jissorvelja mill-qrib il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jiġu rispettati d-drittijiet tal-passiġġieri~~***jkun indipendenti fl-organizzazzjoni, fid-deċiżjonijet ta’ finanzjament, fl-istruttura legali u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu, minn kwalunkwe trasportatur tal-ajru, korp ta’ tmexxija tal-ajruport u intermedjarju jew interessi kummerċjali oħra***. **[Em. 174]**

2a. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-korp jew il-korpi nnominati f'konformità ma' dan l-Artikolu u dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, inkluża kwalunkwe bidla fihom. Il-Kummissjoni u l-korp jew il-korpi nnominati għandhom jippubblikaw dik l-informazzjoni fuq is-siti web tagħhom. **[Em. 175]**

~~3. Il-passiġġieri jistgħu jirrapportaw il-ksur allegat ta' dan ir-Regolament lill-korp nazzjonali għall-infurzar. Il-korp nazzjonali għall-infurzar jista' jinvestiga il-ksur allegat irrapportat u jiddeċiedi dwar azzjonijiet ta' infurzar abbażi ta' informazzjoni f'dawk ir-rapporti.~~ **[Em. 176]**

~~4. Is-sanzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri għall-ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. B'mod partikolari, tali sanzjonijiet għandhom ikunu suffiċjenti biex jipprovdu lit-trasportaturi u l-intermedjarji inċentiv finanzjarju biex konsistentement ikun konformi ma' dan ir-Regolament.~~ **[Em. 177]**

~~5. Sa ... [6 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] u kull ħames snin wara dan, il-korpi nazzjonali għall-infurzar għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom rapport dwar l-attivitajiet tagħhom, dwar l-azzjoni ta' infurzar u l-eżitu tagħha, inkluż dwar sanzjonijiet li jkunu ġew applikati. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati wkoll lill-Kummissjoni.~~

[Em. 178]

6. It-trasportaturi tal-ajru li joperaw u l-intermedjarji għandhom jikkomunikaw id-data tal-kuntatt meħtieġa tal-persuna jew persuni jew korp maħtur biex jaġixxi u jirċievi dokumenti maħruġin mill-korp jew korpi nazzjonali għall-infurzar f'isimhom fuq bażi permanenti, fl-Istat Membru fejn joperaw, għall-kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, lill-korpi nazzjonali għall-infurzar. Il-korpi nazzjonali għall-infurzar jistgħu jiskambjaw din l-informazzjoni ma' xulxin għall-fini tal-infurzar ta' dan ir-Regolament.’;

(18a) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 16-a
Kompiti tal-infurzar

1. Il-korp nazzjonali għall-infurzar għandu jimmonitorja mill-qrib il-konformità ma’ dan ir-Regolament u jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li d-drittijiet tal-passiġġieri jiġu rrispettati.

2. Il-korpi nazzjonali għall-infurzar jistgħu jitolbu lit-trasportaturi tal-ajru, lill-korpi tal-amministrazzjoni tal-ajruporti u lill-intermedjarji jipprovdu dokumenti u informazzjoni li jkunu rilevanti għall-finijiet tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1. Tali dokumenti u informazzjoni għandhom jiġu pprovduti fi żmien xahar minn meta tasal it-talba, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-korp nazzjonali għall-infurzar.

3. Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, il-korpi nazzjonali għall-infurzar għandhom, meta rilevanti, iqisu l-informazzjoni mressqa lilhom mingħand il-korp l-ieħor innominat biex jittratta l-ilmenti, kif definit fl-Artikolu 16b, il-paragrafu 1.

4. ***Il-korpi nazzjonali għall-infurzar jistgħu jwettqu b'mod konġunt attivitajiet ta' monitoraġġ fil-każ ta' servizzi bl-ajru bejn żewġ Stati Membri jew aktar.***

5. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi nazzjonali għall-infurzar rispettivi tagħhom jingħataw biżżejjed setgħa biex jinfurzaw l-azzjonijiet.***

6. ***Fil-każ li t-trasportatur tal-ajru jinvoka ċirkostanzi straordinarji bħala ġustifikazzjoni għar-rifjut tal-kumpens skont dan ir-Regolament, it-trasportatur tal-ajru għandu jissostanzja t-talba tiegħu billi jipprovdi evidenza adegwata dwar dawk iċ-ċirkostanzi u l-kwistjonijiet tekniċi relatati lill-korp nazzjonali għall-infurzar fi żmien 48 siegħa. Barra minn hekk, it-trasportatur tal-ajru għandu juri li ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiġu pprevenuti l-kanċellazzjoni jew id-dewmien tat-titjira inkwistjoni.***

7. ***Il-korp nazzjonali għall-infurzar għandu jxerred tali informazzjoni lill-korpi nnominati għas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim skont dan ir-Regolament, meta tkun disponibbli.***

8. ***Kull sentejn sat-30 ta' Ġunju, il-korpi nazzjonali għall-infurzar għandhom jippubblikaw rapporti bl-istatistika dwar l-attività tagħhom, inkluż, meta rilevanti, dwar il-penali applikati matul is-sentejn kalendarji ta' qabel.***

9. ***Abbażi tad-data li t-trasportaturi tal-ajru, il-korpi tal-amministrazzjoni tal-ajruporti u l-intermedjarji huma meħtieġa jipprovdu dwar l-istandards tal-kwalità tas-servizzi kif definit fl-Artikolu 15a, il-korp nazzjonali għall-infurzar għandu jippubblika statistika dwar l-għadd u n-natura tal-ilmenti, l-għadd ta' kanċellazzjonijiet, l-għadd ta' passiġġieri li ma tħallewx jitilgħu u l-għadd ta' okkorrenzi ta' dewmien u kemm dawn ikunu damu, u data dwar bagalji mitlufa, imdewma jew li saritilhom ħsara.***

10. It-trasportaturi tal-ajru u l-intermedjarji għandhom jagħtu d-dettalji ta' kuntatt tagħhom lill-korp jew lill-korpi nazzjonali għall-infurzar tal-Istati Membri fejn joperaw."; **[Em. 179]**

(18b) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 16-aa
Trattament tal-ilmenti mill-korpi nazzjonali għall-infurzar u minn korpi oħra

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-konsumaturi biex ifittxu rimedju alternattiv skont id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], il-passiġġier, wara li jkun ilmenta mingħajr suċċess mat-trasportatur tal-ajru jew mal-intermedjarju skont l-Artikolu 13a, jista' jilmenta mal-korp nazzjonali għall-infurzar jew kwalunkwe korp ieħor innominat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu mhux aktar tard minn sena minn meta jirċievi l-informazzjoni dwar ir-rifjut tal-ilment oriġinali mit-trasportatur tal-ajru jew mill-intermedjarju.

2. ***Kwalunkwe passiġġier jista' jilmenta dwar allegat ksur ta' dan ir-Regolament fi kwalunkwe ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru jew dwar kwalunkwe titjira minn kwalunkwe ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz lejn ajruporti bħal dawn, mal-korp nazzjonali għall-infurzar, jew ma' kwalunkwe korp ieħor innominat minn Stat Membru għal dak l-iskop.***

3. ***Il-korp nazzjonali għall-infurzar jew kwalunkwe korp ieħor innominat skont il-paragrafu 2 għandu jikkonferma li rċieva l-ilment fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevih. Il-proċedura tat-trattament tal-ilment għandha tieħu sa massimu ta' tliet xhur mid-data tal-istabbiliment tal-fajl tal-ilment. Il-proċedura tat-trattament tal-ilmenti għandha tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa f'format aċċessibbli.***

4. Meta lment ikun dwar allegat ksur imwettaq minn korp ta' tmexxija tal-ajruport, l-ilment għandu jiġi ttrattat mill-korp nazzjonali għall-infurzar jew kwalunkwe korp ieħor innominat skont il-paragrafu 2 ta' dak tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ l-inċident.

5. Il-korpi nazzjonali għall-infurzar jew kwalunkwe korp ieħor innominat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jkun jista' jittratta l-ilmenti tal-passiġġieri individwali u jingħata, mill-inqas, is-setgħat investigattivi u ta' infurzar minimi definiti fl-artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b].

6. Id-deċiżjonijiet tal-korpi nazzjonali għall-infurzar jew ta' kwalunkwe korp ieħor innominat skont il-paragrafu 2 għandhom ikunu vinkolanti fuq iż-żewġ partijiet u infurzabbli, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet li jaċċessaw is-sistema ġudizzjarja.

_____

[1a] ***Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/11/oj).***

[1b] ***Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2394/oj).";***
[Em. 180]

(18c) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 16-ab

1. ***Meta jiġu nnominati korpi differenti minn Stat Membru skont l-Artikoli 16 u 16b ta’ dan ir-Regolament, dawk il-korpi għandhom jiżguraw l-iskambju ta’ informazzjoni rilevanti bejniethom, f’konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, sabiex jgħinu lill-korp nazzjonali għall-infurzar iwettaq il-kompiti tiegħu ta’ superviżjoni u infurzar, u sabiex il-korp li jittratta l-ilmenti nnominat skont l-Artikolu 16b ikun jista’ jiġbor l-informazzjoni meħtieġa biex jeżamina l-ilmenti individwali.***

2. ***Il-korpi nazzjonali għall-infurzar ta’ Stati Membri differenti għandhom jiskambjaw l-informazzjoni dwar il-prinċipji u l-prattiki tal-ħidma u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom għal finijiet ta’ koordinazzjoni transfruntiera. Il-Kummissjoni għandha tappoġġjahom f’dak il-kompitu.”;*** **[Em. 181]**

(18d) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 16-ac
Spezzjonijiet tal-korpi nazzjonali għall-infurzar

1. ***Il-Kummissjoni tista’ twettaq spezzjonijiet tal-korpi nazzjonali għall-infurzar sabiex timmonitorja l-applikazzjoni mill-Istati Membri tar-Regolament u biex tagħmel rakkomandazzjonijiet ħalli jittejjeb l-infurzar tiegħu.***

2. ***Il-Kummissjoni għandha, fi żmien xieraq qabel l-ispezzjoni, tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwarha.***

3. ***Kull rapport ta’ spezzjoni tal-Kummissjoni għandu jiġi kkomunikat lill-awtorità nazzjonali għall-infurzar tal-Istat Membru kkonċernat, li għandha, fit-tweġiba tagħha, tistabbilixxi l-miżuri meħuda biex tirrimedja n-nuqqas ta’ konformità identifikat u tindirizza r-rakkomandazzjonijiet.***

4. ***Ir-rapport, flimkien mat-tweġiba tal-korp nazzjonali għall-infurzar, għandhom jiġu kkomunikati sussegwentement lill-korpi nazzjonali għall-infurzar tal-Istati Membri l-oħra, meta jkun xieraq.”;*** **[Em. 182]**

(18e) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 16-ad
Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli u l-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

2. Fil-qafas tal-kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 16c, il-korp nazzjonali għall-infurzar li huwa kompetenti għall-finijiet tal-Artikolu 16b(4) jew (5) għandu, fuq talba tal-korp nazzjonali għall-infurzar li jkun qed jittratta l-ilment, jinvestiga l-ksur ta' dan ir-Regolament identifikat minn dak il-korp u, jekk meħtieġ, jimponi penali."; **[Em. 183]**

(18f) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 16-ae
Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni

1. *L-Istati Membri għandhom jibagħtu regolarment l-informazzjoni rilevanti dwar l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament lill-Kummissjoni, li għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli fil-forma elettronika lill-Istati Membri l-oħra.*

2. *Fuq talba tal-Kummissjoni, il-korpi nazzjonali għall-infurzar għandhom jinvestigaw prattiki suspettati speċifiċi ta’ nuqqas ta’ konformità mal-obbligi stabbiliti f’dan ir-Regolament minn trasportatur tal-ajru wieħed jew aktar u mill-korpi ta’ tmexxija tal-ajruporti u jirrapportaw is-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien erba’ xhur mit-talba.*

3. *Il-Kummissjoni għandha tappoġġa d-djalogu u tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni nazzjonali ta’ dan ir-Regolament permezz tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 16a ta’ [Ir-Regolament dwar l-Infurzar].*

4. Fuq talba ta' Stat Membru, ta' korp nazzjonali għall-infurzar, jew fuq inizjattiva proprja, il-Kummissjoni għandha teżamina l-każijiet li fihom jirriżultaw differenzi fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament.

5. Il-Kummissjoni tista', meta jkun xieraq, tadotta linji gwida bil-ħsieb li tippromwovi l-applikazzjoni komuni ta' dan ir-Regolament." **[Em. 184]**

(19) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

'Artikolu 16a
Soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-passiġġieri tal-ajru jistgħu iressqu tilwim individwali b'"segwitu ta'" ilmenti jew talbiet skont dan ir-Regolament lil korp jew korpi responsabbli għas-soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-korp jew korpi responsabbli li jittrattaw it-tilwim skont dan l-Artikolu. ~~L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw dan l-Artikolu għal tilwim bejn it-trasportaturi tal-ajru jew l-intermedjarji, minn naħa waħda, u l-konsumaturi biss, min-naħa l-oħra~~***Il-parteċipazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u tal-intermedjarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim għandha tkun obbligatorja u d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu vinkolanti, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet li jaċċessaw is-sistema ġudizzjarja***.'; **[Em. 185]**

(19a) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 16aa
Dokumenti tal-konformità

1. *It-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni għandhom iħejju u jippreżentaw lill-korp nazzjonali għall-infurzar tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja operattiva tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u lill-Kummissjoni sal-[1 ta’ Jannar xxxx] id-dokument li juri b’dettall raġonevoli li l-proċeduri operattivi tagħhom huma biżżejjed biex jiżguraw li huma jikkonformaw b’mod konsistenti mal-Artikoli kollha rilevanti ta’ dan ir-Regolament.*

2. *Il-Kummissjoni tista’ tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu l-kontenut minimu ta’ tali dokumenti ta’ konformità. Il-kontenut minimu għandu mill-inqas jinkludi l-pjanijiet ta’ kontinġenza f’każ ta’ tfixkil kbir, jidentifika lil dawk responsabbli biex jagħtu l-għajnuna u drittijiet oħra, l-arranġamenti prattiċi u l-proċeduri li permezz tagħhom jiġu ġestiti l-ilmenti u jingħataw l-għajnuna u l-kumpens, u l-proċeduri u l-formoli għall-komunikazzjoni mal-passiġġieri. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 16c(2).*

3. ***Kwalunkwe trasportatur ieħor li jipprovdi servizzi minn ajruport tal-Unjoni għandu jippreżenta dokument tal-konformità lill-korpi nazzjonali għall-infurzar tal-Istati Membri kollha li fihom jopera u lill-Kummissjoni.***

4. ***It-Trasportaturi tal-Ajru għandhom jirrieżaminaw id-dokumenti ta' konformità tagħhom u jippreżentaw verżjonijiet aġġornati lill-korp jew lill-korpi nazzjonali għall-infurzar rilevanti u lill-Kummissjoni kull tliet snin minn [1 ta' Jannar xxxx].***

5. ***Il-korp nazzjonali għall-infurzar għandu jqis id-dokumenti ta' konformità sottomessi mit-trasportaturi tal-ajru, filwaqt li jiċċekkja, meta jkun possibbli, il-validità tad-dokumenti ta' konformità fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-ilmenti.";*** **[Em. 186]**

(19b) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 16ab
Eżerċizzju tad-delega

1. ***Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

2. ***Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikolu 6c u fl-Artikolu 7 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ ħames snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta’ setgħa mhux aktar tard minn disa’ xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta’ ħames snin. Id-delega ta’ setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta’ żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta’ kull perjodu.***

3. ***Id-delega ta’ setgħa msemmija fl-Artikolu 6c u fl-Artikolu 7 tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta’ setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.***

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6c u l-Artikolu 7 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."; **[Em. 187]**

(19c) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 16ac
Proċedura ta’ kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għad-Drittijiet tal-Passiġġieri, magħmul minn żewġ rappreżentanti ta’ kull Stat Membru u li mill-inqas wieħed minnhom ikun jirrappreżenta korp nazzjonali għall-infurzar. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.”; **[Em. 188]**

(20) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 17
Rieżami u rapport

~~1. Sa ... [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], u kull tlett snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-lista ta' ċirkostanzi straordinarji stabbilita fl-Anness, fid-dawl tal-avvenimenti li jaffettwaw l-operat f'waqtu u effettiv tat-titjiriet li jkunu seħħew matul is-sentejn li jippreċedu kull rapport.~~

~~Meta jkun hemm bżonn, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.~~ **[Em. 189]**

2. Sa ... [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat, l-infurzar u r-riżultati ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar it-titjib fil-protezzjoni tal-passiġġieri tal-ajru fuq titjiriet minn pajjiżi terzi operati minn trasportaturi tal-ajru ta’ pajjiżi terzi.

~~Dak ir-rapport għandu jinkludi wkoll rieżami tal-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 7(1) u l-perċentwali stabbiliti fl-Artikolu 10(2), filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, l-evoluzzjoni tan-nollijiet tal-ajru, ir-rata tal-inflazzjoni u l-istatistika dwar l-imbark miċħud, il-kanċellazzjonijiet, id-dewmien u t-titjiriet ta' konnessjoni mitlufin imputabbli lit-trasportaturi tal-ajru kif ukoll l-istatistika dwar it-tnaqqis fil-grad, matul il-ħames snin preċedenti.~~ **[Em. 190]**

Fir-rapport li għandu jiġi ppreżentat sa ... [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], skont l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll:

(a) ~~il-ħtieġa u l-fattibbiltà tar-reviżjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bil-ħsieb li tkompli ttejjeb il-protezzjoni tal-passiġġieri u l-kundizzjonijiet ekwi bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi, kif ukoll l-aspetti tal-konnettività. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-riskji ta' kunflitt ta' ġuriżdizzjonijiet u d-diffikultajiet relatati mal-infurzar u għandha tirrakkomanda modi biex jittaffew dawk ir-riskji u jiġu indirizzati dawk id-diffikultajiet;~~ **[Em. 191]**

(b) ~~il-ħtieġa tal-aġġustament tal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 7(2) abbażi ta' statistika dwar l-evoluzzjoni tad-dewmien u l-kanċellazzjonijiet waqt il-ħames snin li jippreċedu l-valutazzjoni tal-Kummissjoni u kull sena minn ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju];~~ **[Em. 192]**

(c) il-fattibbiltà ta' aktar awtomatizzazzjoni tat-talbiet ta’ kumpens għad-dewmien jew pagamenti ta’ kumpens għad-dewmien.

Meta jkun hemm bżonn, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi.”;

(21) it-test stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 261/2004.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘(b) "trasportatur tal-ajru tal-Unjoni" għandha tfisser trasportatur tal-ajru b'liċenzja li jopera valida mogħtija minn Stat Membru f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

_____

* Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1008/oj).;’

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

‘(h) "tagħmir ta' mobbiltà" għandha tfisser kwalunkwe tagħmir li huwa maħsub biex jassisti lill-persuni b'diżabbiltà jew lill-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (a) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fil-mobbiltà tagħhom;”

(i) "kelb tal-assistenza rikonoxxut" tfisser kelb imħarreġ speċifikament sabiex iżid l-indipendenza u l-awtodeterminazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà, rikonoxxut uffiċjalment f'konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli, meta jkunu jeżistu regoli bħal dawn;

(j) "format aċċessibbli" tfisser format li jagħti lill-persuna b'diżabbiltà jew lill-persuna b'mobbiltà mnaqqsa aċċess għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti, inkluż billi jingħata lil dik il-persuna aċċess b'mod fattibbli u komdu daqs persuna mingħajr insuffiċjenza jew diżabbiltà, u li jissodisfa r-rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà definiti f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli, b’mod partikolari d-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

(k) "intermedjarju" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, minbarra trasportatur, li tkun qed taġixxi, għal finijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħha, f'isem trasportatur jew passiġġier għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' trasport;"

(l) "oġġett personali" tfisser bagalja li ma għaddietx miċ-check-in, ~~li tikkostitwixxi aspett meħtieġ tal-ġarr tal-passiġġieri,~~ u li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' sigurtà u sikurezza, u jew b'dimensjonijiet massimi ta' 40x30x15cm jew bil-kundizzjoni li toqgħod taħt is-siġġu ta' quddiem is-siġġu li fuqu qed joqgħod il-passiġġier.~~"~~***;* [Em. 193]**

(m) "bagalja tal-idejn" tfisser bagalja li ma għaddietx miċ-check-in li mhix oġġett personali u li tikkonforma mar-rekwiżiti tas-sigurtà u s-sikurezza.

_____

* Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1107/oj).

** Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta’ April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/882/oj).;’

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

‘Ir-responsabbiltà ta’ trasportatur bl-ajru tal-Unjoni fir-rigward tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom għandha tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni ta’ Montreal rilevanti għal din ir-responsabbiltà. Din tinkludi r-responsabbiltà tat-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni fir-rigward tad-dewmien tal-passiġġieri jew tal-bagalji.;’

(3) fl-Artikolu 3, ~~jitħassar~~ il-paragrafu 2~~;~~ ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"2. Fl-ajruporti kollha fl-Unjoni, it-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni u l-groundhandlers li jaġixxi f'ismu għandhom jistabbilixxu servizz li jipprovdi lill-passiġġiera formoli għall-ilmenti li jippermettulhom jissottomettu minnufih ilment dwar ħsara jew dewmien tal-bagalji mal-wasla. Bl-istess mod, it-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni għandu jiżgura li l-passiġġieri jingħataw aċċess faċli u faċli għall-utent għall-formola għall-ilmenti msemmija f'dan il-paragrafu permezz tal-użu tal-kodiċijiet QR. Tali kodiċijiet QR għandhom jiġu kkomunikati u murija b'mod ċar u viżibbli, inkluż fil-postijiet taċ-check-in, fil-punti ta' assistenza tal-ajruport, fil-postijiet minn fejn jitilgħu il-passiġġieri u fuq is-sit web tat-trasportatur tal-ajru jew fuq pjattaforma online ekwivalenti, sabiex il-passiġġieri jkunu jistgħu jaċċessaw il-formola għall-ilmenti malajr u mingħajr diffikultà żejda. Il-formola għall-ilmenti, li tista' tieħu l-forma ta' Rapport dwar Irregolarità fil-Proprjetà (PIR), għandha tiġi aċċettata mit-trasportatur tal-ajru fl-ajruport bħala lment skont l-Artikolu 31(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal. Din il-possibbiltà ma għandhiex taffettwa d-dritt tal-passiġġier li jissottometti lment permezz ta' mezzi oħra fl-iskadenzi mill-Konvenzjoni ta' Montreal.* [Em. 194]**

2a. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex jistabbilixxu l-forma tal-formola għall-ilmenti standardizzata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva jew ta' eżami msemmija fl-Artikolu 6f(2)."; **[Em. 195]**

(4) l-Artikolu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Artikolu 3a

Is-somma supplimentari li, f'konformità mal-Artikolu 22(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6a, tista' tintalab minn trasportatur tal-ajru tal-Unjoni meta passiġġier jagħmel dikjarazzjoni speċjali ta' interess fil-konsenja tal-bagalji tiegħu f'destinazzjoni, għandha tkun ibbażata fuq tariffa li tirrifletti l-ispejjeż addizzjonali tat-trasport u l-assigurazzjoni tal-bagalji vvalutati 'l fuq mil-limitu ta' responsabbiltà. It-tariffa għandha tkun disponibbli għall-passiġġieri fuq talba.';

(5) l-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 5

1. Fil-każ tal-mewt jew tal-korriment ta' passiġġieri, it-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni għandu mingħajr dewmien, u f'kull każ sa mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata wara li tkun ġiet stabbilita l-identità tal-persuna fiżika intitolata għall-kumpens, jagħmel ħlasijiet bħal dawn bil-quddiem kif jista' jkun meħtieġ sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet ekonomiċi immedjati fuq bażi proporzjonata meta titqies it-tbatija mġarrba.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, ħlas bil-quddiem fil-każ ta' mewt ta' passiġġieri ma għandux ikun inqas minn 16 % għal kull passiġġier tal-ammont minimu ta' responsabbiltà stabbilit skont l-Artikolu 21(1) tal-Konvenzjoni ta' Montreal u mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali skont l-Artikolu 24(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal.

3. Ħlas bil-quddiem ma jfissirx rikonoxximent ta' responsabbiltà u jista' jiġi paċut ma' xi somom sussegwenti mħallsa fuq bażi tar-responsabbiltà tat-trasportatur bl-ajru tal-Unjoni, imma ma jistax jingħata lura, minbarra, fil-każijiet previsti fl-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni ta' Montreal jew meta l-persuna li tkun irċeviet il-ħlas bil-quddiem ma tkunx il-persuna intitolata għal kumpens..;

3a. Jekk il-bagalji jintilfu, jittardjaw jew issirilhom ħsara, it-trasportaturi tal-ajru għandhom l-ewwel jikkumpensaw lill-passiġġieri li magħhom ikunu kkonkludew kuntratt qabel ma jkunu jistgħu jressqu kwalunkwe pretensjoni kontra l-ajruporti jew il-fornituri tas-servizzi għall-ħsara, li għaliha ma jkunux neċessarjament responsabbli.'; **[Em. 196]**

(6) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘1. It-trasportaturi bl-ajru kollha għandhom, meta jbigħu t-trasport bl-ajru fl-Unjoni, jiżguraw li sommarju tad-dispożizzjonijiet prinċipali li jirregolaw ir-responsabbiltà għall-passiġġieri u l-bagalji tagħhom, inklużi t-termini previsti għall-azzjoni għal kumpens u l-possibbiltà li jagħmlu dikjarazzjoni speċjali għal bagalji, ikun disponibbli għall-passiġġieri fil-postijiet ta' bejgħ kollha, inkluż bejgħ bit-telefon u permezz tal-Internet. Sabiex jikkonformaw ma' dan l-obbligu ta' informazzjoni, it-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni għandhom jużaw l-avviż misjub fl-Anness. Dan is-sommarju jew avviż ma jistax jintuża bħala bażi għal talba għal kumpens, lanqas biex jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tal-Konvenzjoni ta' Montreal.’; **[Em. 197]**

(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. It-trasportaturi tal-ajru kollha għandhom, meta jbigħu trasport bl-ajru fl-Unjoni, jipprovdu lill-passiġġieri b’mod ċar u aċċessibbli informazzjoni komprensiva dwar il-proċeduri applikabbli li għandhom jiġu segwiti f’każ ta’ telf, dewmien jew ħsara tal-bagalji. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jiżguraw li sommarju tad-dispożizzjonijiet prinċipali li jirregolaw ir-responsabbiltà għall-passiġġieri u l-bagalji tagħhom, inklużi l-iskadenzi previsti għal azzjoni għal kumpens u l-possibbiltà li jagħmlu dikjarazzjoni speċjali għal bagalji, ikun disponibbli għall-passiġġieri fil-postijiet ta’ bejgħ kollha, inkluż bejgħ bit-telefon u permezz tal-Internet. Sabiex jikkonformaw ma’ dan ir-rekwiżit ta’ informazzjoni, it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni għandhom jużaw l-avviż li jinsab fl-Anness. Dan is-sommarju jew avviż ma jistax jintuża bħala bażi għal talba għal kumpens, lanqas biex jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament jew tal-Konvenzjoni ta’ Montreal.”; **[Em. 198]**

(b) fil-paragrafu 2 jiżdied l-inċiż li ġej:

‘– id-dritt li jagħmlu, mingħajr ħlas, dikjarazzjoni speċjali ta' interess dwar il-valur tat-tagħmir ta' mobbiltà tagħhom fejn il-passiġġier huwa persuna b’diżabbiltà jew persuna b’mobbiltà mnaqqsa.’;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

‘3. Fil-każ tat-trasport kollu magħmul mit-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni, il-limiti indikati skont l-obbligi ta' informazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu dawk stabbiliti minn dan ir-Regolament sakemm it-trasportatur bl-ajru tal-Unjoni ma japplikax volontarjament limiti ogħla. Fil-każ tat-trasport kollu magħmul minn trasportaturi bl-ajru ta’ pajjiżi terzi, il-paragrafi 1 u 2 japplikaw biss fir-rigward ta' trasport lejn, minn jew fl-Unjoni.’;

(d) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

‘4. It-trasportaturi tal-ajru kollha għandhom, fuq l-applikazzjonijiet mobbli tagħhom u fuq is-siti web tagħhom, jipprovdu formola li tippermetti lill-passiġġier iressaq minnufih ilment online jew verżjoni stampata dwar bagalji danneġġati, ittardjati jew mitlufa. Id-data tal-preżentazzjoni tal-formola għandha titqies mit-trasportatur tal-ajru bħala d-data li fiha jitressaq l-ilment skont l-Artikolu 31(2) u 31(3) tal-Konvenzjoni ta' Montreal, anke jekk it-trasportatur tal-ajru jitlob aktar informazzjoni aktar 'il quddiem. Dan il-paragrafu ma għandux jaffettwa d-dritt tal-passiġġier li jissottometti lment permezz ta' mezzi oħra fl-iskadenzi mogħtija mill-Konvenzjoni ta' Montreal.

5. L-informazzjoni kollha pprovduta skont dan l-Artikolu, u l-formoli ta' lment, għandhom ikunu f'format aċċessibbli u disponibbli wkoll għal persuni li ma jużawx għodod diġitali.

6. L-obbligi kollha ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll għall-intermedjarji, meta jbigħu trasport bl-ajru lejn, minn jew fl-Unjoni.;’

(7) jiżdiedu l-Artikoli li ġejjin:

‘Artikolu 6a

1. Meta jkun qed iġorr tagħmir ta-’ mobbiltà li ***jkun*** għadda miċ-check-in jew klieb tal-assistenza rikonoxxuti, it-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni għandu ***jgħarraf lill-passiġġieri bid-drittijiet tagħhom u*** jiżgura li kull persuna b-’diżabbiltà jew persuna b-’mobbiltà mnaqqsa tiġi offruta l-għażla li tagħmel dikjarazzjoni speċjali ta-’ interess fit-twassil fid-destinazzjoni, f-’format aċċessibbli, skont l-Artikolu 22(2) tal-Konvenzjoni ta-’ Montreal, meta tibbukkja, fl-istess ħin tan-notifika skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006, u mhux aktar tard minn meta t-tagħmir jingħata f-’idejn it-trasportatur tal-ajru u, fil-każ ta-’ kelb tal-assistenza rikonoxxut, waqt l-imbarkazzjoni. F-’dak il-każ, it-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni ma għandux jimponi ħlas lill-passiġġieri kkonċernati tariffa addizzjonali. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu l-formola mudell li għandha tintuża għal tali dikjarazzjoni ta’ interess. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 6f(2).*** Meta t-tagħmir jinqered, jintilef, issirlu ħsara jew jittardja, jew fil-każ tal-mewt jew tal-korriment ta-’ kelb tal-assistenza rikonoxxut, it-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni jista-’ jitlob prova tal-kost tas-sostituzzjoni, inkluż is-sostituzzjoni temporanja, tat-tagħmir tal-mobbiltà jew tal-kelb tal-assistenza rikonoxxut mill-persuna b-’diżabbiltà jew mill-persuna b-’mobbiltà mnaqqsa biex issostni l-ammont iddikjarat fid-dikjarazzjoni ta’ interess speċjali. **[Em. 199]**

Meta jbigħu trasport bl-ajru f'isem it-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni, l-intermedjarji għandhom ***jgħarrfu lill-passiġġieri bid-drittijiet tagħhom u*** joffru lill-passiġġieri kkonċernati l-għażla li jagħmlu dikjarazzjoni ta' interess speċjali, f'format aċċessibbli, skont l-Artikolu 22(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal, waqt il-prenotazzjoni u fl-istess ħin tan-notifika skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006. Din id-dikjarazzjoni ta' interess speċjali għandha tingħata taħt l-istess kundizzjonijiet kif stipulati fl-ewwel subparagrafu ta' qabel dan. L-intermedjarju għandu jibgħat id-dikjarazzjoni lit-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni malajr kemm jista' jkun. **[Em. 200]**

2. Fil-każ ta' qerda, telf, ħsara jew dewmien fit-trasport ta' tagħmir tal-mobbiltà li għadda miċ-check-in jew fil-każ tal-mewt jew tal-korriment ta' kelb tal-assistenza rikonoxxut, it-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni għandu jkun responsabbli għall-ħlas ta' somma li ma taqbiżx is-somma ddikjarata mill-passiġġier; sakemm ma jurix li s-somma ddikjarata hija akbar mill-interess proprju tal-persuna fit-twassil fid-destinazzjoni.

3. Fejn japplika l-paragrafu 2, u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7, 8 u l-Anness I, ir-raba' subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006, it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha malajr biex jipprovdu sostituzzjonijiet temporanji meħtieġa minnufih għal tagħmir ta' mobbiltà li għadda miċ-check-in u soluzzjonijiet temporanji minflok klieb tal-assistenza rikonoxxuti. Il-persuna b'diżabbiltà jew il-persuna b'mobbiltà mnaqqsa għandha titħalla żżomm dik is-sostituzzjoni temporanja mingħajr ħlas sakemm il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 2 ikun tħallas jew sakemm it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni jkunu kkumpensaw lill-persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-kostijiet tas-sostituzzjoni temporanja meħtieġa tat-tagħmir tal-mobbiltà jew ta' kelb tal-assistenza rikonoxxut.

4. Il-konformità mal-paragrafu 3 ma għandhiex tikkostitwixxi rikonoxximent tar-responsabbiltà tat-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni.

Artikolu 6aa

1. Il-korp nazzjonali għall-infurzar innominat skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 għandu jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, dan għandu jissorvelja:

a) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti tat-trasport bl-ajru;

b) l-offerta sistematika ta' dikjarazzjoni ta' interess speċjali għal tagħmir tal-mobbiltà mgħoddi miċ-check-in, u ta' livell xieraq ta' kumpens fil-każ ta' ħsara kkawżata lit-tagħmir tal-mobbiltà;

c) il-ħlas ta' pagament bil-quddiem skont l-Artikolu 5(1) meta jkun applikabbli;

d) l-applikazzjoni tal-Artikolu 6.

2. Għall-fini ta' monitoraġġ tal-protezzjoni ta' passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa u ta' passiġġieri b'diżabbiltà fil-każ ta' ħsara fit-tagħmir tal-mobbiltà jew tagħmir ta' assistenza tagħhom, il-korp nazzjonali għall-infurzar għandu jeżamina wkoll u jqis l-informazzjoni dwar l-ilmenti dwar tagħmir tal-mobbiltà ppreżentata lill-korpi nnominati skont l-Artikolu 16a tar-Regolament (KE) Nru 261/2004.

3. Is-sanzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri għall-ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

4. Fir-rapporti annwali tagħhom skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004, il-Korpi Nazzjonali għall-Infurzar għandhom jippubblikaw ukoll statistiki dwar l-attivitajiet tagħhom u dwar is-sanzjonijiet li jkunu applikaw fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
[Em. 201]

Artikolu 6b

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, meta jbigħu trasport bl-ajru lejn, minn jew fl-Unjoni, it-trasportaturi tal-ajru u l-intermedjarji kollha għandhom jindikaw b'mod ċar f'format aċċessibbli waqt il-prenotazzjoni, kif ukoll fuq l-applikazzjonijiet mobbli tagħhom u fuq is-sit web tagħhom, u barra minn hekk, fil-każ tat-trasportaturi tal-ajru, jagħmlu disponibbli fuq talba fl-ajruport (inkluż il- magni taċ-check-in fejn wieħed jinqeda waħdu):

– il-kwota massima tal-bagalji f'termini ta' qisien u piż li l-passiġġieri jitħallew iġorru fil-kabina, u fl-istiva tal-inġenju tal-ajru, li tikkorrispondi għall-prezz tal-biljett skont il-klassi ta’ trasport għal kull titjira inkluża fil-prenotazzjoni ta' passiġġier;

– kwalunkwe restrizzjoni fuq l-għadd ta' oġġetti li tiġi applikata fi ħdan kwota massima partikolari tal-bagalji;

– il-kundizzjonijiet li taħthom għandhom jinġarru oġġetti fraġli jew ta' valur, bħal strumenti mużikali, tagħmir tal-isport, pushchairs tat-tfal u siġġijiet tat-trabi fil-kabina tal-passiġġieri jew fl-istiva tal-merkanzija tal-inġenju tal-ajru;

– mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, imposti addizzjonali potenzjali applikati għall-ġarr ta' bagalji li għaddew jew li ma għaddewx miċ-check-in, inkluż strumenti mużikali msemmija fl-Artikolu 6c,

– ir-raġunijiet speċifiċi li jistgħu jipprekludu l-ġarr fil-kabina ta' bagalji li ma jgħaddux miċ-check-in skont il-paragrafu 3.

Is-servizzi tal-ivvjaġġar ewlenin u l-imposti addizzjonali jridu jkunu identifikabbli b'mod ċar u għandhom ikunu jistgħu jinxtraw b'mod separat minn xulxin. **[Em. 202]**

Jekk il-bagalja tal-idejn titneħħa mill-kabina tal-inġenju tal-ajru u titqiegħed fl-istiva qabel ma l-passiġġier jitla' fuq l-inġenju tal-ajru jew qabel tibda t-titjira, din għandha tingħata lura lill-passiġġier meta jkun nieżel mill-inġenju tal-ajru, bħala bagalja tal-idejn. **[Em. 203]**

2. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1107/2006, it-trasportaturi tal-ajru għandhom iħallu lill-passiġġieri jġorru oġġett personali ***u bagalja tal-idejn b'dimensjonijiet massimi ta' 100 cm (it-total tat-tul, tal-wisa' u tal-għoli)*** fil-kabina u mingħajr kost ~~miżjud~~***addizzjonali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 261/2004***. ***Il-kwoti tal-bagalji tal-kabina jistgħu jiġu espressi f'dimensjonijiet massimi jew piżijiet massimi tal-kwota totali li kull passiġġier jista' jtella' miegħu, jew it-tnejn, imma mingħajr ebda restrizzjoni dwar l-għadd speċifiku ta' oġġetti li jinġarru.*** **[Em. 204]**

3. Meta għal raġunijiet speċifiċi, bħal raġunijiet ta' sikurezza, raġunijiet ta' kapaċità jew bidla fit-tip tal-inġenju tal-ajru wara li tkun saret il-prenotazzjoni, ma jkunux jistgħu jiġu trasportati fil-kabina oġġett personali msemmi fil-paragrafu 2 jew bagalja tal-idejn, it-trasportatur tal-ajru jista' jġorr dawk il-bagalji li ma għaddewx miċ-check-in fl-istiva tal-inġenju tal-ajru, iżda mingħajr kost ulterjuri għall-passiġġier.

4. Il-paragrafi 2 u 3 għandhom japplikaw għat-trasportaturi tal-ajru kollha li jitilqu minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplikaw it-Trattati u għat-trasportaturi tal-ajru kollha ~~tal-Unjoni~~ li jaslu fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplikaw it-Trattati. **[Em. 205]**

5. Dan l-Artikolu ma jaffettwax ir-restrizzjonijiet fuq il-bagalji li ma jgħaddux miċ-check-in stabbiliti bir-regoli tal-Unjoni bħal dawk stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998** u bir-regoli internazzjonali dwar is-sigurtà u s-sikurezza.

Artikolu 6c

1. Trasportatur tal-ajru tal-Unjoni għandu jħalli passiġġier iġorr strument mużikali fil-kabina tal-passiġġieri ta' inġenju tal-ajru soġġett għar-regoli ta' sigurtà u sikurezza applikabbli u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u r-restrizzjonijiet tal-inġenju tal-ajru kkonċernat. L-istrumenti mużikali għandhom jiġu aċċettati għat-trasport fil-kabina tal-inġenju tal-ajru dment li dawk l-istrumenti jistgħu jiġu stivati b'mod sigur f'kompartiment xieraq tal-bagalji fil-kabina jew taħt siġġu tal-passiġġieri adatt. ~~Trasportatur tal-ajru jista' jiddetermina li~~***Meta jkun aċċettat li jinġarr fil-kabina tal-inġenju tal-ajru,*** strument mużikali għandu jifforma parti mill-kwota ~~permessa~~ tal-bagalji ~~li ma jgħaddux miċ-check-in ta'~~***tal-idejn ta'*** passiġġier ~~u ma għandux jinġarr b'~~***. It-trasportatur tal-ajru jista' jiddetermina li għandhom japplikaw imposti addizzjonali għal bagalja tal-idejn biex tinġarr b'***żieda ma' dik il-kwota. **[Em. 206]**

2. ~~Soġġett għar-regoli ta' sigurtà u sikurezza applikabbli,~~ Meta strument mużikali jkun kbir wisq biex jiġi stivat b'mod sikur f'kompartiment xieraq tal-bagalji fil-kabina jew taħt siġġu tal-passiġġieri adatt, it-trasportatur tal-ajru jista' jitlob il-ħlas ta' biljett addizzjonali meta t-tali strumenti mużikali jingarru bħala bagalji ~~li ma jgħaddux miċ-check-in~~***tal-idejn*** fuq siġġu ieħor. ~~Barra minn hekk, il-passiġġieri jistgħu jintalbu jagħżlu u jixtru siġġijiet ħdejn xulxin kemm għall-passiġġier kif ukoll għall-istrument mużikali, fejn wieħed dejjem ikun siġġu ħdejn it-tieqa għall-istrument mużikali. Meta disponibbli u jekk jintalab hekk, l-istrumenti~~***Dan il-biljett addizzjonali ma għandux ikun soġġett għall-ħlas tat-taxxa tat-tluq tal-ajruport rilevanti. Meta jinxtara t-tieni siġġu, it-trasportatur tal-ajru għandu jagħmel sforzi raġonevoli biex ipoġġi l-passiġġier u l-istrument*** mużikali ~~għandhom jingarru f'parti msaħħna tal-istiva tal-merkanzija tal-inġenju tal-ajru soġġett għar-regoli ta' sigurtà applikabbli, ir-restrizzjonijiet tal-ispazju u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-inġenju tal-ajru ikkonċernat~~***kkonċernat maġenb xulxin***. **[Em. 207]**

2a. Meta l-ispazju jkun disponibbli u jekk jintalab hekk, l-istrumenti mużikali għandhom jingarru f'parti msaħħna tal-istiva tal-inġenju tal-ajru, soġġett għar-regoli ta' sikurezza applikabbli, ir-restrizzjonijiet tal-ispazju u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-inġenju tal-ajru kkonċernat. It-trasportaturi tal-ajru għandhom jipprovdu tikketti speċjali li għandhom jintwerew b'mod ċar fuq l-istrumenti mużikali biex jiżguraw li dawn jiġu mmaniġġati bil-kura meħtieġa. Huma biss l-istrumenti ppakkjati b'mod xieraq f'kontenitur riġidu u/jew b'qoxra iebsa mfassal b'mod speċifiku għal dawn l-oġġetti li għandhom jitħallew jingarru bħala merkanzija tal-inġenju tal-ajru. **[Em. 208]**

2b. Trasportatur tal-ajru għandu jindika biċ-ċar waqt il-prenotazzjoni u fit-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu l-bażi li fuqha l-istrumenti mużikali se jkunu trasportati, inkluż l-imposti applikabbli, il-faċilitajiet għall-ġarr ta' strumenti mużikali li huma disponibbli fuq l-inġenju tal-ajru kkonċernat u d-dimensjonijiet ta' dawn il-faċilitajiet. Meta jkun hemm bżonn li jiġi pprenotat it-tieni sit, il-passiġġieri għandhom jiġu offruti l-possibbiltà li jipprenotaw dak it-tieni siġġu online. **[Em. 209]**

Artikolu 6d

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għad-Drittijiet tal-Passiġġieri. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."; **[Em. 210]**

---

* Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta’ Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/300/oj).

** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 tal-5 ta' Novembru 2015 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal- istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni (ĠU L 299, 14.11.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/1998/oj).’;

(8) l-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘Artikolu 7

Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa ... [5 ***tliet*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju] dwar l-operat u r-riżultati ta’ dan ir-Regolament.; ***Meta jkun hemm bżonn, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.’;*** **[Em. 211]**

(9) l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2027/97 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

~~Għandu japplika minn ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].~~ **[Em. 212]**

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS I

‘Anness

~~Listi mhux eżawrjenti~~ Lista eżawrjenti ta’ ċirkostanzi li jistgħu jitqiesu bħala ~~meqjusin bħala ċirkostanzi straordinarji u ċirkostanzi li m'għandhomx jitqiesu bħala~~ċirkostanzi straordinarji għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament~~.~~ [Em. 213]

1. Iċ-ċirkostanzi li ġejjin għandhom ***ikunu jistgħu*** jitqiesu bħala straordinarji: **[Em. 214]**

   ~~(a) ċirkostanzi mhux marbutin mal-operazzjoni tal-inġenju tal-ajru, bħal:~~ **[Em. 215]**

   (i) diżastri naturali ~~jew ambjentali~~ li jkunu inkompatibbli mal-operazzjoni sikura tat-titjira; **[Em. 216]**

   (ii) kundizzjonijiet meteoroloġiċi ~~u ħsara lill-inġenju tal-ajru marbuta ma' avvenimenti meteoroloġiċi li jkunu~~ inkompatibbli ~~mal-operazzjoni sikura~~***mas-sikurezza*** tat-titjira ~~(bħal sajjetti, boċċi tas-silġ, maltempati bir-ragħad, turbolenza severa jew riħ qawwi)~~***jew li għamlu ħsara lill-ajruplan waqt it-titjira jew fuq it-tarmak wara r-rilaxx mis-servizz u li jagħmluha impossibbli li t-titjira topera b’mod sikur***; **[Em. 217]**

(iii) ~~gwerer jew irvellijiet li jkunu inkompatibbli mal-operazzjoni sikura tat-titjira~~***gwerra, inkwiet politiku, atti ta' sabotaġġ jew terroriżmu li jagħmluha impossibbli li t-titjira topera b'mod sikur***; **[Em. 218]**

(iv) ~~theddid transfruntier~~***riskji*** għas-saħħa ***jew emerġenzi mediċi li jeħtieġu l-interruzzjoni jew id-devjazzjoni***~~li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 2(1) jew 2(4) tar-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] li jkun inkompatibbli mal-operazzjoni sikura~~ tat-titjira~~;~~ ~~u~~ ***kkonċernata;*** **[Em. 219]**

(v) ~~kolliżjonijiet bejn l-inġenju tal-ajru u għasfur jew~~***ħsara f'inġenju tal-ajru kkawżata minn*** oġġett barrani ~~ieħor li jkunu inkompatibbli mal-operazzjoni sikura tat-titjira~~***li jkun qiegħed fuq ir-runway tal-ajruport***; **[Em. 220]**

~~(b) inċidenti relatati ma' passiġġier, li jinkludu:~~ **[Em. 221]**

(i) ~~inċidenti li jinvolvu passiġġieri indixxiplinati skont it-tifsira tal-Protokoll ta' Montreal tal-2014 li jkunu inkompatibbli mal-operazzjoni sikura tat-titjira jew li jittardjaw it-tluq tat-titjira~~***imġiba ħażina ta' passiġġier li tikkawża lill-bdot fil-kmand tal-inġenju tal-ajru jiddevja t-titjira kkonċernata lejn ajruport li mhuwiex l-ajruport tal-wasla sabiex jitniżżel dan il-passiġġier jew dawn il-passiġġieri u l-bagalji tiegħu/tagħhom***; **[Em. 222]**

~~(ii) riskji għas-saħħa jew emerġenzi mediċi (bħal mard serju) li jiġu skoperti ftit mumenti qabel it-tluq tat-titjira, jew li jirrikjedu l-interruzzjoni jew id-devjazzjoni tat-titjira;~~ **[Em. 223]**

~~(c) inċidenti oħra, bħal:~~ **[Em. 224]**

~~(i) riskji għas-sigurtà, ħsara kkawżata minn atti ta' sabotaġġ jew terroriżmu, jew atti illegali, li jkunu inkompatibbli mal-operazzjoni sikura tat-titjira;~~ **[Em. 225]**

(ii) difetti moħbija tal-manifattura jew tad-disinn***,*** żvelati mill-manifattur jew minn awtorità kompetenti, u li jkun inkompatibbli mal-operazzjoni sikura tat-titjira; **[Em. 226]**

(iii) restrizzjonijiet marbutin mal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru jew mal-kapaċità tal-ajruport ***mhux previsti***, jew l-għeluq tal-ispazju tal-ajru ***mhux previst, inkluż l-għeluq tar-runway mill-awtoritajiet***; **[Em. 227]**

~~(iv) l-għeluq parzjali jew sħiħ mhux skedat ta' ajruport, inkluż nuqqas ta' funzjonament ġenerali fis-sistema tal-ajruport, qtugħ tad-dawl u kollass tal-komunikazzjoni elettronika jew l-attivazzjoni tal-pjan ta' kontinġenza mill-korp ta' amministrazzjoni tal-ajruport;~~ **[Em. 228]**

(v) ~~strajkijiet għand fornituri ta' servizzi essenzjali bħall-korp ta' tmexxija tal-ajruport, il-Fornituri ta' Servizzi ta' Navigazzjoni bl-Ajru, il-fornituri ta' servizzi ta' groundhandling, jew~~***tilwim industrijali mhux previst*** għand it-trasportatur tal-ajru li jopera ~~fejn~~***jew għand fornituri ta’ servizzi essenzjali bħall-ajruporti u l-Fornituri tas-Servizz tan-Navigazzjoni bl-Ajru, minbarra*** l-istrajkijiet ~~ikunu marbuta ma'~~***mill-persunal tal-linja tal-ajru sakemm ma joriġinawx minn*** domandi li ~~ma jaqgħux taħt il-kompetenza tat-trasportatur li jopera~~***jistgħu jissodisfaw biss l-awtoritajiet pubbliċi***; **[Em. 229]**

~~(vi) l-assenza mhux mistennija ta' membru tal-ekwipaġġ essenzjali għall-operazzjoni tat-titjira, minħabba mard jew mewt, meta sseħħ barra mill-bażijiet tas-servizz tat-trasportatur tal-ajru li jopera jew minħabba pandemija;~~ **[Em. 230]**

(vii) ~~ħsara lill-inġenju tal-ajru kkawżata minn partijiet terzi waqt li l-inġenju tal-ajru jkun għadu fuq l-art, li t-trasportatur tal-ajru ma jkunx responsabbli għaliha, u li tkun inkompatibbli mal-operazzjoni sikura tat-titjira~~***ħabta ta' inġenju tal-ajru f'pożizzjoni ta' parkeġġ ma' inġenju tal-ajru ta' linja tal-ajru oħra kkawżata mill-moviment tal-inġenju tal-ajru tal-linja tal-ajru l-oħra***; **[Em. 231]**

~~(viii) ħsara lil tajer ta' inġenju tal-ajru kkawżata minn oġġett barrani li tkun inkompatibbli mal-operazzjoni sikura tat-titjira;~~ **[Em. 232]**

(ix) ***il-preżenza ta' petrol fuq*** runway ~~ikkontaminata ta' ajruport li tkun inkompatibbli mal-operazzjoni sikura tat-titjira~~***li jirriżulta fl-għeluq tal-ajruport u, konsegwentement, id-dewmien sinifikanti ta' titjira lejn jew minn dan l-ajruport, dment li l-petrol ma jkunx ġej minn inġenju tal-ajru tat-trasportatur tal-ajru li jkun qiegħed jopera t-titjira***; **[Em. 233]**

~~(x) nuqqasijiet mhux mistennija fis-sikurezza tat-titjira f'tagħmir tal-inġenju tal-ajru li ma jkunx f'livelli aċċettabbli ta' operazzjoni kif definit fil-Lista tat-Tagħmir Minimu ta' Referenza jew fil-kundizzjonijiet minimi għall-operazzjoni tat-tagħmir stabbiliti fiha u li ma setgħux jiġu rimedjati matul manutenzjoni preventiva (kif previst taħt il-paragrafu 2(a)); u~~ **[Em. 234]**

~~(xi) wara t-tluq, riskji għas-saħħa jew emerġenzi mediċi (bħal mard serju) ta' membru tal-ekwipaġġ li jirrikjedu l-interruzzjoni jew id-devjazzjoni tat-titjira.~~ **[Em. 235]**

(xia) ħabta bejn inġenju tal-ajru u għasfur u kwalunkwe ħsara kkawżata minn ħabta bħal din; **[Em. 236]**

(xib) nuqqas ta' persunal fl-ajruport li jipprovdi servizzi ta' tagħbija tal-bagalji; **[Em. 237]**

***(xic) konġestjoni fl-ajruport minħabba kundizzjonijiet meteoroloġiċi, li tirriżulta f'obbligu fuq l-operatur tal-inġenju tal-ajru li jdewwem jew jikkanċella t-titjira;* [Em. 238]**

***(xid) ħsara ġeneralizzata fis-sistema ta' riforniment tal-inġenju tal-ajru, fejn l-ajruport ta' oriġini tat-titjira jew tal-inġenju tal-ajru kkonċernat ikun responsabbli għas-sistema ta' riforniment tal-inġenju tal-ajru.* [Em. 239]**

~~2. Il-lista ta' ċirkostanzi li ġejja ma għandhiex titqies bħala ċirkostanzi straordinarji:~~

~~(a) problemi tekniċi li setgħu jissewwew matul manutenzjoni preventiva f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tal-Unjon għall-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenju tal-ajru;~~

~~(b) deċiżjonijiet operazzjonali u dewmien fil-proċeduri relatati mal-ekwipaġġ, maċ-check-in u mat-tlugħ abbord; u~~

~~(c) nuqqas ta' disponibbiltà tal-ekwipaġġ tat-titjira jew tal-ekwipaġġ tal-kabina (sakemm ma jkunx ikkawżat minn strajkijiet msemmija fil-paragrafu 1(c)(v) jew minn assenzi mhux mistennija minħabba mard jew mewt imsemmija fil-paragrafu 1(c)(vi)).~~

~~Ir-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE (ĠU L 314, 6.12.2022, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2371/oj).”~~ **[Em. 240]**

ANNESS II

“Anness

Avviż ta' informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6

AVVIŻ TA’ INFORMAZZJONI DWAR IR-RESPONSABBILTÀ TAT-TRASPORTATUR BL-AJRU GĦALL-PASSIĠĠIERI U L-BAGALJI TAGĦHOM

Dan l-avviż ta' informazzjoni jiġbor fil-qosor ir-regoli dwar ir-responsabbiltà applikati mit-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni kif meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni ta' Montreal.

Kumpens fil-każ tal-mewt jew tal-korriment

Ma hemm l-ebda limiti finanzjarji għar-responsabbiltà għall-korriment jew il-mewt ta' passiġġier ikkawżata minn inċident abbord l-inġenju tal-ajru jew matul l-operazzjonijiet ta' imbarkazzjoni jew żbark.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni ta' Montreal dwar l-eżonerazzjoni tat-trasportatur bl-ajru, għal danni sal-limitu taħt l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni ta' Montreal kif aġġornata mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali skont l-Artikolu 24(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal [it-trasportatur bl-ajru għandu jindika fil-parentesi l-ammont approssimattiv fil-munita lokali], it-trasportatur bl-ajru ma jistax jeskludi jew jillimita r-responsabbiltà tiegħu. Jekk jinqabeż dak l-ammont, it-trasportatur bl-ajru ma jkunx responsabbli jekk huwa jagħti prova li:

- il-ħsara ma tkunx ġiet ikkawżata min-negliġenza jew attività illeċita jew ommissjoni oħra tat-trasportatur bl-ajru jew tal-ħaddiema jew l-aġenti tiegħu, jew

- il-ħsara tkun ġiet ikkawżata biss min-negliġenza jew attività illeċita jew ommissjoni oħra ta' parti terza.

Ħlasijiet bil-quddiem

Jekk passiġġier imut jew ikorri, it-trasportatur bl-ajru għandu jagħmel ħlas bil-quddiem, biex ikopri l-ħtiġijiet ekonomiċi immedjati, fi żmien 15-il jum minn meta tiġi identifikata l-persuna intitolata għall-kumpens. F'każ ta' mewt, dan il-ħlas bil-quddiem ma għandux ikun inqas minn 16 % tal-limitu taħt l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni ta' Montreal kif aġġornata mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali skont l-Artikolu 24(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal [it-trasportatur bl-ajru għandu jindika fil-parentesi l-ammont approssimattiv fil-munita lokali].

DEWMIEN IKKAWŻAT LILL-PASSIĠĠIERI

Fil-każ ta' ittardjar ta’ passiġġier, it-trasportatur bl-ajru huwa responsabbli għall-ħsara sakemm ma jkunx ħa l-miżuri kollha raġonevoli biex jevita l-ħsara jew sakemm ma kienx impossibbli li jittieħdu tali miżuri. Ir-responsabbiltà għall-ittardjar tal-passiġġier hija limitata għal-limitu taħt l-Artikolu 22(1) tal-Konvenzjoni ta' Montreal kif aġġornata mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali skont l-Artikolu 24(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal [it-trasportatur bl-ajru għandu jindika fil-parentesi ammont approssimattiv fil-munita lokali].

DEWMIEN TAL-BAGALJI

F'każ ta' dewmien tal-bagalji, it-trasportatur bl-ajru huwa responsabbli għal ħsara sal-limitu taħt l-Artikolu 22(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal kif aġġornata mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali skont l-Artikolu 24(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal [it-trasportatur bl-ajru għandu jindika fil-parentesi l-ammont approssimattiv fil-munita lokali], fejn il-limitu tal-kumpens ikun applikabbli għal kull passiġġier u mhux għal kull bagalja li tkun għaddiet miċ-check-in. It-trasportatur bl-ajru ma għandux ikun responsabbli meta jkun ħa l-miżuri raġonevoli kollha biex jevita l-ħsara li tirriżulta minn tali dewmien jew meta kien impossibbli li jieħu t-tali miżuri.

QERDA, TELF JEW ĦSARA TAL-BAGALJI

It-trasportatur bl-ajru huwa responsabbli għal ħsara sal-limitu taħt l-Artikolu 22(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal kif aġġornata mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali skont l-Artikolu 24(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal [it-trasportatur bl-ajru għandu jindika fil-parentesi l-ammont approssimattiv fil-munita lokali], fejn il-limitu tal-kumpens ikun applikabbli għal kull passiġġier u mhux għal kull bagalja.

F'każ ta' ħsara jew telf ta' bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in, it-trasportatur bl-ajru huwa responsabbli sakemm il-ħsara ma tkunx ġiet ikkawżata minn difett, kwalità jew problema inerenti tal-bagalji.

~~F'każ ta'~~ ***Fil-każ ta'*** bagalji li ma jkunux għaddew miċ-check-in (bagalji tal-idejn), ~~li jinkludu~~***inklużi*** oġġetti personali, it-trasportatur bl-ajru huwa responsabbli biss jekk il-ħsara li tirriżulta tkun it-tort tiegħu jew tal-ħaddiema jew l-aġenti tiegħu. **[Em. 241]**

LIMITI OGĦLA GĦALL-BAGALJI

Passiġġier jista' jibbenefika minn limitu ogħla ta' responsabbiltà billi jagħmel dikjarazzjoni speċjali 'l aktar tard, maċ-check-in, u billi jħallas tariffa supplimentari jekk ikun hemm bżonn. Dik it-tariffa supplimentari għandha tkun ibbażata fuq tariffa li tkun relatata mal-kostijiet addizzjonali involuti fit-trasport u l-assigurazzjoni tal-bagalji kkonċernati 'l fuq mil-limitu ta' responsabbiltà taħt l-Artikolu 22(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal kif aġġornata mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali skont l-Artikolu 24(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal [***(***it-trasportatur bl-ajru għandu jindika fil-parentesi l-ammont approssimattiv fil-munita lokali]***)***. It-tariffa għandha tkun disponibbli għall-passiġġieri fuq talba. **[Em. 242]**

Waqt il-prenotazzjoni, fl-istess ħin tan-notifika skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006, u mhux aktar tard minn meta t-tagħmir jingħata lit-trasportatur bl-ajru u, fil-każ ta' kelb tal-assistenza rikonoxxut, mal-imbarkazzjoni, il-passiġġieri b'diżabbiltà u l-passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa għandhom jiġu offruti b'mod sistematiku l-għażla li jagħmlu dikjarazzjoni speċjali ta' interess, f'format aċċessibbli għat-trasport, mingħajr kost addizzjonali, tat-tagħmir tal-mobbiltà tagħhom jew tal-kelb tal-assistenza rikonoxxut tagħhom.

EŻONERAZZJONI

Jekk it-trasportatur jagħti prova li kwalunkwe ħsara koperta bir-regoli dwar ir-responsabbiltà applikati mit-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 2027/97 u l-Konvenzjoni ta' Montreal, inkluż mewt jew korriment, kienet ikkawżata jew ikkontribwita min-negliġenza jew attività illeċita jew ommissjoni oħra tal-persuna li tkun qed titlob kumpens, jew il-persuna li mingħandha tieħu d-drittijiet tagħha, it-trasportatur għandu jkun eżonerat kompletament jew parzjalment mir-responsabbiltà tiegħu fil-konfront tar-rikorrent sa fejn tali negliġenza jew attività illegali jew ommissjoni tkun ikkawżat jew ikkontribwiet għall-ħsara.

~~Skadenza għall-ilmenti rigward il-bagalji~~***LIMITU TAŻ-ŻMIEN GĦALL-ILMENTI DWAR IL-BAGALJI*** **[Em. 243]**

F'każ ta' ħsara, dewmien, telf jew qerda tal-bagalji, jeħtieġ li l-passiġġier fil-każijiet kollha jressaq ilment quddiem it-trasportatur bl-ajru malajr kemm jista' jkun. Jeħtieġ li l-passiġġier iressaq ilment fi żmien sebat ijiem f'każ ta' ħsara lil bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in, u fi żmien 21 jum f'każ li l-bagalji jdumu ma jaslu, fiż-żewġ każijiet mid-data li fiha l-bagalji jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-passiġġier. Għal dak l-għan, il-passiġġieri jistgħu jsibu formola ddedikata fuq is-siti web u fuq l-applikazzjonijiet online tat-trasportaturi bl-ajru li tista' tiġi ppreżentata bil-miktub jew online. Tali formola ta' lment jeħtieġ li tiġi aċċettata mit-trasportatur bl-ajru fl-ajruport bħala lment. Id-data tal-preżentazzjoni ta' tali lment għandha titqies mit-trasportatur bl-ajru bħala d-data li fiha jitressaq l-ilment skont l-Artikoli 31(2) u 31(3) tal-Konvenzjoni ta' Montreal, anke jekk it-trasportatur bl-ajru jitlob aktar informazzjoni aktar 'il quddiem.

RESPONSABBILTÀ TAT-TRASPORTATURI BL-AJRU KONTRAENTI U EFFETTIVI

Jekk it-trasportatur bl-ajru li effettivament jagħmel it-titjira ma jkunx l-istess bħat-trasportatur bl-ajru kontraenti, il-passiġġier għandu d-dritt li jindirizza lment jew jagħmel talba għal indennizz kontra wieħed mit-trasportaturi bl-ajru. Dan jinkludi każijiet fejn ikun sar qbil dwar dikjarazzjoni speċjali ta' interess fil-mument tal-konsenja ma' kwalunkwe wieħed miż-żewġ trasportaturi l-ajru.

SKADENZA GĦAL RIKORS

Kull rikors fil-qorti biex issir talba għal indennizz jeħtieġ li jsir fi żmien sentejn mid-data li fiha jkun wasal l-inġenju tal-ajru, jew mid-data li fiha l-inġenju tal-ajru suppost ikun wasal.

QERDA, TELF, ĦSARA JEW DEWMIEN TA' TAGĦMIR TAL-MOBBILTÀ

It-trasportatur bl-ajru huwa responsabbli għall-qerda, it-telf, il-ħsara jew id-dewmien ta' tagħmir tal-mobbiltà sal-limitu taħt l-Artikolu 22(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal skont l-Artikolu 24(2) tal-Konvenzjoni ta' Montreal [it-trasportatur bl-ajru għandu jindika fil-parentesi l-ammont approssimattiv fil-munita lokali], fejn il-limitu tal-kumpens ikun applikabbli għal kull passiġġier u mhux għal kull bagalja.

Passiġġier jista' jibbenefika, mingħajr ebda kost addizzjonali, minn limitu ogħla ta' responsabbiltà billi jagħmel dikjarazzjoni speċjali li fiha jispeċifika l-kost tas-sostituzzjoni tat-tagħmir tal-mobbiltà tiegħu, mhux aktar tard miċ-check-in.

F'każ ta' qerda, telf, ħsara jew dewmien ta' tagħmir tal-mobbiltà, it-trasportatur bl-ajru għandu jħallas kumpens li ma jaqbiżx is-somma ddikjarata fid-dikjarazzjoni speċjali.

Qabel iħallas dan il-kumpens, it-trasportatur bl-ajru għandu jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha biex jipprovdi immedjatament sostituzzjonijiet temporanji meħtieġa għat-tagħmir ta' mobbiltà lil hinn minn meta jintemm il-vjaġġ tal-passiġġieri kkonċernati.

BAŻI GĦALL-INFORMAZZJONI

Il-bażi għar-regoli deskritti hawn fuq hija l-Konvenzjoni ta' Montreal tat-28 ta' Mejju 1999, li hija implimentata fl-Unjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 2027/97 (kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 889/2002 u bir-Regolament (UE)[1]) u fl-Istati Membri permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza ta' dan ir-Regolament emedatorju.’.